downstream⁵; (ii) attivitajiet taħt is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksibu emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti⁶; (iii) attivitajiet relatati ma' landfills tal-iskart, incineraturi⁷ u impjanti tat-trattament mekkaniku bijologiku⁸; u (iv) attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent. It-termini ta' referenza għandhom jeħtieġu wkoll li jistgħu jintgħażlu biss attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

Investiment: 2.2.1.2.i. Appoġġ għad-diġitalizzazzjoni tal-proċessi f'attivitajiet kummerċjali

L-obiettivi tal-investment huma li jippromwovi żieda fil-produttività permezz ta' investment immirat ta' riżorsi, u li joħloq valur miżjud ogħla fil-proċessi tal-entità.

L-investment jikkonsisti fi skema ta' għotjiet għad-diġitalizzazzjoni tal-proċessi u l-funzjonijiet fl-entitajiet. L-appoġġ jista' jingħata għall-akkwist ta' soluzzjonijiet tal-IT, kemm software kif ukoll hardware, l-akkwist ta' sensuri, ix-xiri ta' tagħmir tal-IT, l-infrastruttura tal-IT, l-implimentazzjoni ta' proċessi ta' integrazzjoni diġitali.

L-investment għandu jiġi implimentat sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment: 2.2.1.3.i. Appoġġ għall-introduzzjoni ta' prodotti u servizzi ġodda fin-negozju

L-obiettivi tal-investment huwa li jippromwovi l-ħolqien ta' prodotti u servizzi diġitali ġodda ta' teknoloġija avvanzata.

L-investment jikkonsisti fi skema ta' għotjiet għall-introduzzjoni ta' għodod moderni ta' awtomatizzazzjoni, robotizzazzjoni u kontroll tax-xogħol fil-proċessi tal-manifattura u tal-iżvilupp tas-servizzi, kif ukoll biex tiġi appoġġata l-introduzzjoni ta' soluzzjonijiet personalizzati tal-kummerċ elettroniku. Attivitajiet appoġġati għal prodotti u servizzi diġitali ġodda jinkludu studji ta' fattibbiltà; riċerka industrijali; żvilupp sperimentali, inkluż il-ħolqien ta' prototipi; u appoġġ għal proġetti taħt il-programm Ewropa Diġitali.

L-investment għandu jiġi implimentat sat-30 ta' Ġunju 2026.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "Bla ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu f'termini ta' referenza għal sejħiet għal proġetti li ġejjin għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejja: (i) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu

⁵ Ħlief għal proġetti fl-ambitu ta' din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll fl-infrastruttura ta' trażmissjoni u distribuzzjoni relatata, li jużaw il-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "Do no significant harm" (2021/C58/01).

⁶ Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumiex sostanzjalment anqas mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

⁷ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

⁸ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

downstream⁹; (ii) attivitajiet taħt is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti¹⁰; (iii) attivitajiet relatati ma' landfills tal-iskart, incineraturi¹¹ u impjanti tat-trattament mekkaniku bijologiku¹²; u (iv) attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent. It-termini ta' referenza għandhom jeħtieġu wkoll li jistgħu jintgħażlu biss attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

Investiment: 2.2.1.4.i. Strumenti finanzjarji biex tiġi ffaċilitata t-trasformazzjoni diġitali tal-operaturi ekonomiċi

L-objettivi tal-investment huma li tingħata spinta lill-produttività u l-effiċjenza tal-proċess tal-produzzjoni għar-redditi massimi billi jiġu appoġġati investimenti fuq skala kbira u orjentati lejn il-produttività f'għodod ta' trasformazzjoni diġitali. L-investimenti għandhom jiffaċilitaw l-introduzzjoni tas-soluzzjonijiet tal-Industrija 4.0 fil-proċessi tal-produzzjoni.

L-investment jikkonsisti fi skema ta' strument finanzjarju li tipprovdi self b'elementi ta' għotja biex isiru bidliet sinifikanti fil-proċess ġenerali tal-produzzjoni jew tal-iżvilupp tas-servizzi, biex jiġu diġitalizzati l-proċessi tradizzjonali fil-kumpaniji, jiġu introdotti soluzzjonijiet tal-Industrija 4.0 (l-internet tal-oġġetti, l-intelliġenza artifiċjali, it-tagħlim awtomatiku, il-blockchain, il-big data, il-cloud computing ta' prestazzjoni għolja (HPC)) għan-negozju ewlieni tal-kumpaniji.

L-investment għandu jiġi implimentat sat-30 ta' Ġunju 2026.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "Bla ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu f'termini ta' referenza għal sejħiet għal proġetti li ġejjin għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejja: (i) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream¹³; (ii) attivitajiet taħt is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti¹⁴; (iii) attivitajiet relatati ma' landfills tal-iskart, incineraturi¹⁵ u impjanti tat-trattament

⁹ Ħlief għal proġetti fl-ambitu ta' din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll fl-infrastruttura ta' trażmissjoni u distribuzzjoni relatata, li jużaw il-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "Do no significant harm" (2021/C58/01).

¹⁰ Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumiex sostanzjalment anqas mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

¹¹ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

¹² Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

¹³ Ħlief għal proġetti fl-ambitu ta' din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll fl-infrastruttura ta' trażmissjoni u distribuzzjoni relatata, li jużaw il-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "Do no significant harm" (2021/C58/01).

¹⁴ Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumiex sostanzjalment anqas mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

¹⁵ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li

mekkaniku bijologiku¹⁶; u (iv) attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent. It-termini ta' referenza għandhom jeħtieġu wkoll li jstgħu jintgħażlu biss attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

Investiment: 2.2.1.5.i. It-trawwim tat-trasformazzjoni diġitali tal-kumpaniji tal-media

L-objettivi tal-investment huma li jiffaċilita t-trasformazzjoni diġitali tas-settur tal-media u li jiffaċilita l-adattament tal-kumpaniji tal-media għax-xejriet moderni tal-konsum tal-media fl-ambjent diġitali.

L-investment jikkonsisti fi skema ta' appoġġ għal investimenti fl-iżvilupp ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi u fit-titjib tal-ħiliet diġitali u l-mudelli tan-negozju fis-settur tal-midja.

L-investment għandu jiġi implimentat sat-30 ta' Ġunju 2026.

Riforma: 2.3.1.r. L-iżvilupp ta' qafas ta' appoġġ sostenibbli u soċjalment responsabbli għat-tagħlim għall-adulti

L-objettivi tar-riforma huma li tiżdied ir-rata tal-parteciġazzjoni fit-tagħlim għall-adulti għal 8 % (adulti ta' bejn il-25 u l-64 sena) sal-31 ta' Diċembru 2025 u li jiġi ffaċilitat l-ilħuq ta' miri oħra stabbiliti fil-Linji Gwida għall-Iżvilupp tal-Edukazzjoni 2021-2027. Ir-riforma għandha tistabbilixxi u ssaħħaħ il-qafas legali għal sistema ta' appoġġ sostenibbli u soċjalment responsabbli għat-tagħlim għall-adulti; jinkoraġġixxu lill-intrapriżi (speċjalment l-SMEs) biex jipprovdu lill-impjegati tagħhom b'opportunitajiet biex itejbu l-ħiliet u l-kompetenzi tagħhom; u joħlqu aktar opportunitajiet u drittijiet għall-impjegati biex jipparteċipaw fl-edukazzjoni u t-taħriġ.

Ir-riforma tikkonsisti f'sett ta' miri ta' żvilupp tal-politika stabbiliti fil-Linji Gwida għall-Iżvilupp tal-Edukazzjoni 2021–2027 li jidħlu fis-seħħ; l-istabbiliment tar-responsabbiltajiet tal-intrapriżi għall-edukazzjoni u t-taħriġ tal-impjegati tagħhom; l-istabbiliment u l-pilotaġġ ta' kontijiet individwali tal-apprendiment; u l-pilotaġġ ta' tliet fondi għall-ħiliet.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment: 2.3.1.1.i. L-iżgurar tal-akkwist ta' ħiliet diġitali avvanzati

L-objettiv tal-investment huwa li jiżdied b'mod sinifikanti l-għadd ta' speċjalisti b'ħiliet diġitali ta' livell għoli (livelli 3–5 tad-DESI) li jkunu jstgħu japplikaw għarfien teknoloġiku għoli u prodotti u servizzi ġodda intensivi fit-teknoloġija għall-iżvilupp ta' prodotti u servizzi ġodda f'setturi differenti fis-sitt snin li ġejjin.

L-investment jikkonsisti fl-iżvilupp ta' madwar 20 modulu avvanzat ta' taħriġ fil-ħiliet diġitali fit-teknoloġiji kwantistiċi, l-HPC u t-teknoloġiji tal-lingwa li għandhom jiġu inklużi fil-programmi ta' edukazzjoni u taħriġ formali u għall-adulti.

L-investment għandu jiġi implimentat sal-31 ta' Awwissu 2026.

tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

¹⁶ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f' impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

Investiment: 2.3.1.2.i. L-iżvilupp tal-ħiliet diġitali tal-intrapriżi

L-objettiv tal-investiment huwa li jżied il-livell tal-ħiliet diġitali fil-kumpanji.

L-investiment jikkonsisti fl-għoti ta' taħriġ bażiku fil-ħiliet diġitali mill-Hubs Ewropej ta' Innovazzjoni Diġitali f'kooperazzjoni ma' assoċjazzjonijiet settorjali, istituzzjonijiet edukattivi u bl-involvement taċ-Ċentri Reġjonali tan-Negozju eżistenti.

L-investiment għandu jiġi implimentat sat-30 ta' Ġunju 2026 għall-forniment ta' taħriġ fil-ħiliet diġitali għall-impjegati f' 2 521 intrapriża.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "Bla ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu f' termini ta' referenza għal sejħiet għal proġetti li ġejjin għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejja: (i) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream¹⁷; (ii) attivitajiet taħt is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti¹⁸; (iii) attivitajiet relatati ma' landfills tal-iskart, incineraturi¹⁹ u impjanti tat-trattament mekkaniku bijoloġiku²⁰; u (iv) attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent. It-termini ta' referenza għandhom jeħtieġu wkoll li jistgħu jintgħażlu biss attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

Investiment: 2.3.1.3.i. L-iżvilupp ta' approċċ ta' taġħlim awtoġestit għall-ispeċjalisti tal-ICT

L-objettivi tal-investiment huma li jiġi żviluppat approċċ ġdid għat-tħejjija ta' speċjalisti tal-ICT, filwaqt li jinħoloq ambjent ta' taġħlim għat-tagħlim tal-ICT ġestit minnhom infushom biex jżied is-sehem ta' speċjalisti tal-ICT, inklużi n-nisa, fl-istruttura tal-impjegati.

L-investiment jikkonsisti fl-iżvilupp ta' ambjent ta' taġħlim għat-taħriġ fl-ICT awtoġestit u l-għoti ta' taħriġ għal mill-inqas 1000 professjonist fit-tagħlim tal-ICT ġestit minnhom infushom.

L-investiment għandu jiġi implimentat sal-31 ta' Awwissu 2026.

Investiment: 2.3.1.4.i. L-iżvilupp tal-approċċ tal-kont individwali tal-apprendiment

L-objettivi tal-investiment huma li jiġi żviluppat u approvat il-kunċett ta' kontijiet individwali tal-apprendiment (ILAs) sabiex tiġi stimolata l-parteċipazzjoni tal-adulti fl-edukazzjoni, b'mod partikolari t-titjib tal-ħiliet diġitali.

L-investiment jikkonsisti fl-appoġġ ta' 3500 adult biex jiksbu ħiliet diġitali permezz ta' kontijiet individwali tal-apprendiment. Dan għandu jiġi implimentat billi l-aħjar għodod ta' taġħlim diġitali

¹⁷ Ħlief għal proġetti fl-ambitu ta' din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll fl-infrastruttura ta' trażmissjoni u distribuzzjoni relatata, li jużaw il-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "Do no significant harm" (2021/C58/01).

¹⁸ Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumiex sostanzjalment anqas mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhumiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokkazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

¹⁹ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f' impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

²⁰ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f' impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

jsiru disponibbli; l-użu ta' soluzzjonijiet speċjalizzati għal traduzzjoni awtomatika ta' kwalità għolja u teknoloġiji oħra tal-intelliġenza artifiċjali, li jinvolvu esperti fl-edukazzjoni fil-validazzjoni u l-adattament ta' kontenut lokalizzati.

L-investment għandu jiġi implimentat sal-31 ta' Awwissu 2026.

Riforma: 2.3.2.r. Ħiliet diġitali għat-trasformazzjoni diġitali tas-soċjetà u l-gvern

L-objettiv tar-riforma huwa li jinkiseb mill-inqas livell bażiku ta' ħiliet diġitali għal 54 % tal-abitanti ta' bejn is-16 u l-74 sena.

Ir-riforma tikkonsisti fi żvilupp tal-qafas komuni għall-valutazzjoni tal-ħiliet diġitali bażiċi, l-identifikazzjoni u l-ippjanar tal-ħtiġijiet ta' taħriġ u l-valutazzjoni.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sal-31 ta' Diċembru 2022 fir-rigward tal-istabbiliment tal-qafas, l-31 ta' Diċembru 2022 għall-emendar tal-istandards tal-edukazzjoni għolja u l-31 ta' Awwissu 2026 biex jintlaħqu l-miri tat-titjib tal-ħiliet diġitali.

Investiment: 2.3.2.1.i. Ħiliet diġitali għaċ-ċittadini, inklużi iż-żgħażaġh

L-objettivi tal-investment huma li jipprovdi miżuri ta' appoġġ għall-kisba ta' ħiliet diġitali għaċ-ċittadini mill-gruppi kollha tas-soċjetà, speċjalment iż-żgħażaġh; l-introduzzjoni ta' approċċ sistemiku fil-muniċipalitajiet għall-iżvilupp tal-ħiliet diġitali; l-iżvilupp tal-litteriżmu diġitali u teknoloġiku taż-żgħażaġh barra mill-edukazzjoni formali.

L-investment jikkonsisti fl-iżvilupp ta' ħiliet diġitali self-service (korsijiet ta' taġlim elettroniku); l-għoti ta' awtotahriġ u miżuri oħra ta' taħriġ diġitali fil-livell lokali; attivitajiet ta' innovazzjoni teknoloġika f'konformità mal-Linji Gwida Konġunti dwar il-Kreattività tat-Teknoloġija għall-iżvilupp tat-teknoloġija taż-żgħażaġh u l-kapaċità tal-innovazzjoni; programmi tal-muniċipalitajiet għaż-żgħażaġh. L-investment għandu l-għan li jipprovdi ħiliet diġitali bażiċi għal mill-inqas 50 000 persuna, u jlesti programmi ta' ħiliet diġitali għaż-żgħażaġh fit-42 muniċipalità kollha.

L-investment għandu jiġi implimentat sal-31 ta' Diċembru 2024 għall-iżvilupp ta' korsijiet ta' taġlim elettroniku; it-taħriġ, l-attivitajiet ta' innovazzjoni teknoloġika u l-programmi tal-muniċipalità għandhom jiġu implimentati sal-31 ta' Awwissu 2026.

Investiment: 2.3.2.2.i. L-iżvilupp ta' ħiliet u kapaċitajiet ta' trasformazzjoni diġitali tal-gvern statali u lokali

L-objettivi tal-investment huma li jżiedu l-ħiliet tal-impjegati tal-amministrazzjoni pubblika fit-trasformazzjoni diġitali u l-użu taġghom tat-teknoloġiji, sabiex jiġu żviluppati politiki adatti għall-era diġitali.

L-investment jikkonsisti fiż-żieda tal-kompetenza u l-kapaċità diġitali tal-gvern nazzjonali u tal-impjegati tal-gvern lokali, inkluż l-ippjanar tat-trasformazzjoni diġitali u l-ġestjoni tat-tibdil, l-użu tal-analitika tad-data, l-intelliġenza artifiċjali u teknoloġiji moderni oħra biex jiġu mmodernizzati l-operazzjonijiet u s-servizzi, il-ġestjoni flessibbli tal-proġetti tal-ICT, l-użu ta' infrastrutturi diġitali moderni u l-ġestjoni.

L-investment għandu jiġi implimentat sal-30 ta' Ġunju 2023 għall-qafas tal-ħiliet u l-kompetenza diġitali u sal-31 ta' Awwissu 2026 għat-titjib tal-ħiliet diġitali għall-impjegati tal-amministrazzjoni pubblika.

Investiment: 2.3.2.3.i. L-għeluq tad-distakk diġitali għall-istudenti u l-istituzzjonijiet edukattivi soċjalment vulnerabbli

L-objettivi tal-investment huma li jipprovdi aċċess għall-kontenut tat-tagħlim u jippermetti l-parteċipazzjoni fil-proċess ta' tagħlim mill-bogħod għall-istudenti minn gruppi soċjalment vulnerabbli. Qafas għall-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni tat-tagħlim mill-bogħod fl-istituzzjonijiet edukattivi se jiġi approvat sa tmiem l-2021.

L-investment jikkonsisti fix-xiri ta' tagħmir tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għall-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ġenerali, b'appoġġ immirat għal studenti minn gruppi soċjalment vulnerabbli, għalliema u l-ħolqien ta' "librerija tal-kompjuter" fl-istituzzjonijiet edukattivi. L-investment għandu jiġi implimentat sal-31 ta' Diċembru 2023.

Riforma 2.4.1.r. Żvilupp tal-infrastruttura tal-broadband

L-objettivi tar-riforma huma li tippromwovi sewqan awtomatizzat konness u li tappoġġa l-mobbiltà sostenibbli, inkluż billi ttejjeb is-sikurezza fit-toroq permezz tal-innovazzjoni.

Ir-riforma tikkonsisti fl-adozzjoni ta' rekwiżiti tekniċi għal sewqan konness u awtomatizzat, u l-adozzjoni ta' mudell komuni għall-iżvilupp tal- "aħħar mil".

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sal-31 ta' Diċembru 2021.

Investiment: 2.4.1.1.i. [imħassar]

Investiment: 2.4.1.2.i. Żvilupp tal-infrastruttura tal- "aħħar mil" tan-netwerk tal-broadband jew ta' kapaċità għolja ħafna

L-objettivi tal-investment huma li jinħolqu opportunitajiet għall-iżvilupp reġjonali u tiġi stimolata d-domanda għal servizzi diġitali ġodda.

L-investment jikkonsisti fil-provvista ta' 6200 unità domestika, negozju u mutur soċjoekonomiku b'aċċess għal network tal-broadband b'kapaċità għolja ħafna.

L-investment għandu jiġi implimentat sal-31 ta' Awwissu 2026.

B.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Nru	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
27	2.1.1.r. II-modernizzazzjoni tal-proċessi u s-servizzi nazzjonali u t-trasformazzjoni diġitali	Stadju importanti	L-istabbiliment ta' qafas għall-ġestjoni unifikata tal-governanza tal-attivitajiet ta' żvilupp tal-ICT fl-amministrazzjoni pubblika	Dħul fis-seħħ tal-qafas legali	MHUX APPLIKA BBLI	MHUX APPLIK ABBLI	MHUX APPLIKAB BLI	Q1	2022	<p>Daħlu fis-seħħ regolamenti tal-Kabinett tal-Ministri li jistabbilixxu proċeduri komuni għall-monitoraġġ tal-attivitajiet ta' żvilupp tal-ICT.</p> <p>Sabiex ir-regolamenti l-ġodda jkunu applikabbli għall-attivitajiet kollha ta' żvilupp tal-ICT fil-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri tal-pjan Latvjan għall-irkupru u r-reżiljenza (inklużi l-muniċipalitajiet), il-kamp ta' applikazzjoni tal-Liġi tas-Sistemi ta' Informazzjoni tal-Istat għandu jġi estiż. Jekk l-adozzjoni tal-emendi għall-liġi tiddewwem, tinħareġ regolamentazzjoni temporanja biex tissupplimenta qafas normattiv speċifiku għal regolamenti speċifiċi għall-attivitajiet rispettivi tal-proġetti tal-ICT.</p>
28	2.1.1.r. II-modernizzazzjoni tal-proċessi u s-servizzi nazzjonali u t-trasformazzjoni diġitali	Stadju importanti	L-istabbiliment ta' qafas normattiv biex wieħed jirċievi appoġġ fil-qasam tat-trasformazzjoni diġitali tal-proċessi u s-servizzi tal-amministrazzjoni pubblika	Dħul fis-seħħ tal-qafas legali	MHUX APPLIKA BBLI	MHUX APPLIK ABBLI	MHUX APPLIKAB BLI	Q2	2022	Ir-regolament tal-Kabinett tal-Ministri daħal fis-seħħ għall-għoti ta' appoġġ fil-qasam tat-trasformazzjoni diġitali tal-proċessi u s-servizzi tal-amministrazzjoni pubblika

Nru	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
29	2.1.1.1.i. Il-modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni u t-trasformazzjoni diġitali tas-servizzi, inkluż l-ambjent tan-negozju	Mira	Deskrizzjonijiet tal-attivitajiet ta' żvilupp ta' soluzzjonijiet tal-ICT żviluppati u armonizzati		Numru	0	11	Q3	2023	Il-mudelli tal-kunċett tad-deskrizzjonijiet tas-soluzzjonijiet (sistemi) tal-ICT għandhom jiġu żviluppati skont il-qafas legali adottat għall-governanza tal-ICT. Id-deskrizzjonijiet jiddefinixxu l-attivitajiet ta' żvilupp tal-ICT biex jiżviluppaw jew jimmodernizzaw soluzzjonijiet tal-ICT f' mill-inqas l-4 oqsma li ġejjin: 1) is-settur tal-affarijiet domestiċi, inklużi l-protezzjoni ċivili, is-superviżjoni tas-sikurezza kontra n-nirien u s-sikurezza pubblika; 2) is-settur kulturali, inkluż l-akkumulazzjoni tal-wirt tal-arkivji, il-libreriji, il-mużewijiet, il-monumenti kulturali u l-kontenut tal-midja; 3) il-ġestjoni tas-servizzi tal-loġistika tal-portijiet; 4) appoġġ għall-proċessi ta' ġestjoni tal-ICT.
30	2.1.1.1.i. Il-modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni u t-trasformazzjoni diġitali tas-servizzi, inkluż l-ambjent tan-negozju	Mira	Twassil ta' soluzzjonijiet tal-ICT għal funzjonijiet modernizzati tal-amministrazzjoni pubblika (inklużi s-sistemi)		Numru	0	11	Q3	2026	Il-funzjoni tal-amministrazzjoni pubblika għandha tiġi modernizzata bis-soluzzjonijiet u s-sistemi tal-ICT li ġejjin kompletament operattivi f' mill-inqas l-4 oqsma li ġejjin: 1) is-settur tal-affarijiet domestiċi, inklużi l-protezzjoni ċivili, is-superviżjoni tas-sikurezza kontra n-nirien u s-sikurezza pubblika; 2) is-settur kulturali, inkluż l-akkumulazzjoni tal-wirt tal-arkivji, il-libreriji, il-mużewijiet, il-monumenti kulturali u l-kontenut tal-midja; 3) il-

Nru	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
										ġestjoni tas-servizzi tal-loġistika tal-portijiet; 4) appoġġ għall-proċessi ta' ġestjoni tal-ICT.
31	2.1.2.r. Żieda fl-effiċjenza u l-interoperabbiltà fl-użu tar-riżorsi nazzjonali tal-ICT	Stadju importanti	L-istabbiliment tal-qafas legali biex wieħed jirċievi appoġġ fil-qasam tal-iżvilupp tas-sistemi ċentrali u l-pjattaformi tal-amministrazzjoni pubblika u l-konsolidazzjoni tas-servizzi tal-infrastruttura tal-informatika	Dħul fis-seħħ tal-qafas legali	MHUX APPLIKA BBLI	MHUX APPLIK ABBLI	MHUX APPLIKAB BBLI	Q2	2022	Dħul fis-seħħ tal-qafas legali għall-għoti ta' appoġġ fil-qasam tal-iżvilupp tas-sistemi tal-IT ċentrali u l-pjattaformi tal-amministrazzjoni pubblika u l-konsolidazzjoni tas-servizzi tal-infrastruttura tal-informatika
32	2.1.2.1.i. Pjattaformi ċentralizzati, sistemi u servizzi kondiviżi	Mira	Approvazzjoni ta' pjanijiet ta' żvilupp għall-ħolqien, it-trasformazzjoni jew l-użu ta' funzjonijiet ċentralizzati tal-ICT u servizzi kondiviżi		Numru	0	15	Q1	2023	Qabel l-investimenti fl-iżvilupp ta' funzjonijiet ċentralizzati jew servizzi kondiviżi, l-istituzzjoni responsabbli għandha theggi u tikseb l-approvazzjoni tal-funzjoni ċentralizzata tal-ICT jew tal-pjan ta' żvilupp ta' servizz kondiviż (inkluż fir-rigward tal-finanzjament tas-servizzi).
33	2.1.2.1.i. Pjattaformi ċentralizzati,	Mira	Adozzjoni ta' deskrizzjonijiet armonizzati tal-		Numru	0	15	Q3	2023	Deskrizzjonijiet armonizzati għandhom jiġu adottati biex jiddefinixxu l-attivitajiet ta' żvilupp

Nru	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
	sistemi u servizzi kondiviżi		attivitajiet ta' żvilupp ta' soluzzjonijiet ċentralizzati tal-ICT							tal-ICT ta' pjattaformi u sistemi ċentralizzati. Is-soluzzjonijiet (sistemi) tal-ICT għandhom jiġu żviluppati skont il-qafas legali adottat għall-governanza tal-ICT.
34	2.1.2.1.i. Pjattaformi ċentralizzati, sistemi u servizzi kondiviżi	Mira	L-għadd ta' pjattaformi u sistemi ċentralizzati tal-ICT stabbiliti u operattivi		Numru	0	15	Q3	2026	Il-pjattaformi jew is-sistemi ċentralizzati tal-ICT stabbiliti li ġejjin għandhom ikunu operattivi: 1) pjattaformi ta' forniment ta' servizzi pubbliċi - 4; 2) pjattaformi tal-funzjonijiet settorjali u ta' appoġġ - 5; 3) pjattaformi u sistemi kondiviżi għall-muniċipalitajiet - 6.
35	2.1.2.2.i. Il-cloud Federat Nazzjonali tal-Latvja	Mira	L-għadd ta' pjattaformi jew sistemi operati minn fornituri ta' servizzi kondiviżi permezz ta' servizzi tal-cloud kondiviżi		Numru	0	4	Q4	2024	Il-mira għandha titqies li ntlaħqet meta kull wieħed mill-erba' fornituri ta' servizzi kondiviżi (iċ-Ċentru Latvjan tar-Radju u t-Televiżjoni, il-Librerija Nazzjonali tal-Latvja, iċ-Ċentru ta' Informazzjoni tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni, il-Ministeru tal-Agrikoltura) jopera mill-inqas pjattaforma nazzjonali waħda jew sistema ta' informazzjoni waħda permezz ta' servizzi kondiviżi tal-cloud, inkluż l-ibbilanċjar tal-kapaċità u l-irkupru ta' riżerva f'ċentru tad-data fiżikament remot.

Nru	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
36	2.1.2.2.i. Il-cloud Federat Nazzjonali tal-Latvja	Mira	L-għadd ta' pjattaformi jew sistemi operati minn fornituri ta' servizzi kondiviżi permezz ta' servizzi tal-cloud kondiviżi		Numru	0	10	Q3	2026	Il-mira għandha titqies li ntlaħqet meta erba' fornituri ta' servizzi kondiviżi meħuda flimkien (iċ-Ċentru Latvjan tar-Radju u t-Televiżjoni, il-Librerija Nazzjonali tal-Latvja, iċ-Ċentru ta' Informazzjoni tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni, il-Ministeru tal-Agrikoltura) joperaw mill-inqas għaxar pjattaformi tal-amministrazzjoni pubblika jew sistemi ta' informazzjoni permezz ta' servizzi kondiviżi tal-cloud, inkluż l-ibbilanċjar tal-kapaċità u l-irkupru ta' riżerva f'ċentru tad-data fiżikament remot.
37	2.1.3.r. L-iżvilupp tad-data ekonomika nazzjonali u l-ekonomija tas-servizzi diġitali	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-qafas legali għar-riċeviment ta' appoġġ fil-qasam tat-trasformazzjoni tal-ġestjoni tad-data ekonomika	Dħul fis-seħħ tal-qafas legali	MHUX APPLIKA BBLI	MHUX APPLIK ABBLI	MHUX APPLIKAB BBLI	Q2	2022	Dħul fis-seħħ tal-qafas legali għall-għoti ta' appoġġ fil-qasam tat-trasformazzjoni tal-ġestjoni tad-data ekonomika armonizzata mill-Kabinett tal-Ministri
38	2.1.3.r. L-iżvilupp tad-data ekonomika nazzjonali u l-ekonomija tas-servizzi diġitali	Stadju importanti	Qafas legali għall-funzjonament tal-pjattaforma nazzjonali għaċ-ċirkolazzjoni tad-data	Dħul fis-seħħ tal-qafas legali	MHUX APPLIKA BBLI	MHUX APPLIK ABBLI	MHUX APPLIKAB BBLI	Q4	2023	L-implimentazzjoni b'suċċess tar-riforma għandha tiġi żgurata bid-dħul fis-seħħ tal-qafas legali li jispeċifika l-aspetti li ġejjin tal-pjattaforma nazzjonali: 1. il-ġestjoni tal-kondivizzjoni tad-data, inkluż il-proċess ta' skambju

Nru	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
										<p>tad-data fil-pjattaforma ċentrali għall-iskambju tad-data;</p> <p>2. id-drittijiet u d-dmirijiet tal-istituzzjonijiet parteċipanti għall-kondiviżjoni u ċ-ċirkolazzjoni ta' data fi ħdan il-pjattaforma ċentrali għall-iskambju tad-data,</p> <p>3. l-ipproċessar uniformi u ffaċilitat ta' data personali fi ħdan il-pjattaforma ċentrali għall-iskambju tad-data.</p>
39	2.1.3.1.i. Disponibbiltà, kondiviżjoni u analiżi tad-data	Mira	Setturi li għalihom huma disponibbli settijiet tad-data rilevanti fuq il-pjattaformi nazzjonali għaċ-ċirkolazzjoni tad-data, inklużi pjattaformi ta' distribuzzjoni kkontrollati, geoportali jew portali tad-data miftuħa		Numru	0	10	Q3	2026	Il-pjattaformi ċentralizzati nazzjonali għall-ġestjoni u d-disseminazzjoni tad-data għandhom jipprovdu aċċess għas-settijiet tad-data li jkopru mill-inqas 10 setturi u oqsma differenti tal-amministrazzjoni pubblika, inklużi t-8-il settur u qasam li ġejjin: in-negozju, ix-xjenza, l-ambjent, il-finanzi, l-akkwist pubbliku, il-kura tas-saħħa, veterinarja u agrikola (data ġeospazjali).
40	2.2.1.r. Il-ħolqien ta' ċiklu sħiħ tal-appoġġ għat-trasformazzjoni	Stadju importanti	Iċ-Ċentru Ewropew ta' Innovazzjoni Diġitali (EDIH) ġie stabbilit	Iċ-Ċentru Ewropew ta' Innovazzjoni Diġitali (EDIH) ġie stabbilit	MHUX APPLIKA BBLI	MHUX APPLIK ABBLI	MHUX APPLIKAB BBLI	Q2	2022	L-EDIH għandu jkun operattiv f'konformità mal-prijoritajiet tal-Programm Ewropa Diġitali u jiffirma parti min-network ta' Hub ta' Innovazzjoni Diġitali Ewropew

Nru	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
	diġitali tan-negozju b'kopertura reġjonali									komuni. Dan għandu jservi bħala punt uniku ta' servizz għall-koordinazzjoni tat-trasformazzjoni diġitali tan-negozji. Hija għandha l-għan li tiżgura approċċ komuni u skambju ta' informazzjoni taċ-ċentri kummerċjali reġjonali, test tal-maturità diġitali u appoġġ mill-Istat.
41	2.2.1.r. Il-ħolqien taċ-ċiklu sħiħ tal-appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali tan-negozju b'kopertura reġjonali	Stadju importanti	Iċ-ċentri ta' appoġġ għan-negozji reġjonali jipprovdu funzjonijiet ġodda ta' appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali	Iċ-ċentri ta' appoġġ għan-negozju reġjonali jipprovdu funzjonijiet ta' appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali	MHUX APPLIKA BBLI	MHUX APPLIK ABBLI	MHUX APPLIKAB BLI	Q3	2022	Iċ-ċentri ta' appoġġ għan-negozju reġjonali għandhom ikunu bdew jipprovdu l-funzjonijiet ġodda ta' appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali li ġejjin: <ol style="list-style-type: none"> 1. Testijiet tal-maturità diġitali fir-reġjuni; 2. Aċċess għall-ittestjar u l-pilotaġġ; 3. Mentoraġġ u taħriġ fil-ħiliet diġitali.
42	2.2.1.r. Il-ħolqien taċ-ċiklu sħiħ tal-appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali tan-negozju b'kopertura reġjonali	Stadju importanti	L-istabbiliment ta' sistema ta' test tal-maturità diġitali għall-entitajiet biex jidentifikaw l-azzjonijiet meħtieġa mill-entitajiet u l-appoġġ mill-Istat.	Sistema tat-test tal-maturità diġitali fis-seħħ	MHUX APPLIKA BBLI	MHUX APPLIK ABBLI	MHUX APPLIKAB BLI	Q2	2022	Għandha tiġi stabbilita sistema ta' test ta' maturità diġitali għall-entitajiet. It-test tal-maturità diġitali huwa għodda diġitali disponibbli fuq is-sit web tal-EDIH, li jivvaluta l-maturità diġitali ta' entità f'diversi aspetti u jista' jimtela mill-entità b'mod indipendenti jew bl-għajjnuna ta' konsulent.

Nru	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
43	2.2.1.1.i. Appoġġ għall-istabbiliment ta' Ċentri ta' Innovazzjoni Diġitali u Punti ta' Kuntatt Reġjonali	Mira	L-għadd ta' pjanijiet direzzjonali ta' trasformazzjoni diġitali maħruġa lill-entitajiet li mhumiex intrapriżi zġhar u ta' daqs medju, kumpaniji b'kapitalizzazzjon i medja u s-settur pubbliku miċ-Ċentru Ewropew ta' Innovazzjoni Diġitali (EDIH)	MHUX APPLIKABBLI	Pjanijiet direzzjonali maħruġa	0	50	Q2	2024	L-għadd ta' pjanijiet direzzjonali ta' trasformazzjoni diġitali maħruġa lill-entitajiet għajr l-intrapriżi zġhar u ta' daqs medju, il-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja u s-settur pubbliku mill-EDIH li jindikaw mill-inqas investment wieħed. Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.
44	2.2.1.1.i. Appoġġ għall-istabbiliment ta' Ċentri ta' Innovazzjoni Diġitali u Punti ta' Kuntatt Reġjonali	Mira	L-għadd ta' pjanijiet direzzjonali ta' trasformazzjoni diġitali maħruġa lill-entitajiet li mhumiex intrapriżi zġhar u ta' daqs medju, kumpaniji b'kapitalizzazzjon i medja u s-settur pubbliku miċ-Ċentru Ewropew	MHUX APPLIKABBLI	Pjanijiet direzzjonali maħruġa	50	100	Q2	2026	L-għadd ta' pjanijiet direzzjonali ta' trasformazzjoni diġitali maħruġa lill-entitajiet għajr l-intrapriżi zġhar u ta' daqs medju, il-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja u s-settur pubbliku mill-EDIH li jindikaw mill-inqas investment wieħed. Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

Nru	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestr u	Sena	
			ta' Innovazzjoni Diġtali (EDIH)							
44a	2.2.1.1.i. Appoġġ għall- istabbiliment ta' Ċentri ta' Innovazzjoni Diġitali u Punti ta' Kuntatt Reġjonali	Stadju importanti	Appoġġ għat- trasformazzjoni diġitali tal- intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u tal-kumpaniji b'kapitalizzazzjon i medja, kif ukoll tas-settur pubbliku, miċ- Ċentri Ewropej ta' Innovazzjoni Diġitali (EDIH)	Pakketti ta' ħidma taċ- Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali (EDIH) kompluti	MHUX APPLIKA BBLI	MHUX APPLIK ABBLI	MHUX APPLIKAB BLI	Q2	2026	Il-pakketti ta' ħidma kollha tal-Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali Ewropej għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u għall-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja, kif ukoll għas-settur pubbliku, għandhom jitlestew, minbarra dawk li huma ffinanzjati mill-Programm Ewropa Diġitali.
45	2.2.1.2.i. Appoġġ għad- diġitalizzazzjoni tal-proċessi f'attivitajiet kummerċjali	Mira	L-għadd ta' entitajiet appoġġati biex jiddiġitalizzaw il- proċessi f'attività kummerċjali u li għalihom ir- riżultat tat-test tal- maturità diġitali tjieb, meta mqabbel mar- riżultat tat-test preċedenti, wara l-wasla tal-għotja u r-realizzazzjoni tal-proġett		Entitajiet appoġġati	0	80	Q2	2024	Il-mira għandha tiġi eżegwita meta jiġi konkluż kuntratt bejn l-entità u l- Aġenzija tal-Investiment u l-Iżvilupp tal-Latvja għar-riċevuta tal-għotja u jiġi osservat titjib fir-riżultat tat-test fit-Test ripetut tal-Maturità Diġitali.

Nru	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
46	2.2.1.2.i. Appoġġ għad-diġitalizzazzjoni tal-proċessi f'attivitajiet kummerċjali	Mira	L-għadd ta' entitajiet appoġġati biex jiddiġitalizzaw il-proċessi f'attivitajiet kummerċjali u li għalihom ir-risultat tat-test tal-maturità diġitali tjiem, meta mqabbel mar-risultat tat-test preċedenti, wara l-wasla tal-għotja u r-realizzazzjoni tal-proġett		Entitajiet appoġġati	80	200	Q2	2026	Il-mira għandha tiġi eżegwita meta jiġi konkluż kuntratt bejn l-entità u l-Aġenzija tal-Investment u l-Iżvilupp tal-Latvja għar-riċevuta tal-għotja u jiġi osservat titjib fir-risultat tat-test fit-Test ripetut tal-Maturità Diġitali.
47	2.2.1.3.i. Għajnuna għall-introduzzjoni ta' prodotti u servizzi ġodda fin-negozju	Mira	Għadd ta' proġetti appoġġati	Mhux applikabbli	Proġetti appoġġati	0	14	Q2	2024	Għadd ta' kuntratti li jagħtu għotjiet mis-CFCA għal investimenti kompluti mħallsa. L-ammont ta' għotja waħda huwa mistenni li jkun sa EUR 1 000 000. Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

Nru	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
48	2.2.1.3.i. Għajnuna għall-introduzzjoni ta' prodotti u servizzi ġodda fin-negozju	Mira	Għadd ta' proġetti appoġġjati	MHUX APPLIKABBLI	Proġetti appoġġjati	14	43	Q2	2026	Għadd ta' kuntratti li jagħtu għotjiet mis-CFCA għal investimenti kompluti mħallsa. L-ammont ta' għotja waħda huwa mistenni li jkun sa EUR 1 000 000. Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.
49	2.2.1.3.i. Għajnuna għall-introduzzjoni ta' prodotti u servizzi ġodda fin-negozju	Mira	Finanzjament privat attirat	MHUX APPLIKABBLI	EUR	0	4 860 000	Q2	2026	Attirat finanzjament privat minn intrapriżi għall-introduzzjoni ta' prodotti u servizzi ġodda.
50	2.2.1.4.i. Strumenti finanzjarji biex tiġi ffaċilitata t-trasformazzjoni diġitali tal-operaturi ekonomiċi	Mira	Numru ta' self mogħti	MHUX APPLIKABBLI	Proġetti appoġġjati	0	51	Q2	2024	L-għadd ta' self mogħti minn Altum jew b'element ta' għotja (pagament ta' self jew għotja) taħt il-programm għat-trasformazzjoni diġitali tal-operaturi ekonomiċi. L-indikatur tal-prestazzjoni jitqies li ġie ssodisfat meta jiġi konkluż kuntratt bejn l-operatur ekonomiku u Altum għall-eżekuzzjoni tal-proġett.

Nru	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
										Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.
51	2.2.1.4.i. Strumenti finanzjarji biex tiġi ffaċilitata t-trasformazzjoni diġitali tal-operaturi ekonomiċi	Mira	Numru ta' self mogħti	MHUX APPLIKABBLI	Proġetti appoġġjati	51	133	Q2	2026	L-għadd ta' self mogħti minn Altum jew b'element ta' għotja (pagament ta' self jew għotja) taħt il-programm għat-trasformazzjoni diġitali tal-operaturi ekonomiċi. L-indikatur tal-prestazzjoni jitqies li ġie ssodisfat meta jiġi konkluż kuntratt bejn l-operatur ekonomiku u Altum għall-eżekuzzjoni tal-proġett. Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.
52	2.2.1.4.i. Strumenti finanzjarji biex tiġi ffaċilitata t-	Mira	Finanzjament privat attirat		EUR	0	37 000 000	Q2	2026	Il-finanzjament privat minn intrapriżi attira fi ħdan il-qafas tal-investiment biex jiffaċilita t-trasformazzjoni diġitali tal-operaturi ekonomiċi. Huwa ppjanat li investiment privat jiġi attirat

Nru	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
	trasformazzjoni diġitali tal-operaturi ekonomiċi									għal kull proġett ta' mill-inqas 25 % tal-ispejjeż eliġibbli li għalihom għandu jiġi pprovdut is-self.
53	2.2.1.5.i. It-trawwim tat-trasformazzjoni diġitali tal-kumpaniji tal-media	Mira	L-għadd ta' pjattaformi u soluzzjonijiet diġitali maħluqa	MHUX APPLIKABBLI	Numru	0	3	Q2	2025	Inħolqu, ġew ittestjati u aċċessibbli għall-utenti tliet pjattaformi jew soluzzjonijiet tal-IT fis-settur tal-midja.
54	2.2.1.5.i. It-trawwim tat-trasformazzjoni diġitali tal-kumpaniji tal-media	Mira	Għadd ta' proġetti appoġġjati	MHUX APPLIKABBLI	Proġetti appoġġjati	0	10	Q2	2026	L-indikatur jitqies li għe ssodisfat meta jkun għe konkluż kuntratt bejn l-operatur u s-CFCA għall-kisba ta' għotja għall-eżekuzzjoni tal-proġett (għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi, it-titjib tal-ħiliet diġitali jew il-mudelli tan-negozju fis-settur tal-media).
56	2.3.1.r. L-iżvilupp ta' qafas ta' appoġġ sostenibbli u soċjalment responsabbli għat-tagħlim għall-adulti	Mira	Is-sehem ta' adulti (25-64) involuti fit-tagħlim għall-adulti fl-aħħar erba' ġimgħat qabel l-istħarriġ (%)		%	6,6	8	Q4	2025	Il-mira li għandha tintlaħaq fil-qafas tal-pjan hija ddeterminata abbażi tal-għan ta' nofs it-terminu tad-dokument ta' ppjanar tal-politika tal-Latvja fuq terminu medju — Linji Gwida għall-Iżvilupp tal-Edukazzjoni 2021–2027, li huwa ppjanat li jiġi approvat mill-Kabinett tal-Ministri sa nofs l-2021 — biex tizzied il-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim minn 6.6 % (2020) għal 12 % (2027), li huwa li tizzied il-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim

Nru	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
										għal 8 % sal-2025. Il-kisba tal-mira hija marbuta direttament mal-miżuri ta' riforma ppjanati għall-iżvilupp tat-tagħlim għall-adulti.
57	2.3.1.r. L-iżvilupp ta' qafas ta' appoġġ sostenibbli u soċjalment responsabbli għat-tagħlim għall-adulti	Stadju importanti	Inċentivi u responsabbiltajiet għall-kumpaniji biex jedukaw u jħarrġu l-impjegati tagħhom u l-ħolqien ta' aktar opportunitajiet u drittijiet għall-impjegati biex jipparteċipaw fit-tagħlim	Il-qafas leġislattiv daħal fis-seħħ	MHUX APPLIKA BBLI	MHUX APPLIK ABBLI	MHUX APPLIKAB BLI	Q4	2023	<p>Ikunu daħlu fis-seħħ atti leġislattivi li għandhom:</p> <p>1) jistabbilixxu kriterji u proċeduri għall-inċentivi u r-responsabbiltajiet tal-intrapriżi fl-edukazzjoni u t-taħriġ (li jkopru kemm il-ħiliet bażiċi kif ukoll dawk avvanzati) tal-impjegati tagħhom, u jintroduċu trattament fiskali aktar favorevoli tal-ispejjeż koperti mill-impjegaturi għall-edukazzjoni tal-persunal (bħal miżati għat-tagħlim);</p> <p>2) joħolqu opportunitajiet u drittijiet usa' għall-impjegati biex jipparteċipaw fit-tagħlim; u għal</p> <p>3) tistabbilixxi qafas rigward miżuri ta' appoġġ futuri biex jinċentivaw lill-intrapriżi (b' mod partikolari l-SMEs) biex jiżviluppaw il-ħiliet tal-impjegati tagħhom, inklużi l-kriterji biex jirċievu tali appoġġ u l-proċedura/i għall-implimentazzjoni tal-miżuri ta' appoġġ.</p>

Nru	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
58	2.3.1.r. L-iżvilupp ta' qafas ta' appoġġ sostenibbli u soċjalment responsabbli għat-tagħlim għall-adulti	Stadju importanti	L-iżvilupp tal-kunċett ta' fondi għall-ħiliet	Ir-regolamenti tal-Kabinett tal-Ministri daħlu fis-seħħ	MHUX APPLIKA BBLI	MHUX APPLIK ABBLI	MHUX APPLIKAB BLI	Q3	2024	Daħlu fis-seħħ ir-Regolamenti tal-Kabinett għall-Implimentazzjoni tal-Fondi tal-Ħiliet, li jiddefinixxu l-istabbiliment tal-fondi tal-ħiliet u d-drittijiet u r-responsabbiltajiet tal-partijiet involuti.
59	2.3.1.r. L-iżvilupp ta' qafas ta' appoġġ sostenibbli u soċjalment responsabbli għat-tagħlim għall-adulti	Mira	Fondi għall-ħiliet pilota	Ħolqien ta' Fondi għall-Ħiliet	Numru	0	3	Q2	2026	Tliet proġetti pilota dwar il-Fondi tal-Ħiliet. L-għan tal-proġett pilota huwa li jivvaluta l-fattibbiltà tal-introduzzjoni ta' tali approċċ fil-kuntest tal-Latvja, inkluż billi jiġu ttestjati aspetti bħal (a) il-proporzjonalità u d-dinamika maż-żmien tal-koinvestment pubbliku u privat, (b) il-mudell ta' kooperazzjoni bejn l-intrapriżi u l-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema fis-setturi biex tiġi żviluppata viżjoni komuni tal-ħtiġijiet ta' tagħlim, inklużi "ħiliet futuri" fis-settur u fis-setturi relatati, (c) pjan ta' implimentazzjoni għat-taħriġ fis-settur, li għandu jinkludi t-taħriġ ta' impjegati ġodda, it-taħriġ mill-ġdid ta' daww impjegati f' setturi oħra u t-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema eżistenti.
60	2.3.1.r. L-iżvilupp ta' qafas ta' appoġġ	Stadju importanti	L-iżvilupp tal-approċċ tal-Kontijiet	Ir-regolamenti tal-Kabinett tal-	MHUX APPLIKA BBLI	MHUX APPLIK ABBLI	MHUX APPLIKAB BLI	Q4	2023	Dħul fis-seħħ ta' Regolamenti li jispjefikaw l-approċċ għall-iżvilupp tal-kont individwali tat-tagħlim inkluż:

Nru	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestr u	Sena	
	sostenibbli u soċjalment responsabbli għat-tagħlim għall-adulti		Individwali tal-Apprendiment (ILA)	Ministri daħlu fis-seħħ						(a) l-istabbiliment ta' kriterji ta' eliġibbiltà, (b) l-istabbiliment ta' kriterji għall-għażla ta' fornituri edukattivi.
61	2.3.1.r. L-iżvilupp ta' qafas ta' appoġġ sostenibbli u soċjalment responsabbli għat-tagħlim għall-adulti	Mira	Pilotaġġ tal-approċċ tal-kont individwali tal-apprendiment		Numru	0	1	Q3	2026	Proġett pilota wieħed tlesta biex jivvaluta l-istabbiliment tas-soluzzjoni tal-kont individwali tat-tagħlim l-aktar xierqa għas-sitwazzjoni tal-Latvja. Il-proġett pilota huwa mistenni li jinvolvi 3500 persuna li jinsabu fil-proċess li jistabbilixxu l-kontijiet individwali tal-apprendiment u jamministraw dawn il-kontijiet individwali tal-apprendiment u jaħżnu data dwar il-ħallieqa tal-parteciġpazzjoni u tal-output matul il-proġett.
62	2.3.1.1.i. It-twassil ta' ħiliet diġitali ta' livell għoli	Mira	L-għadd ta' professjonisti (fis-settur tan-negozju, akkademiku u pubbliku) u studenti b'ħiliet diġitali avvanzati fit-teknoloġiji kwantistiċi, fl-HPC u fit-teknoloġiji tal-lingwa		Numru	0	3 000	Q3	2026	L-għadd ta' speċjalisti tan-negozju, professjonisti akkademiċi u tar-riċerka kif ukoll professjonisti tas-settur pubbliku, studenti tal-edukazzjoni għolja u partijiet ikkonċernati oħra li rċevew appoġġ biex jattendu moduli ta' taħriġ fil-ħiliet diġitali avvanzati fit-teknoloġiji kwantistiċi, l-HPC u t-teknoloġiji tal-lingwa. Huwa ppjanat li jiġu żviluppati madwar 20 modulu ta' studju għall-inklużjoni fi programmi ta' baċċellerat, masters, dottorat fil-gruppi tematiċi kollha tal-edukazzjoni, kif ukoll

Nru	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
										programmi ta' edukazzjoni għall-adulti għal professjonisti impjegati f'intrapriżi u partijiet interessati oħra b'bażi ta' għarfien xierqa. Il-kontenut tal-moduli ta' studju għandu jikkonsisti fl-għarfien akkumulat s'issa fl-oqsma tal-HPC, it-teknoloġiji kwantistiċi u t-teknoloġiji tal-lingwa, kif ukoll ir-riżultati tar-riċerka mwettqa skont l-RRF.
63	2.3.1.2.i. L-iżvilupp ta' ħiliet diġitali ewlenin tal-intrapriżi	Mira	L-għadd ta' negozji li għalihom ġie żgurat l-akkwist ta' ħiliet diġitali bażiċi	MHUX APPLIKABBLI	Numru	0	1 080	Q2	2024	<p>L-għadd ta' negozji li għalihom ġie żgurat l-akkwist ta' ħiliet diġitali bażiċi. L-istrument ta' appoġġ għandu jipprovdi taħriġ lil 1 080 intrapriża inkluż bl-użu ta' korsijiet online MOOC, kif ukoll billi jiffoka fuq it-titjib tal-ħiliet diġitali.</p> <p>Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.</p>
64	2.3.1.2.i. L-iżvilupp ta' ħiliet diġitali ewlenin tal-intrapriżi	Mira	L-għadd ta' negozji li lilhom ġie żgurat l-akkwist ta' ħiliet diġitali bażiċi	MHUX APPLIKABBLI	Numru	1 080	2 521	Q2	2026	L-għadd ta' negozji li għalihom ġie żgurat l-akkwist ta' ħiliet diġitali bażiċi. L-istrument ta' appoġġ għandu jipprovdi taħriġ lil 2 521 intrapriża inkluż bl-użu ta' korsijiet online

Nru	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
			(f'konformità mal-lista ta' esklużjoni deskritta fl-RRP għall-konformità mal-Gwida Teknika dwar id-DNSH (2021/C58/01))							MOOC, kif ukoll billi jiffoka fuq it-titjib tal-ħiliet diġitali. Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.
65	2.3.1.3.i. L-iżvilupp ta' approċċ ta' tagħlim awtoġestit għall-ispeċjalisti tal-ICT	Mira	Għadd ta' speċjalisti tal-ICT imħarrġa f'approċċ ta' tagħlim mhux formali	MHUX APPLIKABBLI	Numru	0	1 000	Q3	2026	Professjonisti involuti f'taħriġ fl-ICT ġestit minnhom infushom li lestew mill-inqas stadju wieħed ta' tagħlim.
66	2.3.1.4.i. L-iżvilupp tal-approċċ għall-kontinwazzjoni individwali tal-apprendiment	Mira	Adulti appoġġati biex jiksbu ħliet diġitali permezz ta' riżorsi individwali tal-kont tal-apprendiment	MHUX APPLIKABBLI	Numru	0	1 000	Q4	2024	Adulti appoġġati biex jiksbu ħliet diġitali permezz ta' riżorsi individwali tal-kont tal-apprendiment
67	2.3.1.4.i. L-iżvilupp tal-approċċ għall-kontinwazzjoni individwali tal-	Mira	Adulti appoġġati biex jiksbu ħliet diġitali permezz ta' riżorsi individwali tal-	MHUX APPLIKABBLI	Numru	1000	3 500	Q3	2026	Adulti appoġġati biex jiksbu ħliet diġitali permezz ta' riżorsi individwali tal-kont tal-apprendiment

Nru	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
	individwali tal-apprendiment		kont tal-apprendiment							
68	2.3.2.r. Ħiliet diġitali għat-trasformazzjoni diġitali tas-soċjetà u l-gvern	Mira	It-tiġib tal-ħiliet diġitali 16–74: ċittadini b' mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi.	Mhux applikabbli	%	43 (2020)	54	Q3	2026	Is-sehem ta' abitanti Latvjani b' mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi. Il-kisba tal-mira hija marbuta direttament mal-miżuri ta' riforma ppjanati, li jinkludu kemm it-tisħiħ tal-istruttura tal-livelli tal-ħiliet diġitali, li jippermettulhom li jiġu vvalutati abbażi ta' approċċ komuni u t-tfassil ta' miżuri ta' taħriġ xierqa biex jittejbu, kif ukoll biex jiġu vvalutati r-riżultati miksuba minn dawn l-attivitajiet ta' taħriġ u r-rilevanza tagħhom għall-objettivi stabbiliti.
69	2.3.2.r Ħiliet diġitali għat-trasformazzjoni diġitali tas-soċjetà u l-gvern	Stadju importanti	Il-qafas normattiv isaħħaħ u jimplimenta qafas komuni għall-valutazzjoni tal-ħiliet diġitali bażiċi, l-identifikazzjoni u l-ippjanar tal-ħtiġijiet ta' taħriġ u l-valutazzjoni	Dahaħ fis-seħħ il-qafas regolatorju	MHUX APPLIKA BBLI	MHUX APPLIK ABBLI	MHUX APPLIKAB BBLI	Q4	2022	Dahaħ fis-seħħ atti leġislattivi li jstabbilixxu qafas komuni għall-valutazzjoni tal-ħiliet diġitali bażiċi, l-identifikazzjoni u l-ippjanar tal-ħtiġijiet ta' taħriġ u l-valutazzjoni bbażata fuq DigiComp 2.1.
70	2.3.2.r Ħiliet diġitali għat-trasformazzjoni	Stadju importanti	Dahaħ fis-seħħ emendi għal atti normattivi dwar l-istandards	Dahaħ fis-seħħ il-qafas regolatorju emendat	MHUX APPLIKA BBLI	MHUX APPLIK ABBLI	MHUX APPLIKAB BBLI	Q4	2022	Dahaħ fis-seħħ emendi għall-istandards nazzjonali tal-edukazzjoni għolja (Standard tal-Istat għall-Edukazzjoni Akkademika Għolja u Standard

Nru	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
	diġitali tas-soċjetà u l-gvern		nazzjonali tal-edukazzjoni għolja, li jipprevedu l-kisba tar-riżultati tal-istudju tal-kompetenza diġitali fil-livelli korrispondenti tal-Qafas tal-Kwalifiki Latvjan.							Nazzjonali għall-Edukazzjoni Vokazzjonali Għolja). Huma għandhom jistabbilixxu r-riżultati li għandhom jinkisbu fl-akkwist ta' kompetenzi diġitali u jiżguraw l-applikazzjoni tagħhom fl-iżvilupp, il-liċenzjar u l-akkreditazzjoni ta' programmi ta' edukazzjoni għolja, dment li l-programmi ta' studju li jitfasslu, jiġu liċenzjati u akkreditati wara d-dħul fis-seħħ tal-qafas regolatorju jinkludu tali riżultati ta' studju li jistgħu jinkisbu u korsijiet jew moduli xierqa biex jinkisbu.
71	2.3.2.1.i Ħiliet diġitali għaċ-ċittadini, inklużi ż-żgħażaġh	Mira	L-għadd ta' ċittadini b'ħiliet diġitali self-service imtejba li pparteċipaw f'attivitajiet ta' innovazzjoni teknoloġika	Mhux applikabbli	Numru	0	15 000	Q4	2024	L-għadd ta' ċittadini b'ħiliet diġitali self-service imtejba li pparteċipaw f'attivitajiet ta' innovazzjoni teknoloġika. L-approċċ tat-tagħlim tal-ħiliet diġitali self-service (kors ta' tagħlim elettroniku) ġie żviluppat u implimentat, inkluż l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida Konġunti dwar il-Kreattività tat-Teknoloġija għall-iżvilupp tat-teknoloġija taż-żgħażaġh u l-kapaċità tal-innovazzjoni.
72	2.3.2.1.i Ħiliet diġitali għaċ-ċittadini,	Mira	L-għadd ta' abitanti b'ħiliet diġitali self-service imtejba li pparteċipaw	Mhux applikabbli	Numru	15 000	50 000	Q3	2026	Bħala riżultat tal-investment, l-approċċ tat-tagħlim tal-ħiliet diġitali self-service (kors ta' tagħlim elettroniku) ġie żviluppat u implimentat, inkluż l-iżvilupp u l-

Nru	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
	inklużi ż-żgħażagħ		f'attivitajiet ta' innovazzjoni teknoloġika							implimentazzjoni tal-Linji Gwida Konġunti dwar il-Kreattività tat-Teknoloġija għall-iżvilupp tat-teknoloġija taż-żgħażagħ u l-kapaċità tal-innovazzjoni. Mill-inqas 40 elf abitant hađu sehem fit-taħriġ (minn dawk li jħarrġu lilhom infushom ikun laħaq mill-inqas 5000); u mill-inqas 10 elf persuna pparteċipaw f'attivitajiet ta' innovazzjoni teknoloġika.
73	2.3.2.1.i Ħiliet diġitali għaċ-ċittadini, inklużi ż-żgħażagħ	Mira	Għadd ta' municiplalitajiet bi programmi ta' żvilupp tal-ħiliet diġitali għaż-żgħażagħ	Mhux applikabbli	Numru	0	42	Q3	2026	B'riżultat tal-investimenti, 42 municiplità kienu ddefinixxew u implimentaw bis-sħiħ programmi ta' attivitajiet biex jiżguraw l-akkwist u l-użu tal-ħiliet diġitali fil-ħidma fost iż-żgħażagħ, il-ħolqien ta' ambjent diġitali għall-ħidma fost iż-żgħażagħ u t-trawwim tal-parteeċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-proċessi tal-gvern lokali
74	2.3.2.2.i l-iżvilupp ta' ħiliet u kapaċitajiet ta' trasformazzjoni diġitali tal-gvern statali u lokali	Stadju importanti	L-iżvilupp ta' qafas ta' ħiliet u kompetenza diġitali		MHUX APPLIKA BBLI	MHUX APPLIK ABBLI		Q2	2023	Il-pjan u l-qafas tal-ħiliet diġitali tal-amministrazzjoni pubblika, inklużi l-kurrikuli, għandhom ikunu disponibbli u għandu jiġi organizzat taħriġ fuq il-pjattaforma tal-amministrazzjoni pubblika.
75	2.3.2.2.i l-iżvilupp ta' ħiliet u kapaċitajiet ta' trasformazzjoni	Mira	Impjegati tal-amministrazzjoni pubblika (tal-gvern statali u lokali) b'ħiliet	Mhux applikabbli	Numru	0	25 160	Q4	2024	L-għadd ta' persuni li kisbu ħiliet diġitali avvanzati bħala riżultat tal-investimenti li ġejjin: <ul style="list-style-type: none"> inħolqu l-oqfsa ta' kompetenzi diġitali ġenerali u speċjalizzati,

Nru	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
	diġitali tal-gvern statali u lokali		diġitali avvanzati, inkluż it-tagħlim elettroniku							<p>pjanijiet direzzjonali għall-iżvilupp tal-kompetenzi u kontenut tal-kurrikulu;</p> <ul style="list-style-type: none"> • taqsima tat-taħriġ tal-kompetenzi u l-ħiliet diġitali b'oqfsa ta' kompetenza, kurrikulu u programmi ta' taħriġ ġew organizzati u saru operazzjonali fuq l-ambjent/pjattaforma unika diġitali ta' apprendiment mill-bogħod tal-amministrazzjoni pubblika; • l-użu tat-tagħlim awtoġestit ġie żgurat.
76	2.3.2.2.i. L-iżvilupp ta' ħiliet u kapaċitajiet ta' trasformazzjoni diġitali tal-gvern statali u lokali	Mira	L-impjegati tal-amministrazzjoni pubblika (il-gvern statali u lokali) li żviluppaw ħiliet ta' trasformazzjoni diġitali, inkluż it-tagħlim elettroniku;	Mhux applikabbli	Numru	25 160	62 900	Q3	2026	<p>L-għadd ta' persuni li kisbu ħiliet diġitali avvanzati, bħala riżultat tal-investimenti li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> • inħolqu l-oqfsa ta' kompetenzi diġitali ġenerali u speċjalizzati, pjanijiet direzzjonali għall-iżvilupp tal-kompetenzi u kontenut tal-kurrikulu; • it-taqsima tat-taħriġ tal-kompetenzi u l-ħiliet diġitali b'oqfsa ta' kompetenza, kurrikulu u programmi ta' taħriġ ġew organizzati u saru operazzjonali fuq l-ambjent/pjattaforma unika diġitali ta' apprendiment mill-bogħod tal-amministrazzjoni pubblika;

Nru	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
										<ul style="list-style-type: none"> l-użu tat-tagħlim awtoġestit ġie żgurat.
77	2.3.2.3.i Nagħluq d-distakk diġitali għall-istudenti u l-istituzzjonijiet edukattivi soċjalment vulnerabbli	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' qafas regolatorju li jistabbilixxi proċeduri għall-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni tat-tagħlim mill-bogħod	Dħul fis-seħħ ta' qafas regolatorju li jistabbilixxi proċeduri għall-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni tat-tagħlim mill-bogħod	MHUX APPLIKA BBLI	MHUX APPLIK ABBLI	MHUX APPLIKAB BBLI	Q4	2021	<p>Id-dħul fis-seħħ tar-regolamenti tal-Kabinett tal-Ministri li jistabbilixxu l-kriterji u l-kundizzjonijiet għall-organizzazzjoni u t-twettiq tat-tagħlim mill-bogħod biex jiġi żgurat li t-tagħlim mill-bogħod jiġi organizzat u implimentat fl-istituzzjonijiet edukattivi u l-livelli tal-edukazzjoni Latviani kollha (ħlief fil-livell ta' qabel l-iskola).</p> <p>L-istabbiliment edukattiv għandu jinkludi fir-regoli interni tiegħu qafas għall-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni tat-tagħlim mill-bogħod, inkluż:</p> <ol style="list-style-type: none"> il-proċedura li biha l-istabbiliment edukattiv għandu jidentifika jekk il-mezzi tekniċi huma disponibbli għall-istudenti għall-ġorġ ta' tagħlim mill-bogħod, kif ukoll il-proċeduri biex jiġu pprovduti dawn il-mezzi tekniċi jekk ma jkunux disponibbli għall-istudenti; il-proċedura għar-reġistrazzjoni tal-parteċipazzjoni tal-istudenti fl-apprendiment mill-bogħod u t-twettiq tal-kompiti assenjati;

Nru	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
										<p>3. f'każijiet fejn il-parteċipazzjoni tal-istudent fit-tagħlim mill-bogħod ma tkunx possibbli jew tkun imxekkla għal raġunijiet tekniċi;</p> <p>4. il-proċeduri biex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti tas-sikurezza matul it-tagħlim mill-bogħod u l-proċeduri għall-komunikazzjoni mar-rappreżentanti legali tal-istudent fil-każ ta' riskji għas-sikurezza jew għas-saħħa;</p> <p>5. Il-proċedura li biha l-istudenti jagħmlu użu mir-riżorsi u l-infrastruttura tal-istituzzjonijiet edukattivi (bini, libreriji, eċċ.) bħala parti mit-tagħlim mill-bogħod.</p>
79	2.3.2.3.i Nagħlqu d-distakk diġitali għall-istudenti u l-istituzzjonijiet edukattivi soċjalment vulnerabbli	Mira	Għadd ta' unitajiet ta' tagħmir tal-ICT għall-grupp fil-mira (studenti)	Mhux applikabbli	Numru	0	26 620	Q4	2023	L-għadd ta' unitajiet ta' tagħmir tal-ICT disponibbli għat-tagħlim mill-“librerija tal-kompjuter”, li jtejjeb l-effiċjenza tat-tagħlim u jnaqqas l-inugwaljanzi. Il-“librerija tal-kompjuter” tal-iskejjel tipprovdi opportunità għall-istudenti u l-għalliema li jeħtieġu l-kompjuter biex jittgħallmu u jgħallmuha biex “jissellfu” għat-tul tal-istudji tagħhom, filwaqt li jaħdmu fuq sistema sostenibbli li għandha tiżgura aċċess għat-teknoloġija għal kull student u għalliem madwar il-Latvja.

Nru	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
80	2.4.1.r Żvilupp tal-infrastruttura tal-broadband	Stadju importanti	Adozzjoni ta' rekwiżit tekniku għal sewqan konness u awtomatizzat	Adozzjoni ta' rekwiżiti tekniċi komuni	MHUX APPLIKA BBLI	MHUX APPLIK ABBLI	MHUX APPLIKAB BLI	Q4	2021	1. Iċ- “Ċentru tar-Radju u t-Televiżjoni tal-Istat Latvijan” tal-SJSC jidentifika r-rekwiżiti tekniċi komuni għall-operaturi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi biex jippermettu sewqan konness u awtomatizzat. Dan għandu jkoll il-ħtiġijiet tal-operaturi f'kooperazzjoni mar-rappreżentanti tal-Estonja, il-Litwanja u l-Polonja biex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' kuritur tas-sewqan konness u awtomatizzat tul il-binarju ta' Via Baltica. Wara dan, jiġu adottati rekwiżiti tekniċi komuni mill-kumitat tal-akkwist.
81	2.4.1.r Żvilupp tal-infrastruttura tal-broadband	Stadju importanti	Adozzjoni ta' mudell komuni għall-iżvilupp tal-aħħar mil	Adozzjoni ta' mudell komuni għall-iżvilupp tal-aħħar mil	MHUX APPLIKA BBLI	MHUX APPLIK ABBLI	MHUX APPLIKAB BLI	Q4	2021	1. Abbażi tal-istudji mwettqa, il-Ministeru tat-Trasport għandu jfassal pjan ta' żvilupp għas-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, li għandu jinkludi abbozz ta' mudell. 2. L-eżitu tal-konsultazzjoni pubblika għandu jwassal għal deċiżjoni finali dwar il-mudell, li għandha tiġi adottata u implimentata.
83	2.4.1.2.i Żvilupp tal-infrastruttura tal- “aħħar mil” tan-netwerk tal-broadband jew	Mira	L-għadd ta' unitajiet domestiċi, negozji, skejjel, sptarjiet u bini pubbliki ieħor li għandhom aċċess	Mhux applikabbli	Numru	0	6 200	Q3	2026	L-indikatur huwa definit bħala l-għadd ta' unitajiet domestiċi, negozji, skejjel, sptarjiet u bini pubbliki ieħor li għandhom aċċess għall-konnessjonijiet tal-broadband għal network b'kapaċità għolja ħafna kif iċċertifikat b'kuntratt ma' negozjant tal-komunikazzjonijiet

Nru	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestr u	Sena	
	ta' kapaċità għolja ħafna		għall- konnessjonijiet tal-broadband għal network b'kapaċità għolja ħafna							elettroniċi għal abbonament għal veloċità tas-servizz ta' mill-inqas 100 Mbps (network tal-broadband b'kapaċità għolja ħafna (VHCN)) u li għandhom aċċess għal servizz bħal dan, jiġifieri l-possibbiltà li jikkonkludu kuntratt ma' negozjant tal- komunikazzjonijiet elettroniċi u jibdew jirċievu s-servizz b'mod indikattiv fi żmien xahar mill-applikazzjoni.

C. IL-KOMPONENT 3: TNAQQIS TAL-INUGWALJANZA

L-objettiv ġenerali ta' dan il-komponent tal-pjan Latvjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa li jindirizza l-isfidi tal-inugwaljanza territorjali u soċjali fil-Latvja, aggravati mill-pandemija tal-COVID-19. Il-komponent għandu l-għan li jnaqqas l-inugwaljanza billi joħloq aktar impjiegi fir-reġjuni, itejjeb il-konnettività reġjonali u l-aċċess għal servizzi ta' kwalità, jipprovi akkomodazzjoni aktar affordabbli, itejjeb l-infrastruttura tal-iskejjel, jgħin fit-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema u l-persuni qiegħda, isaħħaħ ix-xibka ta' sikurezza soċjali, itejjeb l-aċċessibbiltà għall-bini għall-persuni b'diżabilità, u faċilitajiet ġodda ta' kura fit-tul għall-anzjani. Il-miżuri kollha fil-komponent jappoġġaw waħda miż-żewġ riformi ewlenin — ir-riforma territorjali amministrattiva li għaddejja bħalissa u r-riforma tal-introjtu minimu.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż dwar l-esklużjoni soċjali, b'mod partikolari biex tittejjeb l-adegwatezza tal-benefiċċji tal-introjtu minimu, il-pensjonijiet minimi tax-xjuħija u l-appoġġ għall-introjtu għall-persuni b'diżabilità u dwar il-kwalità u l-effiċjenza tal-edukazzjoni u t-taħriġ, b'enfasi fuq ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet u persuni li qed ifittxu impjieg (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2, 2019). Il-komponent jappoġġa wkoll l-indirizzar tar-rakkomandazzjoni biex il-politika ekonomika relatata mal-investment tiġi ffukata fuq il-forniment ta' akkomodazzjoni affordabbli, filwaqt li jitqiesu d-disparitajiet reġjonali (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3, 2019). Fl-aħħar nett, il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-rakkomandazzjoni biex tissaħħaħ ix-xibka ta' sikurezza soċjali u jittaffa l-impatt tal-kriżi fuq l-impjiegi, inkluż permezz ta' miżuri u ħiliet attivi mtejba fis-suq tax-xoġhol (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2, 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

C.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma: 3.1.1.r. Riforma territorjali amministrattiva

L-għan ġenerali ta' din ir-riforma huwa li ttejjeb il-kwalità tas-servizzi għall-abitanti tal-Latvja u ttejjeb l-ambjent tan-negozju lokali billi tnaqqas l-għadd ta' unitajiet amministrattivi u żżid l-effiċjenza u l-aċċessibbiltà tal-forniment tas-servizzi. L-azzjonijiet deskritti hawn taħt (ir-rinnovazzjoni u r-rikostruzzjoni tat-toroq reġjonali u lokali tal-istat, il-bini tal-kapaċità tal-muniċipalitajiet lokali u r-reġjuni tal-ippjanar li jiżguraw servizzi pubbliċi aktar effiċjenti, l-iżvilupp tal-infrastruttura għall-parks industrijali, l-akkomodazzjoni affordabbli, l-iżvilupp tal-infrastruttura tal-iskejjel u x-xarabanks tal-iskejjel) huma marbuta ma' din il-miżura ta' riforma u jappoġġawha.

Il-miżura tinkludi d-dħul fis-seħħ ta' Liġi tal-Muniċipalitá ġdida li tirrevedi l-funzjonijiet u l-kompiti tal-gvernijiet lokali. Il-liġi l-ġdida għandha tiżgura governanza aħjar fil-livell muniċipali, separazzjoni u diviżjoni aktar ċari tal-kompetenzi bejn is-setgħat tat-teħid tad-deċiżjonijiet u s-setgħat eżekuttivi, u żżid il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-komunitajiet lokali.

Filwaqt li r-riforma territorjali amministrattiva ġenerali tista' tkompli lil hinn mill-perjodu ta' żmien tal-RRF, l-implimentazzjoni tar-riforma speċifika għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Investiment: 3.1.1.1.i. Titjib tan-netwerk tat-toroq reġjonali u lokali

L-objettiv ġenerali ta' dan l-investiment huwa li jiġu rinnovati jew jinbnew mill-ġdid it-toroq reġjonali u lokali tal-istat biex tittejjeb is-sikurezza fit-toroq, tiġi żgurata l-konnettività tal-muniċipalitajiet il-ġodda u jittejjeb l-aċċess taċ-ċittadini għall-impjiegi u s-servizzi.

Il-miżura ta' investiment tikkonsisti f' rinnovazzjoni jew bini mill-ġdid ta' 210 km ta' toroq reġjonali u lokali tal-istat f'konformità ma' lista ta' prijorità tal-Ministeru għall-Protezzjoni Ambjentali u l-Iżvilupp Reġjonali definita f'kollaborazzjoni mar-reġjuni tal-ippjanar, it-Toroq tal-Istat Latvjan u l-Ministeru tat-Trasport. Bħala azzjonijiet ta' akkumpanjament taħt l-investiment 1.1.1.1.i. Trasport ferrovjarju tal-passiġġieri kompetittivi fi ħdan is-sistema komuni tat-trasport pubbliku tal-belt ta' Riga, għandha tiġi stabbilita infrastruttura tal-iċċarġjar tal-ferroviji elettriċi bil-batterija fiż-żona metropolitana ta' Riga u għandhom jiġu akkwistati 17 vetturi b'emissjonijiet baxxi (karożżi tal-linja elettriċi) biex tikkomplementa l-flotta tat-trasport pubbliku tal-Latvja. Il-miżura ewlenija ta' investiment għandha tiġi implimentata sal-31 ta' Diċembru 2024.

Investiment: 3.1.1.2.i. It-tiġih tal-kapaċità tal-muniċipalitajiet biex itejbu l-effiċjenza u l-kwalità tas-servizz

L-objettiv ġenerali ta' dan l-investiment huwa li jtejjeb il-kwalità u l-effiċjenza tas-servizzi muniċipali wara r-riorganizzazzjoni tal-amministrazzjonijiet lokali. Iż-żieda fil-kapaċità u fil-ħiliet professjonali tal-muniċipalitajiet għandha l-għan li tippermettilhom jaqdu aħjar liċ-ċittadini.

Din il-miżura ta' investiment tikkonsisti fl-adozzjoni ta' regolament tal-gvern li jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni u l-parametri tal-azzjonijiet ta' bini tal-kapaċità fil-muniċipalitajiet, il-valutazzjonijiet tas-servizz pubbliku muniċipali, l-għoti ta' appoġġ metodoloġiku u l-bini tal-kapaċità tal-persunal muniċipali, u l-pilotaġġ ta' modi ta' ppjanar u forniment ta' servizzi muniċipali. Barra minn hekk, il-miżura għandha tidentifika n-nuqqasijiet tas-servizzi tal-gvern lokali u l-azzjonijiet għat-titjib tagħhom. Fl-aħħar nett, il-miżura għandha żżid il-kapaċità ta' 1 300 membru tal-persunal tal-muniċipalitajiet u r-reġjuni tal-ippjanar permezz ta' taħriġ iddedikat, żjarat ta' studju, skambju ta' esperjenza, valutazzjoni professjonali u miżuri oħra ta' bini tal-kapaċità.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

Investiment: 3.1.1.3.i. Investimenti fl-infrastruttura pubblika għall-iżvilupp ta' parks industrijali fir-reġjuni

L-objettiv ġenerali ta' dan l-investiment huwa li jappoġġa l-infrastruttura taż-żoni industrijali u jattira investituri u ditti lejn ir-reġjuni tal-Latvja barra minn Riga u jgħin biex jinħolqu impjiegi b'valur miżjud għoli u orjentati lejn l-esportazzjoni u biex jitnaqqas id-distakk fl-iżvilupp bejn ir-reġjun ta' Riga u l-bqija tal-pajjiż.

Il-miżura tikkonsisti fl-adozzjoni ta' programm ta' appoġġ għall-iżvilupp ta' parks industrijali u territorji fir-reġjuni; sejħiet għall-offerti u l-għoti ta' kuntratti għall-iżvilupp ta' parks industrijali lil benefiċjarji speċifiċi li jkunu żviluppaw territorju industrijali jew strateġija ta' żvilupp ta' park jew pjan ta' direzzjoni tan-negozju; l-iffirmar ta' mill-inqas erba' ittri ta' intenzjoni jew kuntratti ma' operaturi ta' parks industrijali rikonoxxuti internazzjonalment u/jew kerrejja potenzjali li jipprevedu l-attrazzjoni/l-eżekuzzjoni ta' investimenti addizzjonali mis-settur privat ta' mill-inqas EUR 85 700 000. Fl-aħħar nett, il-miżura tinkludi t-tlestija tal-kostruzzjoni ta' mill-inqas erba' parks industrijali ta' importanza nazzjonali fir-reġjuni, inkluż l-istabbiliment ta' konnessjonijiet ta' utilità meħtieġa (inklużi t-tiġin, l-ilma u d-drenaġġ, l-elettriku), it-tiġdid jew l-installazzjoni ta' toroq ta' aċċess qrib żoni industrijali, kif ukoll l-iżvilupp ta' bini maħsub għal skopijiet kummerċjali u l-infrastruttura relatata tagħhom. Bħala riżultat tal-miżura, għandhom jinħolqu mill-inqas 328 impjiegi ġdida b'salarji medji li jaqbu s-salarji medji fis-settur ekonomiku rispettiv.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika “Bla ħsara sinifikanti” (2021/C58/01), il-kriterji ta’ eliġibbiltà li jinsabu f’termini ta’ referenza għal sejħiet għal proġetti li ġejjin għandhom jeskludu l-lista ta’ attivitajiet li ġejja: (i) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream²¹; (ii) attivitajiet taħt is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta’ Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta’ gassijiet serra previsti li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti²²; (iii) attivitajiet relatati ma’ landfills tal-iskart, incineraturi²³ u impjanti tat-trattament mekkaniku bijoloġiku²⁴; u (iv) attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista’ jikkawża ħsara lill-ambjent. It-termini ta’ referenza għandhom jirrikjedu wkoll li jistgħu jintgħażlu biss attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta’ Awwissu 2026.

Investiment: 3.1.1.4.i. L-istabbiliment ta’ fond ta’ finanzjament għall-kostruzzjoni ta’ djar b’kera baxxa

L-objettiv ġenerali ta’ din il-miżura huwa li tistimula l-provvista tal-akkomodazzjoni tipprovdi akkomodazzjoni affordabbli, tikkontribwixxi għall-mobbiltà reġjonali tal-forza tax-xogħol, u tgħin biex jiġu attirati u jinżammu professjonisti tas-sengħa fir-reġjuni.

Il-miżura tikkonsisti fid-dħul fis-seħħ ta’ qafas legali ġdid għall-kirjiet biex jiġi żgurat bilanċ ġust bejn l-interessi tal-kerrej u ta’ sid il-kera u biex tiġi ffaċilitata r-risoluzzjoni tat-tilwim dwar il-kiri; l-adozzjoni ta’ strateġija għall-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni; id-dħul fis-seħħ ta’ regolament dwar l-akkomodazzjoni b’kera baxxa li jiddefinixxi d-daqs, il-kamp ta’ applikazzjoni u t-tip ta’ appoġġ u l-kriterji għall-benefiċjarji; l-approvazzjoni ta’ proġetti għal mill-inqas 467 appartament, u l-kostruzzjoni ta’ mill-inqas 300 appartament fil-perjodu ta’ żmien tal-RRF. Id-daqs medju ta’ appartament għandu jkun mill-inqas 52 m² u l-limitu massimu tal-kera b’mod indikattiv għandu jkun ta’ EUR 4.40/m². Il-proġetti approvati għandhom jissodisfaw rekwiżiti ta’ kwalità għolja: il-bini għandu jkun b’użu ta’ kważi zero enerġija u għandhom isiru testijiet xierqa tal-kwalità (kejl akustiku, test tal-permeabbiltà tal-arja tal-bini) fil-mument tad-dħul fis-servizz.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta’ Awwissu 2026.

Investiment: 3.1.1.5.i. L-iżvilupp tal-infrastruttura u t-tagħmir tal-istituzzjonijiet edukattivi

L-objettiv ġenerali ta’ din il-miżura ta’ investment huwa li tittejjeb il-kwalità tal-iskejjel reġjonali billi l-investment jiġi abbinat mal-ottimizzazzjoni tan-netwerk tal-iskejjel.

Il-miżura tikkonsisti fid-dħul fis-seħħ ta’ qafas legali li jistabbilixxi l-kriterji kwantitattivi u kwalitattivi għall-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni sekondarja ġenerali, l-adozzjoni ta’ mill-inqas 21

²¹ Ħlief għal proġetti fl-ambitu ta’ din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-šhana, kif ukoll fl-infrastruttura ta’ trażmissjoni u distribuzzjoni relatata, li jużaw il-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika “Do no significant harm” (2021/C58/01).

²² Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta’ gassijiet serra proġettati li mhumiex sostanzjalment anqas mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħteġ li tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhumiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta’ Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

²³ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f’impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta’ skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta’ materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f’żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f’estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

²⁴ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f’impjanti ta’ trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta’ operazzjonijiet ta’ riċiklaġġ ta’ skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f’żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f’estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

deċiżjoni mill-gvernijiet lokali dwar ir-riorganizzazzjoni tal-iskejjel, u t-titjib tal-infrastrutturi tal-iskejjel. L-investimenti għandhom itejbu l-faċilitajiet tal-iskola, bħal rekwiżiti iġeniċi fil-klassijiet, networks tal-ingerija (inklużi sistemi ta' ventilazzjoni), dawl suffiċjenti u effiċjenti fl-użu tal-enerġija, u soluzzjonijiet ambjentali tal-edukazzjoni ergonomiċi u moderni oħrajn. Jistgħu jiġu pjanati wkoll investimenti għax-xiri ta' tagħmir tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tax-xjenza, tat-teknoloġija, tal-ingerija u tal-matematika, għall-implimentazzjoni ta' kurrikuli mtejbja ġodda u għall-implimentazzjoni tat-tagħlim mill-bogħod u online.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

Investiment: 3.1.1.6.i. Ix-xiri ta' vetturi b'emissjonijiet żero għat-tweqqif ta' funzjonijiet municiċpali u servizzi relatati

L-oġġettiv ġenerali ta' din il-miżura ta' investment huwa li ttejjeb il-prestazzjoni tal-funzjonijiet municiċpali u s-servizzi relatati b'enfasi fuq il-mobbiltà tal-istudenti fin-network skolastiku ottimizzat. Oġġettiv sekondarju huwa li jingħata kontribut għall-ekoloġizzazzjoni tat-trasport pubbliku fil-Latvja billi jsir investment f'vetturi b'emissjonijiet żero.

Il-miżura tikkonsisti mid-dħul fis-seħħ ta' regolament tal-gvern li jstabilixxi l-kundizzjonijiet għall-municiċpalitajiet biex jiksbu l-appoġġ għall-akkwist ta' vetturi b'emissjonijiet żero, il-proċess tal-akkwist u t-twassil ta' 15 vettura b'emissjonijiet żero (xarabanks elettriċi) għat-trasport tal-istudenti fir-reġjuni.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Riforma: 3.1.2.r. L-aċċess għas-servizzi soċjali u tal-impjiegi b'appoġġ għar-riforma tal-introjtu minimu

L-oġġettiv ġenerali ta' din ir-riforma huwa li tnaqqas l-inugwaljanza, ittejjeb ix-xibka ta' sikurezza soċjali, trawwem l-integrazzjoni soċjali u l-inklużjoni fil-Latvja.

Il-miżura tikkonsisti f'żewġ stadji ewlenin. L-ewwel pass huwa l-adozzjoni ta' pjan għat-titjib tas-sistema ta' appoġġ għall-introjtu minimu għall-2022–2024 biex tissaħħaħ il-metodoloġija għall-kalkolu tal-introjtu minimu; l-adozzjoni ta' Linji Gwida dwar il-Protezzjoni Soċjali u s-Suq tax-Xogħol 2021–2027 għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali tal-popolazzjoni, għat-tnaqqis tal-inugwaljanza fl-introjtu u l-faqar, l-iżvilupp ta' servizzi soċjali aċċessibbli u mfassla apposta u l-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjeg f'ambjent tax-xogħol ta' kwalità; l-adozzjoni ta' Pjan ta' Żvilupp tas-Servizzi Soċjali 2021–2023 immirat lejn it-titjib tal-forniment ta' servizzi bbażati fil-komunità; u l-adozzjoni ta' Pjan għall-Promozzjoni ta' Opportunitajiet Indaqs għall-Persuni b'Diżabilità 2021–2023, li għandu l-għan li jiżviluppa sistema ta' appoġġ integrata li tissodisfa l-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità. It-tieni pass huwa d-dħul fis-seħħ ta' emendi leġiżlattivi mill-Parlament nazzjonali biex tittejjeb is-sistema ta' appoġġ għall-introjtu minimu, inkluż l-istabiliment ta' limitu minimu tal-introjtu minimu ta' mhux inqas minn 20 % tal-introjtu medjan u l-istabiliment ta' proċedura għall-indiċjar pożittiv annwali (mill-2023).

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2021.

Investiment: 3.1.2.1.i. Miżuri li jipromwovu l-aċċess għas-servizzi pubbliċi u l-impjiegi għall-persuni b'diżabilità

L-oġġettiv ġenerali ta' din il-miżura ta' investment huwa li ttejjeb l-aċċess għall-faċilitajiet, l-impjiegi u s-servizzi għall-persuni b'diżabilità u b'hekk tikkontribwixxi għall-inklużjoni soċjali tagħhom.

Il-miżura tikkonsisti fl-għażla ta' 63 binja pubblika u municiċpali u l-modifika retroattiva tagħhom biex jiġi żgurat l-aċċess għall-faċilitajiet għall-persuni b'indebolimenti funzjonali u għall-persuni b'diżabilità. Dan jista' jinkludi pereżempju vista, smiġħ, mobbiltà u indeboliment mentali, inkluż it-

titjib tal-informazzjoni viżwali, l-adattament u l-ġhoti ta' sistemi ta' evakwazzjoni għall-persuni b'diżabilità, u l-installazzjoni ta' għajnuniet, bħal rampi, dixxijiet, liftijiet, bibien li jinfetħu faċilment jew awtomatiċi. Barra minn hekk, il-miżura għandha tinkludi l-għażla, il-modifika retroattiva u t-titjib tal-aċċessibbiltà fiżika tal-akkomodazzjoni għal 259 persuna b'diżabilità (persuni b'diżabilità severa jew severa ħafna u tfal b'diżabilità) li ttejjeb l-aċċess tagħhom għall-impjegi u s-servizzi, u b'hekk tippromwovi d-dinjità tal-bniedem u l-kwalità tal-ħajja tagħhom.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment: 3.1.2.2.i. Żvilupp ta' għodda ta' tbassir

L-objettiv ġenerali ta' din il-miżura ta' investment huwa li tiġi aġġornata l-kapaċità tal-immudellar makroekonomiku biex tiġi vvalutata s-sostenibbiltà fit-tul tas-sistema tas-sigurtà soċjali.

Il-miżura tikkonsisti f'sejħiet għall-offerti u l-iżvilupp ta' mudelli ekonometriċi u metodoloġija għat-tbassir fit-tul tal-appoġġ soċjali, inklużi l-pensjonijiet, l-iżvilupp ta' speċifikazzjoni teknika għas-sistema ta' informazzjoni u l-monitoraġġ tal-iżvilupp tas-sistema. Ir-riżultati finali għandhom jinkludu rapport ta' evalwazzjoni dwar is-sitwazzjoni attwali; mudell matematiku għat-tbassir tal-pensjonijiet; l-evalwazzjoni tal-għodda tat-tbassir attwali u l-potenzjal tagħha; speċifikazzjonijiet tekniċi għall-iżvilupp ta' sistema ta' informazzjoni; il-monitoraġġ tal-iżvilupp tas-sistema fil-miżura kollha.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

Investiment: 3.1.2.3.i. Ir-reżiljenza u l-kontinwità tas-servizz tal-kura soċjali fit-tul

L-objettiv ġenerali ta' din il-miżura ta' investment huwa li tippermetti t-tranżizzjoni minn għoti ta' kura istituzzjonali fit-tul għal mudell ta' kura aktar ibbażat fil-komunità.

Il-miżura tikkonsisti fl-iżvilupp ta' disinn ta' kostruzzjoni standard għal faċilitajiet ġodda ta' kura fit-tul, il-konklużjoni ta' ftehimiet bejn il-Ministeru għall-Benesseri u 17 muniċipalità għall-istabbiliment ta' postijiet ġodda għall-forniment ta' servizzi ta' kura fit-tul qrib l-ambjent tal-familja, u l-kostruzzjoni ta' faċilitajiet ġodda ta' kura fit-tul għal 852 persuna fl-età tal-irtirar f' 54 binja. Il-kostruzzjoni ta' dawn il-binjiet għandha tiżgura massimu ta' 16 persuna għal kull binja u li kull binja titwaħħal b'apparat, tagħmir u għamara. Il-mudell il-ġdid tal-kura fit-tul għandu jiżgura t-tranżizzjoni minn kura istituzzjonali għal kura tat-tip tal-familja għall-persuni fl-età tal-irtirar.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment: 3.1.2.4.i. Żvilupp sinerġistiku ta' servizzi ta' riabilitazzjoni soċjali u vokazzjonali għall-promozzjoni tar-reżiljenza ta' persuni b'indebolimenti funzjonali

L-objettiv ġenerali ta' din il-miżura ta' investment huwa li ttejjeb l-inklużjoni soċjali u r-riabilitazzjoni ta' persuni b'diżabilità funzjonali permezz tal-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' standard ta' servizz uniformi.

Il-miżura tikkonsisti fl-iżvilupp, il-pilotaġġ u l-adozzjoni ta' standard ta' servizz ta' riabilitazzjoni vokazzjonali li jippromwovi ż-żamma, it-tiġdid u l-akkwist ta' edukazzjoni jew ħiliet ġodda għall-impjeg mill-ġdid għal persuni b'diżabilità fiżika. Il-miżura għandha tgħin ukoll biex ittejjeb l-infrastruttura u t-tagħmir fil-bini fejn għandhom jiġu pprovduti s-servizzi.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment: 3.1.2.5.i. Il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni qiegħda, persuni li qed ifittxu impjieg u persuni f'riskju ta' qgħad

L-objettiv ġenerali ta' din il-miżura ta' investiment huwa li ttejjeb it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet u tal-persuni qiegħda biex ittejjeb l-opportunitajiet ta' impjieg tagħhom fis-suq tax-xogħol.

Il-miżura tikkonsisti fl-iżvilupp ta' offerta ta' taħriġ mill-ġdid u ta' titjib tal-ħiliet b'enfasi fuq il-ħiliet diġitali għall-klijenti (persuni qiegħda, persuni li qed ifittxu impjieg, persuni f'riskju ta' qgħad) tal-Aġenzija tal-Istat għall-Impjieg (SEA), l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' politika attiva tas-suq tax-xogħol, l-iżvilupp ta' għodda diġitali għall-valutazzjoni tal-ħiliet, u t-titjib tal-ħiliet ta' mill-inqas 20 450 persuna. Taħt il-miżura, l-Aġenzija għandha tiffoka fuq approċċ individwali aktar fil-fond ibbażat fuq ir-riżultati ta' sistema ta' tfassil ta' profili riformata u aġġustata. L-investiment jikkomplementa l-miżuri tal-Politika Attiva tas-Suq tax-Xogħol (ALMP) ippjanati taħt il-fondi ta' koeżjoni għall-perjodu 2021–27, li huwa mistenni li jibda wara t-tmiem tal-investiment tal-RRP.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

C.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Nru	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
84	3.1.1.r. Riforma territorjali amministrattiva	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' "Liġi tal-Municipalitá" l-għdida	Dħul fis-seħħ tal- "Liġi tal-Municipalitá" l-għdida	MHUX APPLIKABBLI	MHUX APPLIKABBLI	MHUX APPLIKABBLI	Q4	2023	Dħul fis-seħħ tal- "Liġi tal-Municipalitá" li għandha tirrevedi l-funzjonijiet u l-kompiti tal-gvernijiet lokali, biex tallinjahom mal-eżitu tar-riforma territorjali amministrattiva (li tissostitwixxi l-Liġi dwar il-Gvern Lokali tad-19.05.1994). Hija għandha tiżgura governanza mtejbja wara r-riforma territorjali amministrattiva tal-muniċipalitajiet, tippromwovi d-demokratizzazzjoni u separazzjoni aktar ċara tas-setgħa tat-tehd tad-deċiżjonijiet mill-eżekuttiv, tistabbilixxi diviżjoni ċara tal-kompetenzi u l-funzjonijiet, tnaqqas il-konċentrazzjoni tas-setgħat u żżid il-parteċipazzjoni tal-komunitá lokali fuq bażi regolari.
85	3.1.1.1.i. Titjib tan-netwerk tat-toroq reġjonali u lokali	Mira	Toroq reġjonali u lokali rinnovati jew mibnija mill-għdid għall-aċċessibbiltá sikura taċ-ċentri amministrattivi tal-kontea u s-	MHUX APPLIKABBLI	Km	0	70	Q4	2022	It-toroq reġjonali u lokali tal-istat ġew rinnovati jew mibnija mill-għdid għall-aċċessibbiltá għaċ-ċentri amministrattivi tal-kontej u s-servizzi u l-impjegji tagħhom u għall-funzjonament sħiħ tal-muniċipalitajiet il-għodda. Ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni tat-

Nru	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
			servizzi u l-impjegi tagħhom u għall-funzjonament sħiħ tal-muniċipalitajiet il-ġodda.							toroq għandhom jinvolvu investimenti li jtejbu s-sikurezza fit-toroq.
86	3.1.1.1.i. Titjib tan-netwerk tat-toroq reġjonali u lokali	Mira	Toroq reġjonali u lokali rinnovati jew mibnija mill-ġdid għall-aċċessibbiltà sikura taċ-ċentri amministrattivi tal-kontea u s-servizzi u l-impjegi tagħhom u għall-funzjonament sħiħ tal-muniċipalitajiet il-ġodda	Mhux applikabbli	Km	70	210	Q4	2024	It-toroq reġjonali u lokali tal-istat ġew rinnovati jew mibnija mill-ġdid għall-aċċessibbiltà għaċ-ċentri amministrattivi tal-kontej u s-servizzi u l-impjegi tagħhom u għall-funzjonament sħiħ tal-muniċipalitajiet il-ġodda. Ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni tat-toroq għandhom jinvolvu investimenti li jtejbu s-sikurezza fit-toroq.
89	3.1.1.2.i. It-tisħiħ tal-kapaċità tal-muniċipalitajiet biex itejbu l-effiċjenza u l-kwalità tal-operazzjonijiet tagħhom	Stadju importanti	Ġiet adottata l-bażi ġuridika għall-implimentazzjoni tal-appoġġ għall-bini tal-kapaċità tal-gvernijiet lokali	Ir-regolamenti tal-Kabinett tal-Ministri ġew adottati	MHUX APPLIKABBLI	MHUX APPLIKABBLI	MHUX APPLIKABBLI	Q4	2022	Ir-regolamenti tal-Kabinett ġew adottati għall-implimentazzjoni tal-appoġġ għall-bini tal-kapaċità tal-gvernijiet lokali, inkluż: (a) id-definizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni u l-parametri tal-azzjonijiet ta' bini tal-kapaċità fil-muniċipalitajiet;

Nru	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
										(b) valutazzjonijiet tas-servizz pubbliku municiċipali; (c) l-għoti ta' appoġġ metodoloġiku u l-bini tal-kapaċità; (d) jippilotaw modi ta' ppjanar u forniment ta' servizzi pubbliċi municiċipali.
90	3.1.1.2.i. It-tisħiħ tal-kapaċità tal-municiċipalitajiet biex itejbu l-effiċjenza u l-kwalità tal-operazzjonijiet tagħhom	Stadju importanti	It-tlestija tal-valutazzjoni tas-servizzi pubbliċi tal-gvern lokali, l-identifikazzjoni tan-nuqqasijiet u l-miżuri għat-titjib tagħhom	Tlestija tal-valutazzjoni	MHUX APPLIKABBLI	MHUX APPLIKABBLI	MHUX APPLIKABBLI	Q4	2024	It-tlestija tal-valutazzjoni tal-effiċjenza tal-forniment ta' servizzi pubbliċi tal-gvern lokali skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Kabinett tal-Ministri dwar l-Implimentazzjoni tal-Appoġġ għall-Bini tal-Kapaċitajiet tal-Gvern Lokali.
91	3.1.1.2.i. It-tisħiħ tal-kapaċità tal-municiċipalitajiet biex itejbu l-effiċjenza u l-kwalità tal-operazzjonijiet tagħhom	Mira	Għadd ta' impjegati tal-gvern lokali mħarrġa	MHUX APPLIKABBLI	Numru	0	750	Q4	2024	L-għadd ta' impjegati tal-gvern lokali mħarrġa, it-titjib tal-għarfien u l-kwalifiki tagħhom, l-appoġġ metodoloġiku pprovdut biex jaħdmu fil-municiċipalitajiet wara r-riforma territorjali amministrattiva. It-taħriġ u miżuri oħra ta' bini tal-kapaċità twettqu abbażi ta' valutazzjoni tas-servizzi u tal-kapaċità tal-gvern lokali.

Nru	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
92	3.1.1.2.i. It-tisħiħ tal-kapaċità tal-muniċipalitajiet biex itejbu l-effiċjenza u l-kwalità tal-operazzjonijiet tagħhom	Mira	Għadd ta' impjegati tal-gvern lokali mħarrġa	MHUX APPLIKABBLI	Numru	750	1300	Q3	2026	L-għadd ta' impjegati tal-gvern lokali mħarrġa, it-titjib tal-għarfien u l-kwalifiki tagħhom, l-appoġġ metodoloġiku pprovdut biex jaħdmu fil-muniċipalitajiet wara r-riforma territorjali amministrattiva. It-taħriġ u miżuri oħra ta' bini tal-kapaċità twettqu abbażi ta' valutazzjoni tas-servizzi u l-kapaċità tal-gvern lokali.
93	3.1.1.3.i. Investimenti fl-infrastruttura pubblika tan-negozju għall-iżvilupp ta' parks industrijali u żoni fir-regġuni	Stadju importanti	Adozzjoni ta' programm ta' appoġġ għall-iżvilupp ta' parks industrijali u territorji fir-regġuni	Adottati Regolamenti tal-Kabinet u programm ta' għajjnuna kkoordinat	MHUX APPLIKABBLI	MHUX APPLIKABBLI	MHUX APPLIKABBLI	Q4	2022	Ir-regolamenti tal-Kabinet tal-Ministri li jstabbilixxu l-kondizzjonijiet u l-kriterji għall-għoti ta' għajjnuna lil żoni industrijali ġew imfassla u adottati. Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.
94	3.1.1.3.i. Investimenti fl-infrastruttura pubblika tan-	Stadju importanti	Għoti ta' kuntratti għall-iżvilupp ta'	Għoti ta' kuntratti għall-	MHUX APPLIKABBLI	MHUX APPLIKABBLI	MHUX APPLIKABBLI	Q4	2023	L-għoti ta' kuntratti għall-iżvilupp ta' parks industrijali fir-regġuni lil benefiċjarji tas-settur privat li żviluppaw strateġija ta'

Nru	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
	negozju għall-iżvilupp ta' parks industrijali u żoni fir-reġjuni		parks industrijali fir-reġjuni	implimentazzjoni tal-proġetti						żvilupp ta' parks industrijali jew pjani ta' direzzjoni tan-negozju. Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.
95	3.1.1.3.i. Investimenti fl-infrastruttura pubblika tan-negozju għall-iżvilupp ta' parks industrijali u żoni fir-reġjuni	Mira	Ittri ta' intenzjoni/kuntratti i konklużi	MHUX APPLIKABBLI	Numru	0	4	Q4	2025	Mill-inqas erba' ittri ta' intenzjoni/kuntratti ffirmati ma' operatori ta' parks industrijali rikonoxxuti internazzjonalment u/jew investituri potenzjali billi jattiraw/iwettqu investimenti mhux finanzjarji ta' mill-inqas EUR 85 741 349. Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

Nru	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
96	3.1.1.3.i. Investimenti fl-infrastruttura pubblika tan-negozju għall-iżvilupp ta' parks industrijali u żoni fir-reġjuni	Mira	Kostruzzjoni kompluta ta' parks/territorji industrijali fejn tiġi żviluppata infrastruttura pubblika fir-reġjuni	MHUX APPLIKABBLI	Numru	0	4	Q4	2025	Il-kostruzzjoni lesta ta' mill-inqas erba' parks/territorji industrijali nazzjonali, inkluż l-istabbiliment tal-konnessjonijiet industrijali meħtieġa u ż-żieda tal-kapaċità relatata tagħhom (inkluż it-tisħin, l-ilma u d-drenaġġ, l-elettriku), it-tiġdid jew l-installazzjoni ta' toroq ta' aċċess qrib żoni industrijali, kif ukoll l-iżvilupp ta' bini għal skopijiet kummerċjali u l-infrastruttura relatata tagħhom.
97	3.1.1.3.i. Investimenti fl-infrastruttura pubblika tan-negozju għall-iżvilupp ta' parks industrijali u żoni fir-reġjuni	Mira	Il-ħolqien ta' impjiegi ġodda fil-parks industrijali b' salarji medji oġhla mis-salarju medju fis-settur ekonomiku rispettiv	MHUX APPLIKABBLI	Numru	0	328	Q3	2026	Il-preżentazzjoni ta' lista tal-impjiegi maħluqa mill-operaturi tal-parks jew investituri privati u s-salarji, li tiċċertifika l-ħolqien ta' impjiegi ġodda b' salarji oġhla mis-salarji medji fis-settur ekonomiku rispettiv.
98	3.1.1.4.i. L-istabbiliment ta' fond ta' finanzjament għall-kostruzzjoni ta' abitazzjonijiet b'kera baxxa	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-liġi li tibbilanċja d-drittijiet tal-kerreġja u tas-sidien	Dħul fis-seħħ tal-Liġi dwar il-Kiri tal-bini tad-djar	MHUX APPLIKABBLI	MHUX APPLIKABBLI	MHUX APPLIKABBLI	Q2	2021	Id-dħul fis-seħħ ta' qafas legali ġdid għall-kirjiet biex jiġi żgurat bilanċ ġust bejn l-interessi tal-kerreġ u ta' sid il-kera u biex tiġi tiffaqqes ir-riżoluzzjoni tat-tilwim dwar it-tul tal-kera u r-riżoluzzjoni tal-kirjiet, li huwa partikolarment importanti sabiex

Nru	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
										jiġi promoss il-bini ta' djar għall-kiri u konsegwentement biex tiġi ffaċilitata l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni.
99	3.1.1.4.i. L-istabbiliment ta' fond ta' finanzjament għall-kostruzzjoni ta' abitazzjonijiet b'kera baxxa	Stadju importanti	Adozzjoni ta' strateġija għall-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni	Il-Gvern adotta strateġija dwar l-akkomodazzjoni u l-affordabbiltà	MHUX APPLIKAB BLI	MHUX APPLIK ABBLI	MHUX APPLIK ABBLI	Q2	2022	L-istrateġija tal-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni għandha tinkludi direzzjonijiet ta' azzjoni, indikaturi ta' politika u sett ta' kompiti għall-promozzjoni tal-aċċess għall-akkomodazzjoni, l-għoti ta' soluzzjonijiet għall-għoti ta' appoġġ għall-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni lill-unitajiet domestiċi ta' tipi u livelli ta' introjtu differenti, inklużi l-unitajiet domestiċi bl-inqas introjtu, u li l-mekkaniżmi u r-regolamenti ta' appoġġ jipromwovu kemm it-tiswija tal-istokk ta' akkomodazzjoni eżistenti kif ukoll l-iżvilupp ta' stokk ta' akkomodazzjoni ġdid.
100	3.1.1.4.i. L-istabbiliment ta' fond ta' finanzjament għall-kostruzzjoni ta' abitazzjonijiet b'kera baxxa	Stadju importanti	Regolament tal-Gvern dwar il-kostruzzjoni ta' abitazzjonijiet b'kera baxxa	Dħul fis-seħħ tar-regolament tal-gvern dwar il-kostruzzjoni ta' abitazzjonijiet b'kera baxxa	MHUX APPLIKAB BLI	MHUX APPLIK ABBLI	MHUX APPLIK ABBLI	Q3	2022	Ir-Regolament tal-Kabinett tal-Ministri dwar il-kostruzzjoni ta' abitazzjonijiet bi kera baxxa daħal fis-seħħ sabiex jiddefinixxi d-daqs, il-kamp ta' applikazzjoni u t-tip ta' appoġġ u l-kriterji għall-benefiċjarji.

Nru	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestr u	Sena	
101	3.1.1.4.i. L-istabiliment ta' fond ta' finanzjament għall-kostruzzjoni ta' abitazzjonijiet b'kera baxxa	Mira	Għadd ta' appartamenti fi ħdan proġetti approvati	MHUX APPLIKABBLI	Numru	0	300	Q4	2024	<p>Il-finanzjament għandu jkun ġie approvat mill-istituzzjoni nazzjonali tal-iżvilupp Altum għall-proġetti ta' mill-inqas 300 appartamenti.</p> <p>Bħala parti mill-proġetti approvati, l-akkomodazzjoni għandha tiġi pprovduta għal kera baxxa (b'mod indikattiv, EUR 4.40/m²). Il-proġetti approvati għandhom jissodisfaw rekwiżiti ta' kwalità għolja: (1) il-bini għandu jkun bini b'użu ta' enerġija qrib iż-zero; (2) għandhom jitwettqu testijiet tal-kwalità xierqa (kejl akustiku, test tal-permeabbiltà tal-arja tal-bini) fil-mument tad-dħul fis-servizz.</p>
102	3.1.1.4.i. L-istabiliment ta' fond ta' finanzjament għall-kostruzzjoni ta' abitazzjonijiet b'kera baxxa	Mira	Għadd ta' appartamenti fi ħdan proġetti approvati	MHUX APPLIKABBLI	Numru	300	467	Q3	2026	<p>Il-finanzjament għandu jkun ġie approvat mill-istituzzjoni nazzjonali tal-iżvilupp Altum għall-proġetti ta' mill-inqas 467 appartamenti.</p> <p>Bħala parti mill-proġetti approvati, l-akkomodazzjoni għandha tiġi pprovduta għal kera baxxa (b'mod indikattiv, EUR 4.40/m²). Il-proġetti approvati għandhom jissodisfaw rekwiżiti ta' kwalità għolja: (1) il-bini</p>

Nru	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
										għandu jkun bini b' użu ta' enerġija qrib iż-zero; (2) għandhom jitwettqu testijiet tal-kwalità xierqa (kejl akustiku, test tal-permeabbiltà tal-arja tal-bini) fil-mument tad-dħul fis-servizz.
103	3.1.1.4.i. L-istabbiliment ta' fond ta' finanzjament għall-kostruzzjoni ta' abitazzjonijiet b'kera baxxa	Mira	Għadd ta' appartamenti mibnija	MHUX APPLIKABBILI	Numru	0	300	Q3	2026	Proġetti li tlestew b' 300 appartamenti mibnija u mwassla f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin: (1) il-bini għandu jkun bini b' użu ta' enerġija qrib iż-zero; (2) għandhom jitwettqu testijiet tal-kwalità xierqa (kejl akustiku, test tal-permeabbiltà tal-arja tal-bini) fil-mument tad-dħul fis-servizz.
104	3.1.1.5.i. L-iżvilupp u t-tagħmir tal-infrastruttura tal-istituzzjonijiet edukattivi	Stadju importanti	Definizzjoni tal-kriterji kwalitattivi u kwantitattivi adottati	Il-qafas legali daħal fis-seħħ	MHUX APPLIKABBILI	MHUX APPLIKABBILI	MHUX APPLIKABBILI	Q4	2021	Id-dħul fis-seħħ ta' qafas legali adottat mill-gvern li jipprovwovi l-provvista ta' edukazzjoni ta' kwalità għolja billi jipprovwovi offerta komprensiva ta' programmi edukattivi fil-livell reġjonali, kif ukoll billi joħloq netwerk ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni sekondarja ġenerali f'konformità mas-sitwazzjoni demografika. Il-qafas legali għandu jstabbilixxi kriterji kwantitattivi u kwalitattivi minimi (bħall-għadd minimu ta' studenti, id-disponibbiltà tal-

Nru	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
										infrastruttura, eċċ.) għall-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni sekondarja ġenerali.
105	3.1.1.5.i. L-iżvilupp u t-tagħmir tal-infrastruttura tal-istituzzjonijiet edukattivi	Stadju importanti	Adozzjoni ta' deċiżjonijiet mill-kunsilli lokali dwar ir-riorganizzazzjoni ta' mill-inqas 20 istituzzjonijiet ġenerali tal-edukazzjoni sekondarja	Adozzjoni ta' deċiżjonijiet mill-kunsilli lokali	MHUX APPLIKABBLI	MHUX APPLIKABBLI	MHUX APPLIKABBLI	Q2	2022	Deċiżjonijiet ta' riorganizzazzjoni (fużjonijiet, bidla fil-livell tal-edukazzjoni) ta' mill-inqas 20 istituzzjoni tal-edukazzjoni sekondarja ġenerali adottati mill-gvernijiet lokali.
106	3.1.1.5.i. L-iżvilupp u t-tagħmir tal-infrastruttura tal-istituzzjonijiet edukattivi	Mira	L-iżvilupp u t-tagħmir tal-infrastruttura tal-istituzzjonijiet edukattivi	Mhux applikabbli	Numru	0	21	Q3	2026	Titjib tal-infrastruttura ta' 21 istituzzjoni tal-edukazzjoni ġenerali stabbiliti mill-gvernijiet lokali skont l-ispeċifikazzjonijiet: jistgħu jiġu previsti investimenti għat-titjib tal-ambjent fiżiku tal-istituzzjoni edukattiva — klassijiet li jissodisfaw ir-rekwiżiti iġjeniċi, ir-rikostruzzjoni tan-networks tal-inġinerija (inklużi s-sistemi ta' ventilazzjoni), l-iżgurar ta' dawl suffiċjenti u effiċjenti fl-użu tal-enerġija, u soluzzjonijiet ambjentali tal-edukazzjoni ergonomiċi u moderni oħrajn. Dawn l-investimenti fl-infrastruttura tal-iskejjel taħt l-

Nru	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
										RRF jistgħu jintużaw ukoll għax-xiri ta' tagħmir tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tax-xjenza, tat-teknoloġija, tal-ingerija u tal-matematika, għall-implimentazzjoni ta' kurrikuli mtejbja ġodda u għall-implimentazzjoni ta' apprendiment mill-bogħod u online.
107	3.1.1.6.i. Ix-xiri ta' vetturi b'emissjonijiet żero għat-twettiq ta' funzjonijiet muniċipali u servizzi relatati	Stadju importanti	Ġie adottat programm ta' appoġġ għall-gvernijiet lokali għax-xiri ta' karozzi tal-linja elettriċi għat-twettiq tal-funzjonijiet muniċipali u s-servizzi relatati	Dħul fis-seħħ tar-regolament tal-gvern	MHUX APPLIKAB BLI	MHUX APPLIK ABBLI	MHUX APPLIK ABBLI	Q4	2022	Dħul fis-seħħ tar-Regolamenti tal-Kabinett li jstabbilixxu l-kundizzjonijiet ta' implimentazzjoni għall-għoti ta' appoġġ lill-gvernijiet lokali għax-xiri ta' xarabanks elettriċi għat-twettiq tal-funzjonijiet muniċipali u servizzi relatati.
108	3.1.1.6.i. Ix-xiri ta' vetturi b'emissjonijiet żero għat-twettiq ta' funzjonijiet muniċipali u servizzi relatati	Mira	Ammont ta' finanzjament taħt kuntratti konklużi għax-xiri ta' xarabanks elettriċi għat-twettiq tal-funzjonijiet muniċipali u	Mhux applikabbli	Ammont (f'EUR)	0	8 300 000	Q4	2024	L-għoti ta' kuntratti għax-xiri ta' karozzi tal-linja elettriċi għat-twettiq ta' funzjonijiet muniċipali u servizzi relatati għal valur totali ta' mill-inqas EUR 8 300 000.

Nru	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
			servizzi relatati mhux applikabbli							
109	3.1.1.6.i. Ix-xiri ta' vetturi b'emissjonijiet żero għat-twettiq ta' funzjonijiet municiċipali u servizzi relatati	Mira	Għadd ta' xarabanks tal-elettriku tal-iskola mixtrija	MHUX APPLIKABBLI	Numru	0	15	Q4	2025	It-twassil ta' 15-il xarabank tal-iskola elettrika lill-muniċipalitajiet bħala benefiċjarji għat-trasport municiċipali tal-istudenti.
110	3.1.2.r. L-aċċess għas-servizzi soċjali u tal-impjiegi b'apport għar-riforma tal-introjtu minimu	Stadju importanti	Adozzjoni tal-qafas strateġiku għal aktar żvilupp tas-sistema ta' apport għall-introjtu minimu	Il-qafas strateġiku għal aktar żvilupp tas-sistema ta' apport għall-introjtu minimu ġie approvat mill-Kabinett tal-Ministri	MHUX APPLIKABBLI	MHUX APPLIKABBLI	MHUX APPLIKABBLI	Q4	2021	Qafas strateġiku għal żvilupp ulterjuri tas-sistema ta' apport għall-introjtu minimu ġie żvilupp u approvat mill-Kabinett tal-Ministri, li għandu jinkludi mill-inqas: — Pjan għat-titjib tas-sistema ta' apport għall-introjtu minimu għall-2022–2024, bil-ħsieb li tissaħħaħ il-metodoloġija għall-kalkolu tal-introjtu minimu; — Il-linji Gwida dwar il-Protezzjoni Soċjali u s-Suq tax-Xogħol 2021–2027 għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali tal-popolazzjoni, it-tnaqqis tal-inugwaljanzi fl-introjtu u l-faqar, l-iżvilupp ta' servizzi soċjali aċċessibbli u mfassla apposta u l-promozzjoni ta' livell għoli ta'

Nru	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
										<p>impjegji f'ambjent tax-xogħol ta' kwalità;</p> <p>— Il-pjan ta' Żvilupp tas-Servizzi Soċjali 2021–2023, li għandu l-għan li jtejjeb il-forniment ta' servizzi bbażati fil-komunità;</p> <p>Il-pjan għall-Promozzjoni ta' Opportunitajiet Indaqgħall-Persuni b'Diżabilità 2021–2023, li għandu l-għan li jiżviluppa sistema integrata ta' appoġġ li tissodisfa l-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità</p>
111	3.1.2.r. L-aċċess għas-servizzi soċjali u tal-impjegji b'appoġġ għar-riforma tal-introjtu minimu	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' emendi leġiżlattivi biex tittejjeb is-sistema ta' appoġġ għall-introjtu minimu	Dħul fis-seħħ ta' emendi leġiżlattivi biex tittejjeb is-sistema ta' appoġġ għall-introjtu minimu	MHUX APPLIKAB BLI	MHUX APPLIK ABBLI	MHUX APPLIK ABBLI	Q1	2023	<p>Dħul fis-seħħ ta' emendi leġiżlattivi biex tittejjeb is-sistema ta' appoġġ għall-introjtu minimu, li għandhom jinkludu:</p> <p>— limitu minimu tal-livell limitu tal-introjtu minimu ta' mhux inqas minn 20 % tal-introjtu medjan;</p> <p>— il-proċedura għar-reviżjoni tal-livelli limitu tal-introjtu minimu, li għandha ssir fuq bażi annwali (mill-2023), abbażi tal-bidliet fl-introjtu medjan u jiġi żgurat li l-livelli limitu tal-introjtu minimu ma jinbidlux</p>

Nru	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
										f'każ ta' tnaqqis fl-introjtu medjan.
112	3.1.2.1.i. Miżuri li jipromwvu l-aċċess għas-servizzi pubbliċi u l-impjegji għall-persuni b'diżabilità	Stadju importanti	L-għażla tal-bini tal-istat u tal-gvern lokali fejn għandhom jitwettqu l-adattamenti ambjentali	Adozzjoni ta' lista ta' 63 binja magħżula ta' awtoritajiet pubbliċi u lokali li fihom għandhom isiru investimenti biex jiġi adattat l-ambjent	MHUX APPLIKAB BLI	MHUX APPLIK ABBLI	MHUX APPLIK ABBLI	Q1	2022	Għall-implimentazzjoni ta' miżuri ta' aċċessibbiltà ambjentali, għandhom jintgħażlu 63 binja tal-gvern statali u lokali li jipprovdu servizzi pubbliċi tas-settur tal-assistenza soċjali jew servizzi soċjali muniċipali (dawn il-binjiet għandhom jiġu inklużi fir-regolamenti tal-Kabinett tal-Ministri). L-investment għandu jinkludi miżuri biex jiġi implimentat standard minimu ta' aċċessibbiltà: jiżguraw l-aċċess għall-ambjent u l-informazzjoni għall-persuni b'indebolimenti funzjonali u għall-persuni b'diżabilità.
113	3.1.2.1.i. Miżuri li jipromwvu l-aċċess għas-servizzi pubbliċi u l-impjegji għall-persuni b'diżabilità	Stadju importanti	Iffirmar ta' kuntratti biex jiġi żgurat l-aċċess għall-faċilitajiet pubbliċi fil-bini ta' awtoritajiet pubbliċi u lokali	Iffirmar ta' kuntratti għal xogħlijiet dwar l-aċċess għal faċilitajiet pubbliċi fit-63 binja magħżula minn qabel ta' awtoritajiet pubbliċi u lokali.	MHUX APPLIKAB BLI	MHUX APPLIK ABBLI	MHUX APPLIK ABBLI	Q2	2024	L-awtoritajiet pubbliċi u lokali rilevanti għandhom jiffirmaw kuntratti biex jiżguraw l-aċċess għall-faċilitajiet f' 63 binja tal-gvern statali u lokali li jipprovdu servizzi pubbliċi tas-settur tal-assistenza soċjali jew servizzi soċjali muniċipali. Il-kuntratti għandhom jingħataw għall-forniment ta' standard minimu ta' aċċessibbiltà:

Nru	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
										elementi ta' aċċessibbiltà meħtieġa għal kull bini, inklużi miżuri biex jiġi żgurat l-aċċess għall-faċilitajiet u l-informazzjoni għal persuni b'indebolimenti funzjonali u persuni b'diżabbiltà (dan jista' jinkludi l-ħolqien jew l-installazzjoni ta' diversi personalitajiet bħal titjib fl-informazzjoni viżiva, l-adattament u l-għoti ta' sistemi ta' evakwazzjoni għall-persuni b'diżabbiltà permezz tal-installazzjoni ta' rampi, dixxijiet, liftijiet u bibien awtomatiċi jew li jinfetħu faċilment).
114	3.1.2.1.i. Miżuri li jippromwvu l-aċċess għas-servizzi pubbliċi u l-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà	Mira	Tlestija tal-kostruzzjoni biex jiġi żgurat l-aċċess għall-faċilitajiet pubbliċi f'binjiet tal-gvern statali u lokali	MHUX APPLIKABBLI	Kostruzzjoni jiet	0	63	Q2	2026	Ix-xogħol ta' kostruzzjoni tlesta fuq 63 binja tal-gvern statali u lokali li jipprovdu servizzi pubbliċi tas-settur tal-assistenza soċjali jew servizzi soċjali muniċipali lil gruppi f'riskju ta' esklużjoni soċjali, inklużi persuni b'diżabbiltà, u ġie ffirmat att ta' trasferiment. Il-miżuri għandhom jinkludu l-implimentazzjoni ta' standard minimu ta' aċċessibbiltà: aċċess għall-pubbliku għall-faċilitajiet u l-informazzjoni għall-persuni b'indebolimenti funzjonali u għall-persuni b'diżabbiltà (dan

Nru	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
										jista' jinkludi l-ħolqien jew l-installazzjoni ta' diversi personalizzazzjonijiet bħal titjib fl-informazzjoni viżiva, l-adattament u l-għoti ta' sistemi ta' evakwazzjoni għall-persuni b'diżabilità, rampi, pedali, paranki, bibien li jinfetħu faċilment jew awtomatiċi).
115	3.1.2.1.i. Miżuri li jippromwvu l-aċċess għas-servizzi pubbliċi u l-impjegi għall-persuni b'diżabilità	Stadju importanti	Għażla ta' grupp fil-mira speċifiku għat-titjib tal-aċċess fiżiku għall-akkomodazzjoni	Adozzjoni ta' lista ta' 259 persuna b'diżabilità magħżula li jeħtieġ li jadattaw l-akkomodazzjoni individwali tagħhom	MHUX APPLIKAB BLI	MHUX APPLIK ABBLI	MHUX APPLIK ABBLI	Q1	2024	L-adozzjoni ta' lista ta' 259 persuna b'diżabilità severa jew severa ħafna u tfal b'diżabilità li għandhom jibbenefikaw minn appoġġ mill-awtoritajiet pubbliċi rilevanti biex jadattaw l-akkomodazzjoni individwali (persuna waħda magħżula għal kull abitazzjoni).
116	3.1.2.1.i. Miżuri li jippromwvu l-aċċess għas-servizzi pubbliċi u l-impjegi għall-persuni b'diżabilità	Stadju importanti	Iffirmar ta' kuntratti biex tiġi adattata l-akkomodazzjoni ta' persuni b'diżabilità	Sinjal ta' kuntratti	MHUX APPLIKAB BLI	MHUX APPLIK ABBLI	MHUX APPLIK ABBLI	Q1	2025	L-iffirmar ta' kuntratti biex tiġi adattata l-akkomodazzjoni ta' 259 persuna b'diżabilità severa jew severa ħafna u tfal b'diżabilità, filwaqt li jiġi żgurat li l-persuni b'diżabilità jkollhom aċċess għall-impjegi u s-servizzi, u b'hekk jiġu promossi d-drittijiet tal-bniedem u l-kwalità tal-ħajja. Ġew konklużi kuntratti għall-forniment ta' tali elementi ta' aċċessibbiltà ambjentali kif

Nru	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
										meħtieġ għall-persuni tal-grupp fil-mira, li jipprevedu miżuri ta' adattament ambjentali (pereżempju, l-istabbiliment ta' rampi u liftijiet, l-adattament ta' żoni residenzjali u komuni) f'akkomodazzjoni għal 259 persuna (persuna waħda għal kull abitazzjoni individwali).
117	3.1.2.1.i. Miżuri li jippromwovu l-aċċess għas-servizzi pubbliċi u l-impjiegi għall-persuni b'diżabilità	Mira	Tiġi żgurata l-aċċessibbiltà tal-ambjent tal-akkomodazzjoni għall-persuni b'diżabilità	MHUX APPLIKABBLI	Il-persuni	0	259	Q2	2026	Ix-xogħol ta' kostruzzjoni tlesta fuq 259 abitazzjoni u ġie ffirmat att ta' trasferiment. Il-miżura għandha tinkludi l-adattament tal-akkomodazzjoni ta' persuni b'diżabilità severa jew severa ħafna u tfal b'diżabilità: l-aċċess għall-impjiegi u s-servizzi għall-persuni b'diżabilità, u b'hekk jiġu promossi d-drittijiet tal-bniedem u l-kwalità tal-ħajja, inklużi miżuri ta' adattament ambjentali (pereżempju, l-istabbiliment ta' rampi u liftijiet, l-adattament ta' żoni residenzjali u komuni) għal 259 persuna (persuna waħda għal kull abitazzjoni individwali).
118	3.1.2.2.i. Żvilupp ta' għodda ta' tbassir	Stadju importanti	Konklużjoni ta' kuntratt għall-iżvilupp ta' algoritmi għall-mudell ta' tbassir,	L-iżvilupp ta' speċifikazzjonijiet et tekniċi u l-konklużjoni ta' kuntratt għas-	MHUX APPLIKABBLI	MHUX APPLIKABBLI	MHUX APPLIKABBLI	Q2	2022	L-ġhoti ta' kuntratt wara kompetizzjoni lil: — tiżviluppa mudell ekonometriku u metodoloġija

Nru	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
			I-iżvilupp ta' speċifikazzjonijiet tekniċi għal sistema ta' informazzjoni u superviżjoni tal-iżvilupp tas-sistema	servizz ta' konsulenza li jinvolvi esperti Latvjani u barranin tal-mudellar ekonometriku u matematiku						<p>għat-tbassir fit-tul tal-appoġġ soċjali, inklużi l-pensjonijiet,</p> <p>— tfassal speċifikazzjonijiet tekniċi għall-iżvilupp ta' sistema ta' informazzjoni,</p> <p>— tissorvelja l-iżvilupp tas-sistema.</p> <p>Il-kuntratt konkluż għandu jinkludi skeda għar-riżultati tanġibbli li ġejjin:</p> <p>— rapport ta' evalwazzjoni dwar is-sitwazzjoni attwali;</p> <p>mudell matematiku għat-tbassir tal-pensjonijiet;</p> <p>— evalwazzjoni tal-għodda tat-tbassir attwali u l-potenzjal tagħha;</p> <p>— speċifikazzjonijiet tekniċi għall-iżvilupp ta' sistema ta' informazzjoni;</p> <p>— monitoraġġ tal-iżvilupp tas-sistema ta' informazzjoni matul il-proġett kollu.</p>
119	3.1.2.2.i. Żvilupp ta' għodda ta' tbassir	Stadju importanti	Tlestija tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għas-sistema ta'	Speċifikazzjonijiet tekniċi approvati mill-Ministeru tal-	MHUX APPLIKABLI	MHUX APPLIKABBLI	MHUX APPLIKABBLI	Q3	2024	Tlestija ta' speċifikazzjonijiet tekniċi għal għodda għda ta' previżjoni tas-sigurtà soċjali sistema ta' informazzjoni. L-

Nru	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
			informazzjoni tal-għodda tat-tbassir tas-sigurtà soċjali	Protezzjoni Soċjali u lesti għas-sottomissjoni lill-iżviluppatur tas-sistema tal-informazzjoni						<p>ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom jinkludu:</p> <ul style="list-style-type: none"> — rapport ta' evalwazzjoni dwar l-għodda ta' tbassir attwali u l-għażliet u r-rakkomandazzjonijiet tagħha għall-iżvilupp tal-għodda l-ġdida tat-tbassir; — l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-iżvilupp tas-sistema (l-ispeċifikazzjoni teknika għandha tinkludi wkoll rekwiżit għall-applikazzjoni tal-metodoloġija Agile matul il-fażijiet tal-iżvilupp tas-sistema).
120	3.1.2.2.i. Żvilupp ta' għodda ta' tbassir	Stadju importanti	Żvilupp ta' għodda ta' tbassir	Għodda ta' tbassir żviluppata għall-projezzjonijiet fit-tul tas-sistema tas-sigurtà soċjali	MHUX APPLIKAB BLI	MHUX APPLIK ABBLI	MHUX APPLIK ABBLI	Q1	2026	<p>L-att ta' trasferiment bejn il-Ministeru tal-Protezzjoni Soċjali u l-iżviluppatur tas-software jiġi ffirmat għall-iżvilupp ta' għodda ta' tbassir għat-tbassir fit-tul tas-sistema tas-sigurtà soċjali li:</p> <ul style="list-style-type: none"> — jipprevedi l-possibbiltà li l-aspett demografiku jintuża u jiġi rifless b'mod aktar effettiv fil-previżjonijiet, li jwassal għal riżultat ta' tbassir aktar rapidu u aktar preċiż; — isaħħaħ il-kapaċità amministrattiva fil-qasam tas-sigurtà soċjali;

Nru	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
										<p>— tipprovdi l-possibbiltà li tiddaħħal firxa aktar dettaljata ta' suppożizzjonijiet meta mqabbla mal-mudell użat fil-passat;</p> <p>— tippermetti l-immudellar b'riżultati li jeżistu f'imkejjien oħra (eż: Eurostat), kif ukoll indikaturi demokratiċi u tas-suq tax-xogħol;</p> <p>— ġew żviluppati żewġ manwali għall-amministratur tal-għodda u għall-utenti.</p>
121	3.1.2.3.i. Ir-reżiljenza u l-kontinwità tas-servizz tal-kura soċjali fit-tul	Stadju importanti	Żvilupp ta' disinn ta' kostruzzjoni standard	Rekwiżiti tal-kompitu tad-disinn u tad-disinn tal-kostruzzjoni standard żviluppati għall-forniment ta' servizzi ta' kura fit-tul qrib l-ambjent tal-familja	MHUX APPLIKAB BLI	MHUX APPLIK ABBLI	MHUX APPLIK ABBLI	Q3	2022	<p>Il-Ministeru għall-Benesseri adotta disinn ta' kostruzzjoni standard għall-kostruzzjoni ta' bini meħtieġ għall-forniment ta' servizzi ta' kura fit-tul qrib l-ambjent tal-familja.</p> <p>Id-disinn tal-kostruzzjoni għandu jkun maħsub għall-kostruzzjoni ta' bini effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija (bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero).</p> <p>Il-muniċipalitajiet għandu jkollhom proġett ta' kostruzzjoni standard diġà lest, u b'hekk jitnaqqsu l-ispejjeż tal-proġett.</p> <p>Implimentazzjoni aktar sempliċi tal-proġetti għall-muniċipalitajiet</p>

Nru	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
										għandha tnaqqas ir-riskji għad-dewmien fl-implimentazzjoni tal-proġetti.
122	3.1.2.3.i. Ir-reżiljenza u l-kontinwità tas-servizz tal-kura soċjali fit-tul	Mira	Konklużjoni ta' ftehimiet mal-gvernijiet lokali dwar l-implimentazzjoni tal-proġetti	MHUX APPLIKABBLI	Għadd ta' ftehimiet	0	17	Q2	2023	Ġew konklużi ftehimiet bejn l-Aġenzija Ċentrali tal-Finanzi u l-Kuntratti u 17-il muniċipalità dwar l-istabbiliment ta' postijiet ġodda għall-forniment ta' servizzi ta' kura fit-tul qrib l-ambjent tal-familja.
123	3.1.2.3.i. Ir-reżiljenza u l-kontinwità tas-servizz tal-kura soċjali fit-tul	Mira	Il-forniment ta' postijiet ġodda għal servizzi ta' kura fit-tul qrib il-familja, ambjenti għal 852 persuna fl-età tal-irtirar	Mhux applikabbli	Għadd ta' postijiet	0	852	Q2	2026	Il-ħolqien ta' postijiet ġodda għall-forniment ta' servizzi ta' kura fit-tul qrib l-ambjent tal-familja għal 852 persuna fl-età tal-irtirar (54 binja mibnija b'massimu ta' 16 persuna għal kull binja). Il-kostruzzjoni ta' dawn il-binjiet għandha tiżgura li: — kull bini jiġi pprovdut b'mill-inqas tagħmir minimu predefinit, bħal apparat u għamara; — bħalissa għaddejja t-tranżizzjoni minn kura istituzzjonali għal kura favur il-familja għall-persuni fl-età tal-irtirar.

Nru	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
124	3.1.2.4.i. Żvilupp sinerġistiku ta' servizzi ta' riabilitazzjoni soċjali u vokazzjonali għall-promozzjoni tar-reżiljenza ta' persuni b'diżabilità funzjonali	Stadju importanti	Deskrizzjoni tas-servizz ta' riabilitazzjoni vokazzjonali adottat	Adozzjoni ta' deskrizzjoni tas-servizzi ta' riabilitazzjoni vokazzjonali	MHUX APPLIKAB BLI	MHUX APPLIK ABBLI	MHUX APPLIK ABBLI	Q1	2023	Il-Kunsill Konsultattiv tal-Aġenzija tal-Istat għall-Integrazzjoni Soċjali adotta u l-Aġenzija għall-Integrazzjoni Soċjali approvat id-deskrizzjoni ta' servizz ta' riabilitazzjoni vokazzjonali li jippromwovi ż-żamma, it-tiġdid u l-akkwist ta' edukazzjoni jew ħiliet ġodda għall-impjeg mill-ġdid malajr kemm jista' jkun, u b'hekk tiġi promossa s-sikurezza tal-klijenti.
125	3.1.2.4.i. Żvilupp sinerġistiku ta' servizzi ta' riabilitazzjoni soċjali u vokazzjonali għall-promozzjoni tar-reżiljenza ta' persuni b'diżabilità funzjonali	Stadju importanti	L-adattament tal-infrastruttura tal-bini, inkluża l-promozzjoni tal-aċċessibbiltà ambjentali u l-effiċjenza enerġetika, u t-titjib tat-tagħmir tekniku u materjali	Adattament ta' żewġ binjiet fejn l-infrastruttura għandha tittejjeb, inklużi l-aċċessibbiltà ambjentali u l-effiċjenza enerġetika, u t-titjib tat-tagħmir tekniku u materjali MHUX APPLIKABBLI	MHUX APPLIKAB BLI	MHUX APPLIK ABBLI	MHUX APPLIK ABBLI	Q1	2026	L-infrastruttura u t-tagħmir loġistiku ġew imtejba fil-bini fejn għandhom jiġu pprovduti servizzi għall-promozzjoni tar-reżiljenza ta' persuni b'indebolimenti funzjonali, inkluż: — miżuri għall-adattament tal-ambjent tal-bini Slokas triq 61, Jürmala; — żieda fl-effiċjenza enerġetika fil-bini ta' Dubultu prospettiva 71, Jürmala.
126	3.1.2.4.i. Żvilupp sinerġistiku ta' servizzi ta' riabilitazzjoni	Stadju importanti	L-adozzjoni ta' standard ġdid għas-servizzi ta' riabilitazzjoni	Standard ġdid ta' servizz ta' riabilitazzjoni huwa approvat	MHUX APPLIKAB BLI	MHUX APPLIK ABBLI	MHUX APPLIK ABBLI	Q2	2026	Il-Kunsill Konsultattiv tal-Aġenzija tal-Istat għall-Integrazzjoni Soċjali adotta u l-Aġenzija tal-Istat għall-

Nru	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
	soċjali u vokazzjonali għall-promozzjoni tar-reżiljenza ta' persuni b'diżabilità funzjonali		soċjali u vokazzjonali għall-promozzjoni tar-reżiljenza ta' persuni b'indebolimenti funzjonali ġiet stabbilita u approvata							Integrazzjoni Soċjali approvat standard ta' servizz ġdid għas-servizzi ta' riabilitazzjoni soċjali u vokazzjonali għall-promozzjoni tar-reżiljenza ta' persuni b'indebolimenti funzjonali (programm ta' żvilupp tal-kompetenzi u servizz ta' riabilitazzjoni vokazzjonali), inkluż permezz tal-adozzjoni ta' servizzi fi proġetti pilota u l-użu tal-bażi materjali tal-proġett.
127	3.1.2.5.i. II-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni qiegħda, persuni li qed ifittxu impjieg u persuni f'riskju ta' qgħad	Stadju importanti	Ġiet stabbilita offerta ta' taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet, b'enfasi fuq il-ħiliet diġitali, lill-klijenti (persuni qiegħda, persuni li qed ifittxu impjieg, persuni f'riskju ta' qgħad) tal-Aġenzija Statali tal-Impjieg għall-irkupru tal-ekonomija li jwassal għall-ħolqien abbondanti ta' impjieg permezz	Adozzjoni ta' offerta ġdida ta' taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet (inklużi l-ħiliet diġitali) għall-klijenti tal-Aġenzija tal-Impjieg tal-Istat	MHUX APPLIKABBLI	MHUX APPLIKABBLI	MHUX APPLIKABBLI	Q2	2023	Offerta ta' programmi ta' taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet lill-klijenti tas-Servizz tal-Impjieg Latvjan (persuni qiegħda, persuni li qed ifittxu impjieg, persuni f'riskju ta' qgħad) ġiet adottata fil-laqgħa tal-Kummissjoni Latvjana għat-Taħriġ skont il-miżuri ta' politika attiva tas-suq tax-xogħol għall-irkupru ta' ekonomija li tiffavorixxi l-impjieg.

Nru	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestr u	Sena	
			tal-implimentazzjoni ta' miżuri attivi ta' politika tas-suq tax-xogħol							
128	3.1.2.5.i. II-parteeċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni qiegħda, persuni li qed ifittxu impjeg u persuni f'riskju ta' qgħad	Stadju importanti	Żvilupp ta' għodda diġitali għall-valutazzjoni tal-ħiliet	Għodda diġitali żviluppata u implimentata	MHUX APPLIKAB BLI	MHUX APPLIK ABBLLI	MHUX APPLIK ABBLLI	Q4	2023	L-Aġenzija tal-Istat għall-Impjiegi żviluppat u implimentat għodda ta' valutazzjoni diġitali għal sistema mtejba ta' tfassil ta' profili tal-ħiliet, li għandha tiżgura l-valutazzjoni tal-ħiliet u l-kompetenzi tal-klijenti tal-aġenzija, biex tlesti offerta xierqa ta' taħriġ mill-ġdid u kisba ta' ħiliet, skont il-livell ta' għarfien u ħiliet tal-individwu. Il-metodu tat-tfassil tal-profil tal-klijenti użat bħalissa mill-aġenzija għandu jiġi ssupplimentat minn għodda (testijiet) ta' valutazzjoni tal-ħiliet diġitali u r-riżultati tat-testijiet għandhom jintużaw fil-proċess ta' pariri dwar il-karrieri tal-klijenti u fit-tħejjija tal-offerta ta' taħriġ individwali.
129	3.1.2.5.i. II-parteeċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni	Mira	Persuni qiegħda, persuni li qed ifittxu impjeg, persuni f'riskju	MHUX APPLIKABBLLI	Numru	0	10 000	Q1	2025	10 000 persuna qiegħda, persuni li qed ifittxu impjeg, persuni f'riskju ta' qgħad b'ħiliet imtejba kif iċċertifikat mis-sistema

Nru	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestr u	Sena	
	qiegħda, persuni li qed ifittxu impjeg u persuni f'riskju ta' qgħad		ta' qgħad b'ħiliet imtejba							kontabilistika tal-klijenti tal- Aġenzija tal-Impjegi tal-Istat
130	3.1.2.5.i. II- parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni qiegħda, persuni li qed ifittxu impjeg u persuni f'riskju ta' qgħad	Mira	Persuni qiegħda, persuni li qed ifittxu impjeg, persuni f'riskju ta' qgħad b'ħiliet imtejba	MHUX APPLIKABBLI	Numru	10 000	20 450	Q3	2026	20 450 persuna qiegħda, persuni li qed ifittxu impjeg, persuni f'riskju ta' qgħad b'ħiliet imtejba kif iċċertifikat mis-sistema kontabilistika tal-klijenti tal- Aġenzija tal-Impjegi tal-Istat

D. IL-KOMPONENT 4: IS-SAĦĦA

Dan il-komponent tal-pjan Latvjan għall-irkupru u r-reżiljenza jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-isfidi relatati mar-reżiljenza, l-aċċessibbiltà, il-kwalità u l-kosteffettività tas-sistema tas-saħħa u r-riżorsi umani tagħha. L-aċċess f'waqt u ugwali għall-kura tas-saħħa huwa limitat, speċjalment għall-gruppi vulnerabbli. Il-Latvja tirrapporta ħtiġijiet għoljin mhux issodisfati għall-kura tas-saħħa u pagamenti sinifikanti mill-but. L-istili ta' ħajja dannużi għas-saħħa huma raġuni oħra importanti għall-eżiti ħżiena fil-qasam tas-saħħa. In-nuqqas ta' ħaddiema tas-saħħa jxekkel il-forniment tal-kura tas-saħħa pubblika u jhedded is-suċċess tar-riformi tal-kura tas-saħħa. Dawn l-isfidi ġew aggravati b'mod partikolari mill-kriżi kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19.

L-objettivi tal-komponent huma li jtejjeb ir-reżiljenza u l-aċċessibbiltà tal-kura tas-saħħa billi (i) jiżviluppa qafas u infrastruttura meħtieġa għall-forniment ta' servizzi tas-saħħa integrati, jiżgura l-kapaċità tal-istituzzjonijiet tas-saħħa li jadattaw għal sitwazzjonijiet ta' kriżi, (ii) jiżviluppa mudelli mtejba ta' twassil tas-servizzi u (iii) itejjeb il-forniment tar-riżorsi umani u s-sistema tal-iżvilupp professjonali għall-professjonisti tas-saħħa.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż biex jissaħħu r-reżiljenza u l-aċċessibbiltà tas-sistema tas-saħħa inkluż billi jiġu pprovduti riżorsi umani u finanzjarji addizzjonali (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1, 2020) u biex jiżiedu l-aċċessibbiltà, il-kwalità u l-kosteffettività tas-sistema tal-kura tas-saħħa (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2, 2019).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

D.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma 4.1.1.r: Is-sostenibbiltà u r-reżiljenza ta' sistema tal-kura tas-saħħa ċċentrata fuq il-bniedem, komprensiva u integrata.

L-objettivi tal-miżura huma li tiġi żviluppata sistema tal-kura tas-saħħa ċċentrata fuq il-bniedem, komprensiva u integrata u li jiġu żgurati s-sostenibbiltà u r-reżiljenza tagħha.

Ir-riforma tikkonsisti fl-iżvilupp ta' mudelli ġodda għat-twassil ta' servizzi tas-saħħa integrati effettivi fil-livelli kollha tal-kura tas-saħħa (primarja, sekondarja u terzjarja). Ir-riforma għandha l-għan li tiżviluppa rakkomandazzjonijiet għall-kura integrata u qafas ta' sikurezza epidemjoloġika.

Strateġija ta' investiment li tiddefinixxi l-ħtiġijiet ta' investiment fl-infrastruttura għandha titħejja sal-31 ta' Diċembru 2022. Ir-riforma għandha tinkludi wkoll valutazzjonijiet tal-provvista ta' servizzi tal-isptarijiet skont il-livell tal-isptar u l-immappjar tas-servizzi tal-isptar. Dawn l-elementi flimkien mar-rakkomandazzjonijiet tal-kura integrata u l-qafas tas-sikurezza epidemjoloġika huma prerekwiżiti għall-investimenti pplanati fl-isptarijiet u fl-ambjenti sekondarji outpatient skont l-investiment: 4.1.1.2.i. u 4.1.1.3.i.

Fil-qasam tal-onkoloġija, il-miżura għandha tiżgura l-introduzzjoni ta' ġestjoni metodoloġika uniformi billi tistabbilixxi u tħejji għaċ-ċertifikazzjoni ta' ċentru Latvjan għall-kura tal-kanċer, kif ukoll tiżgura ġestjoni, trattament u kura konġunti, u tistabbilixxi network ta' sptarijiet li jispeċjalizzaw fit-trattament u l-kura ta' pazjenti onkoloġiċi.

L-investimenti fil-proġett dwar il-ġenoma għandhom joħlqu, skont l-inizjattiva Ewropea "1 + Miljun Ġenomi" (1 + MG), ġabra rappreżentattiva ta' data ġenoma ta' referenza taċ-ċittadini Latvjani, li

tiġbor kampjuni ta' data ġenetika mogħtija minn ċittadini Latvjani. Hija għandha l-għan li ssaħħaħ ir-riċerka ġenetika u l-kapaċità diġitali tal-Latvja sabiex tiffaċilita t-tqabbil u l-analiżi siguri ta' din id-data fil-qafas tal-infrastruttura Ewropea tal-1 + MG.

Bil-ħsieb li tiġi promossa kura tas-saħħa integrata u ċċentrata fuq il-pazjent, filwaqt li jittejjbu l-aċċessibbiltà, il-kwalità u l-effiċjenza fir-riżorsi tas-servizzi tas-saħħa, għandha tiġi żviluppata Strateġija għas-Settur tas-Saħħa Diġitali f'kooperazzjoni mal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa. Din l-istrateġija għandha sservi bħala triq' il quddiem biex jiġu żviluppati u implimentati soluzzjonijiet diġitali fis-settur tas-saħħa li huma sikuri u li jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-industrija u tal-utenti tagħha.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sal-31 ta' Awwissu 2026.

Investiment: 4.1.1.1.i. Appoġġ għar-riċerka dwar is-saħħa pubblika

L-objettiv tal-miżura huwa li ttejjeb l-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-politika tas-saħħa pubblika, inkluż li tiżgura s-sikurezza epidemjoloġika permezz tal-iżvilupp ta' servizzi tas-saħħa integrati sostenibbli ċċentrati fuq il-pazjent.

L-investment jikkonsisti fi tliet studji. (i) Fil-qasam tar-reżistenza antimikrobika, studju biex jiġu identifikati l-aktar metodi effettivi ta' intervent u monitoraġġ. (ii) Studju biex jiġu identifikati r-raġunijiet għan-nuqqas ta' tilqim biex tiġi żgurata kopertura usa' tat-tilqim u jitnaqqas ir-riskju tat-tixrid ta' mard infettiv fil-Latvja. (iii) Fil-qasam tal-mard infettiv, studju dwar ir-riskji ta' infezzjoni u l-impatt tagħhom fuq l-indikaturi tas-saħħa pubblika.

Is-sejbiet ewlenin ta' dawn l-istudji huma mistennija li jservu bħala l-bażi għat-titjib tal-politika tas-saħħa pubblika. Abbażi ta' dawn is-sejbiet, il-bidliet huma mistennija fil-qafas regolatorju, fil-metodoloġija u fir-rakkomandazzjonijiet.

L-investment għandu jiġi implimentat sal-31 ta' Awwissu 2026.

Investiment: 4.1.1.2.i.: Appoġġ għat-tiżbiħ tal-infrastruttura tas-saħħa tal-isptarijiet universitarji u reġjonali

L-objettivi tal-miżura huma li tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-settur tas-saħħa u d-disponibbiltà tas-servizzi billi tiġi żviluppata l-infrastruttura meħtieġa għas-servizzi tas-saħħa integrati, tiġi żgurata l-kapaċità tal-istituzzjonijiet tas-saħħa li jadattaw għal sitwazzjonijiet ta' kriżi, u jiġu żgurati servizzi tas-saħħa sostenibbli u ta' kwalità għolja ffinanzjati mill-istat. L-investimenti fl-infrastruttura tal-isptarijiet għandhom jgħinu biex titjeb id-disponibbiltà kemm tas-servizzi tal-outpatient kif ukoll tas-servizzi n-patient.

L-investimenti huma ppjanati li jsiru fi tliet sptarijiet universitarji kliniċi u seba' sptarijiet reġjonali għat-titjib tal-infrastruttura u t-tagħmir tagħhom. L-investimenti għandhom ikunu bbażati fuq rakkomandazzjonijiet għal rekwiżiti ta' kura integrata u sikurezza epidemjoloġika u f'konformità mal-istrateġija ta' investment għall-iżvilupp ta' infrastruttura għall-kura tas-saħħa għall-2021–2027. L-investimenti għandhom jiġu pprovduti għar-rinnovazzjoni, ir-rinnovazzjoni u l-kostruzzjoni ta' bini ġdid kif ukoll għall-akkwist tat-teknoloġiji u t-tagħmir mediku.

L-investimenti biex jiġi żgurat l-approċċ integrat tal-kura tas-saħħa u biex isiru l-adattamenti meħtieġa għas-sikurezza epidemjoloġika għandhom isiru fi tliet sptarijiet universitarji kliniċi: L-isptar tal-Università Klinika tal-Lvant ta' Riga, l-Isptar Universitarju Kliniku Paula Stradiņa u l-Isptar tal-Università Klinika tat-Tfal u seba' sptarijiet reġjonali: L-isptar Reġjonali ta' Liepaja; L-isptar Reġjonali ta' Daugavpils, l-Isptar Rēzekne, l-Isptar Reġjonali ta' Kurzeme tat-Tramuntana, l-Isptar Reġjonali ta' Jēkabpils, l-Isptar Vidzeme u l-Isptar Jelgava.

L-investment għandu jiġi implimentat sal-31 ta' Awwissu 2026.

Investiment 4.1.1.3.i. Appoġġ għat-tisħiħ tal-infrastruttura tas-saħħa ta' fornituri ta' servizzi outpatient sekondarji

L-objettivi tal-miżura huma li tittejjeb l-infrastruttura tal-fornituri sekondarji tas-servizzi outpatient biex jiġi żgurat il-forniment ta' servizzi integrati, is-sikurezza epidemjoloġika, u l-aċċessibilità ambjentali.

L-investiment jikkonsisti f'investimenti fl-infrastruttura u t-tagħmir għal mill-inqas 40 fornitur sekondarju tas-servizzi tal-kura tas-saħħa outpatient. Dawn l-investimenti għandhom isiru skont ir-rakkomandazzjonijiet għall-kura integrata u r-rekwiżiti tas-sikurezza epidemjoloġika, kif ukoll l-istrateġija ta' investiment għall-iżvilupp tal-infrastruttura tal-kura tas-saħħa għall-2021–2027.

L-investiment għandu jiġi implimentat sal-31 ta' Awwissu 2026.

Riforma 4.2.1.r.: Il-forniment ta' riżorsi umani u t-titjib tal-ħiliet.

L-objettivi tal-miżura huma li ttejjeb il-ġestjoni tar-riżorsi umani u t-titjib tal-ħiliet fis-settur tas-saħħa.

Ir-riforma tikkonsisti fl-iżvilupp ta' strateġija tar-riżorsi umani li tinkludi approċċ komprensiv għall-ippjanar tal-forza tax-xogħol fil-qasam tas-saħħa u l-mudell tat-tagħlim tul il-ħajja, mekkaniżmu ta' koordinazzjoni għat-taħriġ u approċċ ta' simulazzjoni fit-taħriġ. L-istrateġija tar-riżorsi umani għas-settur tas-saħħa għandha tkun ibbażata fuq immappjar tar-riżorsi umani.

L-istrateġija għandha tkopri azzjonijiet bħall-iżvilupp ta' mudell ġdid tas-salarji, l-għoti ta' taħriġ mediku bażiku u l-għadd ta' postijiet ta' residenza f'konformità mad-domanda, il-miżuri ta' żamma kif ukoll l-iżvilupp ta' bażi tad-data tar-riżorsi umani. Ir-riforma għandha tistabbilixxi wkoll qafas biex tissaħħa is-sistema tal-edukazzjoni medika, li jipprevedi l-introduzzjoni ta' mudell sostenibbli għall-edukazzjoni kontinwa u mekkaniżmu ta' koordinazzjoni biex tiġi żgurata u mmonitorjata l-kwalità tal-kontenut edukattiv, kif ukoll approċċ ta' simulazzjoni fil-livelli kollha tal-edukazzjoni. Għandha tiġi żviluppata għodda tal-IT għat-tbassir tal-ħtiġijiet futuri tal-forza tax-xogħol fil-qasam tas-saħħa.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sal-31 ta' Diċembru 2024.

Investiment: 4.2.1.1.i. Appoġġ għall-implimentazzjoni tas-sistema ta' żvilupp tar-riżorsi umani.

L-objettivi tal-miżura huma li jiġi żviluppat approċċ komuni għall-edukazzjoni kontinwa fis-saħħa, u li jiġi introdott approċċ ta' simulazzjoni fis-sistema tal-edukazzjoni tas-saħħa.

L-investiment jikkonsisti fl-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' koordinazzjoni u jkopri aspetti bħall-ġestjoni metodoloġika, il-kontroll tal-kwalità tal-kontenut tal-edukazzjoni, il-finanzjament sostenibbli.

L-investiment għandu jiżgura wkoll l-iżvilupp ta' pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni ta' approċċ ta' simulazzjoni fil-proċess ta' taħriġ għall-prattikanti mediċi. L-approċċ għandu jippermetti li jiġu simulati sitwazzjonijiet differenti tal-ħajja reali, u b'hekk jippermetti lill-professionisti mediċi futuri u eżistenti jiżviluppaw aktar il-ħiliet tagħhom.

L-investiment għandu jiġi implimentat sal-31 ta' Awwissu 2026.

Riforma: 4.3.1.r.: Is-sostenibilità tal-kura tas-saħħa, it-tisħiħ tal-governanza, l-użu effiċjenti tar-riżorsi tas-saħħa, iż-żieda tal-baġit pubbliku totali fis-settur tas-saħħa.

L-objettivi tal-miżura huma li tittejjeb l-effiċjenza tal-forniment ta' servizzi tas-saħħa ffinanzjati mill-Istat billi tiġi żgurata d-disponibilità tas-servizzi, u jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' bidla sistemika għas-servizzi mħallsa mill-Istat.

Ir-riforma tikkonsisti fl-istabbiliment ta' sistema ta' laboratorju ta' servizz għall-ittestjar u l-evalwazzjoni ta' mudelli ta' servizz differenti. Il-miżura għandha tkopri l-eżami tas-sitwazzjoni attwali, l-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tal-isfidi, u l-iżvilupp tas-soluzzjonijiet bħall-mudelli l-ġodda tas-servizz. Il-mudelli l-ġodda tas-servizz għandhom jiġu ppilotati u mqabbla mas-servizz eżistenti. Il-benefiċċji fuq terminu qasir u twil u l-kisbiet fl-effiċjenza tal-mudelli għandhom jiġu vvalutati. Abbażi tar-riżultati, 10 mudell ġdid ta' servizz huma mistennija li jiġu ppilotati u evalwati għall-integrazzjoni u implimentati bħala parti mill-basket tas-servizz imħallas mill-Istat.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sal-31 ta' Awwissu 2026.

Investiment: 4.3.1.1.i. Appoġġ għall-valutazzjoni u t-titjib tal-kwalità u l-aċċessibbiltà tal-kura tas-saħħa sekondarja mhux fl-isptarijiet

L-objettiv tal-miżura huwa li jiġu identifikati l-punti dgħajfa fil-forniment tas-servizzi tal-kura tas-saħħa sekondarji mhux tal-isptar imħallsa mill-Istat.

L-investment jikkonsisti fi studju dwar il-kwalità u l-aċċessibbiltà tas-servizzi tal-kura tas-saħħa sekondarja mhux fl-isptarijiet imħallsa mill-Istat, l-immappjar tal-ħtiġijiet komprensivi tal-kura sekondarja mhux fl-isptar u l-isfidi marbuta mal-implimentazzjoni tar-riforma territorjali amministrattiva kif ukoll l-iżvilupp ta' rakkomandazzjonijiet ta' politika.

L-investment għandu jiġi implimentat sal-31 ta' Diċembru 2024.

D.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Nru.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
131	4.1.1.r. Is-sostenibbiltà u r-reżiljenza ta' sistema tal-kura tas-saħħa ċċentrata fuq il-bniedem, komprensiva u integrata	Stadju importanti	Adozzjoni ta' strateġija tas-saħħa diġitali	Strateġija tas-saħħa diġitali adottata mill-Ministeru tas-Saħħa	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Q3	2022	L-istadju importanti għandu jittqies li ntlaħaq wara li l-istrateġija tas-saħħa diġitali tkun ġiet approvata mill-Ministeru tas-Saħħa. L-istrateġija għandha tiġi żviluppata f'konformità mal-Linji Gwida dwar is-Saħħa Pubblika 2021–2027 u l-linji gwida dwar it-Trasformazzjoni Diġitali 2021–2027. L-istrateġija għandu jkun fiha pjan ta' azzjoni u qafas ta' monitoraġġ. L-istrateġija għandha tkopri aspetti bħall-kura tas-saħħa, l-użu tad-data għar-riċerka, l-użu komuni tad-data, il-ġestjoni tad-data, is-sistemi u s-soluzzjonijiet tal-IT tas-settur tas-saħħa pubblika, is-sistemi privati tal-IT, l-iskambju transfruntier tad-data u l-ħiliet diġitali.
132	4.1.1.r. Is-sostenibbiltà u r-reżiljenza ta' sistema tal-kura tas-saħħa ċċentrata fuq il-bniedem, komprensiva u integrata	Stadju importanti	L-iżvilupp ta' mudell ta' implimentazzjoni tal-kura tas-saħħa ċċentrat fuq il-bniedem, komprensiv u integrat permezz tal-iżvilupp ta' strateġija ta' investiment u	Dokumenti tal-mudell tal-kura tas-saħħa integrata approvati mill-Ministeru tas-Saħħa	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Q4	2022	Il-kura tas-saħħa integrata għandha tiġi stabbilita ladarba d-dokumenti li ġejjin jiġu żviluppati u approvati mill-Ministeru tas-Saħħa: 1) għandha tiġi inkluża strateġija ta' investiment għall-investimenti fl-infrastruttura għall-forniment ta' servizzi tas-saħħa ffinanzjati pubblikament, inkluż immappjar tal-isptarijiet

Nru.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
			rakkomandazzjo nijiet għall-iżvilupp ta' kura tas-saħħa integrata u epidemjoloġika sikura							biex tiġi żgurata l-kontinwazzjoni tar-riforma tan-network tal-isptarijiet, inkluż billi titqies il-valutazzjoni tal-livelli tal-isptarijiet; 2) rakkomandazzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-approċċ ta' kura integrata; 3) sett ta' rakkomandazzjonijiet għar-reqwiziti epidemjoloġiċi
133	4.1.1.r. Is-sostenibbiltà u r-reżiljenza ta' sistema tal-kura tas-saħħa ċċentrata fuq il-bniedem, komprensiva u integrata	Stadju importanti	Ir-referenza ġenomika tal-popolazzjoni Latvjana ġiet stabbilita (il-parteċipazzjoni tal-Latvja fil-proġett Genome for Europe — il-proġett GoLatvia)	Referenza tal-ġenoma stabbilita fil-Latvja	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Q1	2024	Id-dokumentazzjoni tad-disinn ġenomiku li turi l-istabbiliment tar-referenza ġenomika tal-popolazzjoni Latvjana ġiet approvata mill-Ministeru tas-Saħħa
134	4.1.1.r. Is-sostenibbiltà u r-reżiljenza ta' sistema tal-kura tas-saħħa ċċentrata fuq il-bniedem,	Stadju importanti	Ġestjoni metodoloġika fil-qasam tal-onkoloġija żgurata	Dokumenti metodoloġiċi għall-implimentazzjoni ta' prinċipji komuni fil-qasam tal-onkoloġija approvati mill-	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Q3	2026	L-għan għandu jintlaħaq wara l-approvazzjoni mill-Ministeru tas-Saħħa ta' dokumenti li jiżguraw l-introduzzjoni ta' ġestjoni metodoloġika uniformi fil-qasam tal-onkoloġija.

Nru.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
	komprensiva u integrata			Ministeru tas-Saħħa						
135	4.1.1.1.i. Appoġġ għar-riċerka dwar is-saħħa pubblika	Stadju importanti	Adozzjoni ta' metodoloġija għal tliet studji biex jittejjbu l-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-politika tas-saħħa pubblika fil-qasam tar-reżistenza antimikrobika, it-tilqim u l-mard infettiv	Adozzjoni tal-metodoloġija mill-Ministeru tas-Saħħa	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Q3	2022	L-istadju importanti għandu jittqies li nkiseb wara l-iżvilupp minn istituzzjoni subordinata tal-Ministeru tas-Saħħa u l-adozzjoni mill-Ministeru tas-Saħħa ta' metodoloġija armonizzata għar-riċerka fl-oqsma tar-reżistenza antimikrobika (AMR), it-tilqim u t-tnaqqis tal-infezzjonijiet.
136	4.1.1.1.i. Appoġġ għar-riċerka dwar is-saħħa pubblika	Stadju importanti	Riċerka dwar is-saħħa pubblika mwettqa biex jittejjbu l-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-politika tas-saħħa pubblika fil-qasam tal-AMR, it-tilqim u l-mard infettiv	Ippubblikata r-riċerka dwar is-saħħa pubblika	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Q4	2025	Tliet studji mwettqa u ppubblikati mill-istituzzjoni subordinata tal-Ministeru tas-Saħħa: 1) fil-qasam tal-AMR, ir-riċerka dwar ir-reżistenza għall-antimikrobiċi biex jiġu identifikati l-aktar metodi effettivi ta' intervent u monitoraġġ; 2) jidentifika r-raġunijiet għan-nuqqas ta' tilqim u 3) fil-qasam tal-mard infettiv, jidentifika r-riskji tal-infezzjoni u l-impatt tagħhom fuq l-indikaturi tas-saħħa pubblika.

Nru.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L- għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
137	4.1.1.1.i. Appoġġ għar- riċerka dwar is- saħħa pubblika	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' emendi għal atti legali mmirati biex itejbu l-ippjanar u l- implimentazzjo ni tal-politika tas-saħħa pubblika fl- oqsma tar- reżistenza għall- antimikrobiċi (AMR), it- tilqim u l-mard infettiv	Dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni riveduta dwar l- ippjanar u l- implimentazzjoni tal-politika tas- saħħa pubblika	Mhux applikabbli	Mhux applikab bli	Mhux appli kabbli	Q3	2026	Abbażi tar-riżultati tar-riċerka fl-oqsma tar-reżistenza għall- antimikrobiċi (AMR), it-tilqim u l-mard infettiv, id-dħul fis-seħħ ta' emendi għal atti legali relatati mal-politiki tas-saħħa pubblika, bħal rakkomandazzjonijiet lill- isptarijiet, id-dokumenti ta' ħidma taċ-Ċentru Latvjan għall- Prevenzjoni u l-Kontroll tal- Mard, il-linji gwida, it-titjib tal- proċess tat-tilqim.
138	4.1.1.2.i. Appoġġ għat-tisħiħ tal-infrastruttura tas-saħħa tal- isptarijiet universitarji u reġjonali	Mira	L-għadd ta' proġetti li rċew opinjoni pożittiva mill- Kummissjoni tat-Teknoloġija dwar l- eliġibbiltà tat- tagħmir għall- forniment tas- servizzi rilevanti ffinanzjati mill- Istat	Mhux applikabbli	Numru	0	10	Q4	2022	Il-mira għandha titqies li nflaħqet bid-deċiżjoni pożittiva tal-Ministeru tas-Saħħa dwar l- armonizzazzjoni tal-akkwist tat- teknoloġija medika f'kull wieħed mill-għaxar proġetti li jappoġġaw l-infrastruttura tas- saħħa tal-isptarijiet universitarji u reġjonali. Din id-deċiżjoni għandha titħejja għall-proġetti kollha. Jekk tali akkwisti ma jkunux ippjanati, tkun meħtieġa deċiżjoni għal dak l-għan. Jekk proġett jinvolvi x-xiri ta' teknoloġija medika, dan jeħtieġ

Nru.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
										opinjoni pożittiva mill-Kummissjoni tat-Teknoloġija.
139	4.1.1.2.i. Appoġġ għat-tisħiħ tal-infrastruttura tas-saħħa tal-isptarijiet universitarji u reġjonali	Mira	Il-kisba tal-eżekuzzjoni tal-baġit kif imkejla mill-akkwist ġenerali fi proġetti li jtejbu l-infrastruttura tal-isptarijiet universitarji u reġjonali li jammontaw għal mill-inqas EUR 59 800 000 tal-baġit totali ta' EUR 149 500 000.	Mhux applikabbli	F'miljuni ta' EUR	0	59,8	Q4	2024	Il-mira għandha titqies li ntlaħqet ladarba mill-inqas 40 % tal-volum totali ppjanat tal-proġett ta' EUR 59 800 000 ikun ġie implimentat — il-progress għandu jitkejjel mill-akkwist globali (proġetti kkompletati) tal-proġetti kontra l-volum totali ta' investiment ipplanat ta' EUR 149 500 000 għall-infrastruttura u t-tagħmir għal tliet sptarijiet universitarji u seba' sptarijiet reġjonali biex jiġi żgurat il-forniment ta' servizzi tas-saħħa integrati sostenibbli u komprensivi.
140	4.1.1.2.i. Appoġġ għat-tisħiħ tal-infrastruttura tas-saħħa tal-isptarijiet universitarji u reġjonali	Mira	Għadd ta' sptarijiet b'infrastruttura mtejba	Mhux applikabbli	Numru	0	10	Q3	2026	Il-mira għandha titqies li ntlaħqet meta jitlestew il-proġetti ta' żvilupp fi tliet sptarijiet universitarji u f'seba' sptarijiet reġjonali f'konformità mad-deskrizzjoni teknika ta' kull proġett u bl-għan li tiġi żgurata l-infrastruttura meħtieġa għal servizzi tas-saħħa integrati, tiġi żgurata l-kapaċità tal-istituzzjonijiet tas-saħħa li jadattaw għal sitwazzjonijiet ta' kriżi, u jiġu żgurati servizzi tas-

Nru.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L- għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
										saħħa sostenibbli u ta' kwalità għolja ffinanzjati mill-istat.
141	4.1.1.3.i. Appoġġ għat-tisħiħ tal-infrastruttura tas-saħħa ta' fornituri ta' servizzi outpatient sekondarji	Mira	Il-kisba tal-eżekuzzjoni tal-baġit kif imkejla mill-akkwist ġenerali ta' proġetti li jtejbu l-infrastruttura tal-fornituri outpatient sekondarji li jammontaw għal mill-inqas EUR 4 250 000 tal-baġit totali ta' EUR 8 500 000.		F'miljuni ta' EUR	0	4,25	Q4	2024	Il-mira għandha titqies li ntlaħqet ladarba l-akkwist għal mill-inqas 50 % tal-volum totali ppjanat tal-proġett) ikun ġie kkuntrattat (EUR 4 250 000) — il-progress għandu jitkejjel permezz tal-ikkuntrattar kumplessiv tal-proġetti kontra l-volum ta' investiment totali ppjanat ta' EUR 8 500 000 f'mill-inqas 40 istituzzjoni tal-kura tas-saħħa sekondarja outpatient bl-għan li jtejbu (1) is-sikurezza epidemjoloġika, (2) l-aċċessibbiltà ambjentali u (3) l-infrastruttura għas-servizzi tal-kura integrata.
142	4.1.1.3.i. Appoġġ għat-tisħiħ tal-infrastruttura tas-saħħa ta' fornituri ta' servizzi outpatient sekondarji	Mira	L-għadd ta' fornituri outpatient sekondarji b'infrastruttura mtejba	Mhux applikabbli	Numru	0	40	Q3	2026	Il-mira għandha titqies li ntlaħqet mat-tlestija ta' proġetti ta' żvilupp f'mill-inqas 40 istituzzjoni sekondarja tal-kura tas-saħħa outpatient immirati biex itejbu (1) is-sikurezza epidemjoloġika, (2) l-aċċessibbiltà ambjentali u (3) l-infrastruttura għal servizzi ta' kura integrata.

Nru.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
143	4.2.1.r. Il-forniment ta' riżorsi umani u titjib tal-ħiliet	Stadju importanti	Strateġija għall-iżvilupp tar-riżorsi umani	L-awtoritajiet Latvjani adottaw strateġija komprensiva tal-forza tax-xogħol fil-qasam tas-saħħa, li tinkludi mudelli għat-tagħlim tul il-ħajja u għall-ippjanar tal-forza tax-xogħol fil-qasam tas-saħħa	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Q2	2023	<p>Ġiet adottata strateġija għall-iżvilupp tar-riżorsi umani, f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali u partijiet ikkonċernati oħra, f'konformità mar-Regoli ta' Proċedura tal-Kabinett tal-Ministri.</p> <p>L-istrateġija tal-forza tax-xogħol tas-saħħa għandha ttipprovdi qafas għall-iżvilupp ta' mekkaniżmu ta' ppjanar tal-forza tax-xogħol tas-saħħa, inklużi l-ħtiġijiet għal postijiet ta' studju universitarji u postgradwatorji, sistema ta' informazzjoni robusta li għandha tinkludi informazzjoni aġġornata fil-livell individwali dwar l-iżvilupp tal-ħiliet u l-kompetenzi tal-prattikanti mediċi matul il-karriera tagħhom u ppjanar u ġestjoni effettivi tat-tagħlim tul il-ħajja. L-istrateġija għandha tistabbilixxi wkoll il-prinċipji tal-mudell ta' rimunerazzjoni tal-kura tas-saħħa.</p>
144	4.2.1.r.	Stadju importanti	Adozzjoni ta' Mapping tar-Riżorsi Umani	Immappjar tar-riżorsi umani żviluppat u approvat mill-	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Q4	2023	<p>Ir-riżorsi umani fl-immappjar tal-kura tas-saħħa tlestew.</p> <p>L-immappjar għandu jinkludi informazzjoni dettaljata dwar l-</p>

Nru.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
	Il-forniment ta' riżorsi umani u t-titjib tal-ħiliet		fil-Kura tas-Saħħa	Ministeru tas-Saħħa						<p>għadd ta' professjonisti tas-saħħa li jaħdmu f' dixxiplini differenti, fis-settur pubbliku u fis-settur privat, fil-livelli kollha tal-kura.</p> <p>L-immappjar għandu jinkludi wkoll informazzjoni dettaljata dwar l-ammont ta' xogħol imġarrab mill-professjonisti tas-saħħa u dwar it-taħriġ kontinwu, filwaqt li jenfasizza l-kritikalitajiet fil-livelli vvalutati tal-kwalifiki u fil-prontezza li tiġi indirizzata l-innovazzjoni teknoloġika u organizzattiva.</p>
145	4.2.1.r. Il-forniment ta' riżorsi umani u t-titjib tal-ħiliet	Stadju importanti	Implimentat mudell ġdid ta' remunerazzjoni għall-persunal tal-kura tas-saħħa	Dħul fis-seħħ ta' liġi/regolament li jiżgura l-implimentazzjoni ta' mudell ġdid ta' remunerazzjoni għall-kura tas-saħħa	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Q2	2024	Il-mudell il-ġdid ta' remunerazzjoni għall-persunal tal-kura tas-saħħa għandu jinkludi mekkaniżmu trasparenti għall-kalkolu tal-pagi u jissimplifika l-pagi fis-settur tas-saħħa; soluzzjonijiet biex jiġu żgurati t-trasparenza, il-ġustizzja, kif ukoll żidiet gradwali fil-pagi, bil-ħsieb li jittejbu d-disponibbiltà u l-kwalità tas-servizzi.
146	4.2.1.r.	Stadju importanti	Adozzjoni ta' mudell għall-ippjanar tal-forza tax-xogħol	Adozzjoni u skjerament ta' mudell għat-tbassir tal-ħtiġijiet	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux appli	Q4	2024	Mudell (għodda tal-IT) għat-tbassir tal-ħtiġijiet futuri tal-forza tax-xogħol fil-qasam tas-saħħa mwassal u approvat mill-

Nru.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
	Il-forniment ta' riżorsi umani u t-titjib tal-ħiliet		fil-qasam tas-saħħa	futuri tal-forza tax-xogħol fil-qasam tas-saħħa			kabbl i			<p>Ministeru tas-Saħħa. Il-mudell għandu jintuża għal skopijiet ta' ppjanar. Il-mudell għandu jipprovdi stimi, ibbażati fuq il-ħtiġijiet projettati tal-kura tas-saħħa tal-popolazzjoni u l-organizzazzjoni tal-għoti tas-servizzi tal-kura tas-saħħa, dwar:</p> <ul style="list-style-type: none"> - Il-ħtieġa għal professjonisti tal-kura tas-saħħa, skont speċjalità u żona ġeografika/post ta' Prattika; - Il-ħtieġa għall-iżvilupp professjonali tal-professjonisti tas-saħħa, - Il-lakuni mistennija fil-provvista tal-forza tax-xogħol.
147	4.2.1.1.i. Appoġġ għall-implimentazzjoni tas-sistema ta' żvilupp tar-riżorsi umani.	Stadju importanti	Stabbilit mekkaniżmu ta' koordinazzjoni għat-taħriġ tal-forza tax-xogħol fil-qasam tas-saħħa	Mekkaniżmu ta' koordinazzjoni għat-taħriġ kontinwu tal-forza tax-xogħol tas-saħħa li jiżgura l-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet involuti, il-ġestjoni metodoloġika u l-kontroll tal-kwalità stabbiliti	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Q4	2023	<p>L-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' koordinazzjoni għall-ġestjoni tal-proċess ta' edukazzjoni kontinwa, kif evidenzjat mid-dokumenti ta' sostenn rilevanti tal-Ministeru tas-Saħħa (eż. ordnijiet, deċiżjonijiet).</p> <p>Għandu jiġi żviluppat il-mudell organizzattiv għat-taħriġ kontinwu, li jiffoka fuq il-kontenut tat-taħriġ, il-forma tat-taħriġ, il-faċilitajiet u t-tagħmir meħtieġa (eż. simulazzjonijiet, l-</p>

Nru.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
				mill-Ministeru tas-Saħħa						użu tar-realtà virtwali, eċċ.), kif ukoll mekkaniżmi ta' kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet edukattivi, l-isptarijiet universitarji kliniċi, l-isptarijiet reġjonali u partijiet ikkonċernati ewlenin oħra. Għandhom jiġu stabbiliti l-mudell organizzazzjonali, struttura ta' governanza u linji ċari ta' responsabbiltà u obbligu ta' rendikont. Linji gwida għall-akkwist ta' servizzi ta' taħriġ, kif ukoll standards ta' kwalità għat-taħriġ u sistema għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni.
148	4.2.1.1.i. Appoġġ għall-implimentazzjoni tas-sistema ta' żvilupp tar-riżorsi umani	Stadju importanti	Approċċ ta' simulazzjoni introdott fil-proċess ta' taħlim tal-kura tas-saħħa	Approċċ ta' simulazzjoni introdott fil-proċess ta' taħlim tal-kura tas-saħħa	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Q3	2026	L-istadju importanti għandu jitqies li nkiseb ladarba l-pjan ta' azzjoni jew il-linji gwida għall-implimentazzjoni tas-simulazzjonijiet fl-istadji kollha tal-edukazzjoni medika jiġu approvati mill-Ministeru tas-Saħħa
149	4.3.1.r. Is-sostenibbiltà tal-kura tas-saħħa, it-tisħiħ tal-governanza, l-użu effiċjenti tar-riżorsi tas-saħħa,	Stadju importanti	Mekkaniżmu ta' koordinazzjoni approvat għall-valutazzjoni, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' mudelli	Mekkaniżmu ta' koordinazzjoni għall-valutazzjoni u l-implimentazzjoni ta' mudelli ġodda ta' għoti ta'	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Q4	2022	Hemm unità ta' koordinazzjoni fi ħdan il-Ministeru tas-Saħħa jew il-korp subordinat tiegħu. Għandha tiżgura li r-rappreżentanti tal-industrija jkunu involuti fl-iżvilupp tal-proposti bħala esperti (eż. grupp

Nru.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L- għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
	iż-żieda tal-baġit pubbliku totali fis- settur tas-saħħa		ġodda ta' servizzi tal-kura tas-saħħa	servizzi tal-kura tas-saħħa żviluppati u approvati mill- Ministeru tas- Saħħa						ta' ħidma jew bord superviżorju). L-għan tal-unità huwa li tikkoordina l-ħidma għall- iżvilupp, l-implimentazzjoni u l- valutazzjoni ta' mudelli ġodda għall-ġhoti ta' servizzi tal-kura tas-saħħa mmirati biex jipprovdu forniment imtejjeb u aktar effiċjenti ta' servizzi tas- saħħa ffinanzjati mill-Istat fil- livelli kollha, filwaqt li tiżgura d-disponibbiltà u l-kwalità tas- servizzi permezz tal- istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' bidla fis-sistema għal servizzi mħallsa mill-Istat.
150	4.3.1.r. Is-sostenibbiltà tal- kura tas-saħħa, it- tisħiħ tal- governanza, l-użu effiċjenti tar- riżorsi tas-saħħa, iż-żieda tal-baġit pubbliku totali fis- settur tas-saħħa	Mira	Integrazzjoni ta' mudelli ġodda ta' forniment ta' servizzi tal-kura tas-saħħa bħala parti minn servizzi tal-kura tas-saħħa ffinanzjati pubblikament	Mhux applikabbli	Numru	0	10	Q3	2026	Għaxar mudelli ġodda għall- ġhoti tas-servizzi tal-kura tas- saħħa żviluppaw u ġew integrati bħala parti mis-servizzi tal-kura tas-saħħa ffinanzjati pubblikament. Għal kull mudell, grupp ta' ħidma, li jikkonsisti mir- rappreżentanti tal-Ministeru tas- Saħħa, is-Servizz Nazzjonali tas- Saħħa u korpi subordinati oħra kif ukoll partijiet ikkonċernati oħra wettaq: - valutazzjoni tas-sitwazzjoni;

Nru.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L- għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
										<ul style="list-style-type: none"> - l-iżvilupp tal-mudell; - il-pilotaġġ tal-mudell; - valutazzjoni tal-benefiċċji fuq medda qasira u twila ta' żmien; - u protokolli għall-implimentazzjoni. <p>Abbażi tar-riżultati tal-proġetti pilota, għandha titħejja proposta għall-baġit nazzjonali addizzjonali meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-miżuri rilevanti. It-talba tal-baġit tal-gvern għandha tiġi kkunsidrata flimkien mal-proposti l-oħra kollha għall-baġit annwali u medju fil-proċess ta' thejġija.</p>
151	4.3.1.1.i. Appoġġ għall- valutazzjoni u t- titjib tal-kwalità u l-aċċessibbiltà tal- kura tas-saħħa sekondarja mhux fl-isptarijiet	Stadju importanti	Adozzjoni ta' metodoloġija għall-istudju dwar il-kwalità u d- disponibbiltà tal-kura tas- saħħa sekondarja mhux fl-isptar	Adozzjoni ta' metodoloġija mill-Ministeru tas-Saħħa	Mhux applikabbli	Mhux applikab- bli	Mhux appli- kabbl- i	Q4	2022	L-istadju importanti għandu jitqies li nkiseb wara l-approvazzjoni mill-Ministeru tas-Saħħa ta' metodoloġija meħtieġa għat-tweqqif tal-istudju bl-għan li jiġu vvalutati l-kwalità u l-aċċessibbiltà tal-kura tas-saħħa, inkluż l-immappjar tal-livell tas-servizz tas-saħħa sekondarju mhux tal-isptar u l-impatt tar-riforma territorjali amministrattiva.

Nru.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
152	4.3.1.1.i. Appoġġ għall-valutazzjoni u t-titjib tal-kwalità u l-aċċessibbiltà tal-kura tas-saħħa sekondarja mhux fl-isptarijiet	Stadju importanti	Studju dwar il-kwalità, l-aċċessibbiltà u d-disponibbiltà tal-kura tas-saħħa sekondarja mhux fl-isptar	Studju dwar il-kwalità tal-aċċessibbiltà u d-disponibbiltà tal-kura tas-saħħa sekondarja mhux fl-isptar ippubblikat mill-Ministeru tas-Saħħa	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Q4	2023	Studju mwettaq u ppubblikat mill-Ministeru tas-Saħħa li jkopri l-valutazzjoni tal-kwalità, id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà tal-kura sekondarja mhux fl-isptar, inkluż l-immappjar tal-livell tas-servizzi tas-saħħa sekondarji mhux tal-isptar u l-impatt tar-riforma territorjali amministrattiva. L-istudju jinkludi valutazzjoni tas-sistema tas-saħħa u proposti għal titjib sistemiku.
153	4.3.1.1.i. Appoġġ għall-valutazzjoni u t-titjib tal-kwalità u l-aċċessibbiltà tal-kura tas-saħħa sekondarja mhux fl-isptarijiet	Stadju importanti	L-integrazzjoni tar-riżultati tal-kwalità, id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà tal-istudju tal-kura sekondarja mhux fl-isptar fl-iżviluppi tal-politika tas-saħħa	Dħul fis-seħħ ta' emendi għal atti legali li għandhom l-għan li jżidu l-kwalità, id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà ta' kura sekondarja mhux fl-isptar	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Q4	2024	Abbażi tar-riżultati tar-riċerka dwar il-kwalità, id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà tal-kura sekondarja mhux fl-isptar, id-dħul fis-seħħ tal-emendi għall-atti legali relatati mal-politiki tas-saħħa pubblika, ir-rakkomandazzjonijiet għall-isptarijiet u d-dokumenti tal-ippjanar tat-twassil tas-servizzi

E. IL-KOMPONENT 5: TRASFORMAZZJONI EKONOMIKA U RIFORMA TAL-PRODUTTIVITÀ

Dan il-komponent tal-pjan Latvjan għall-irkupru u r-reżiljenza jikkonsisti f'żewġ subpartijiet li jindirizzaw l-isfidi ewlenin fl-innovazzjoni u l-edukazzjoni għolja, rispettivament. L-isfidi ewlenin relatati mal-innovazzjoni huma l-investment baxx fl-innovazzjoni, b'mod partikolari fis-settur privat, ir-rabtiet dgħajfa bejn ix-xjenza u n-negozju, in-nuqqas ta' riżorsi umani b'ħiliet għolja, u l-frammentazzjoni tal-governanza tas-sistema tal-innovazzjoni. L-isfida ewlenija relatata mal-edukazzjoni għolja hija xenarju frammentat tal-edukazzjoni għolja, magħmul minn għadd relattivament kbir ta' istituzzjonijiet żgħar li l-finanzjament tagħhom huwa kemm insuffiċjenti kif ukoll ineffettiv. Dan ifisser li l-biċċa l-kbira tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja (HEIs) ma għandhomx ir-riżorsi biex jipprovdu edukazzjoni ta' kwalità tajba u biex joħolqu massa kritika għal riċerka ta' kwalità għolja. Barra minn hekk, hemm mudell subottimali ta' governanza universitarja b'rappreżentanza fqira ta' partijiet ikkonċernati esterni u nuqqas ta' opportunitajiet ta' karriera akkademika attraenti, li jillimita r-riżorsi umani għall-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni.

L-objettivi tal-komponent huma li tiżdied il-produttività permezz ta' investimenti oġhla fir-R &D, tingħata spinta lill-kompetittività u titrawwem il-kooperazzjoni bejn is-settur pubbliku, in-negozji, l-akkademja u l-istituzzjonijiet tar-riċerka. Il-bidliet fil-governanza tas-sistema tal-innovazzjoni u l-iskemi ta' appoġġ li jakkumpanjawhom għall-investimenti privati fir-R &D għandhom l-għan li joħolqu ekosistemi tal-innovazzjoni sostenibbli u b'hekk irawmu investment ġenerali oġhla fl-innovazzjoni. Ir-riforma wiesgħa tal-edukazzjoni għolja għandha l-għan li tagħti spinta lill-kwalità u l-effiċjenza tal-edukazzjoni għolja, il-kompetittività tar-riċerka tal-Latvja u li twassal ħiliet aħjar lill-popolazzjoni tal-Latvja fit-tul.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż biex il-politika ekonomika relatata mal-investment tiffoka fuq l-innovazzjoni (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3, 2019, Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3, 2020) u biex tiżdied il-kwalità u l-effiċjenza tal-edukazzjoni u t-taħriġ (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2, 2019).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

E.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma 5.1.r.: Il-governanza tas-sistema tal-innovazzjoni u l-motivazzjoni tal-investment privat fir-R &D;

L-objettiv tal-miżura huwa li tintroduċi approċċ ekosistemiku fil-governanza tal-innovazzjoni. Għandha l-għan li tintroduċi strument ta' appoġġ li għandu jippermetti żieda fil-kapaċità tar-R &D fl-intrapriżi, jippromwovi l-kooperazzjoni transsettorjali, iżid is-sehem ta' intrapriżi innovattivi u b'hekk jippromwovi aktar investment privat fl-innovazzjoni.

Ir-riforma tikkonsisti fil-ħolqien ta' mudell ta' governanza tal-innovazzjoni li għandu jfisser l-assenjazzjoni ta' kompiti speċifiċi lill-istituzzjonijiet involuti li jirrappreżentaw il-gvern, l-industrija u l-akkademja. Il-kompiti ewlenin tas-sistema tal-innovazzjoni għandhom ikunu d-determinazzjoni tal-istrateġija, il-ġestjoni tal-fond tal-innovazzjoni, il-ġbir tad-data, il-kejl u l-monitoraġġ tal-prestazzjoni, kif ukoll il-valutazzjoni mill-ġdid perijodika tal-mudell ta' governanza.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sal-31 ta' Diċembru 2022.

Investiment: 5.1.1.1.i. L-iżvilupp u t-tħaddim kontinwu ta' mudell sħiħ ta' governanza tas-sistema tal-innovazzjoni

L-objettiv tal-miżura huwa li jiġi żviluppat mudell għall-governanza tas-sistema tal-innovazzjoni u l-operat kontinwu tagħha. L-investment jiffoka fuq it-titjib tal-governanza tas-sistema tal-innovazzjoni, li hija bbażata fuq strateġiji reġjonali ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti (RIS3) f'ħames oqsma — (a) bijoekonomija intensiva fl-għarfien, (b) bijomediċina, bijofarmaċija, u teknoloġiji tal-mediċina, (c) materjali, teknoloġiji u sistemi intelliġenti, (d) teknoloġiji tal-informazzjoni, u (e) enerġija intelliġenti. L-objettiv tal-miżura huwa li jiġu żviluppati ekosistemi tal-katina tal-valur fl-oqsma tal-RIS3 li jinvolvu r-rappreżentanti kollha mill-gvern, l-industrija u l-akkademja. Għandha l-għan li tippromwovi l-iżvilupp ta' prodotti u teknoloġiji ġodda u t-trasferiment tal-għarfien fl-ekonomija, li jikkontribwixxu għat-trasformazzjoni tal-ekonomija lejn valur miżjud ogħla.

L-investment jikkonsisti fl-istabbiliment ta' mudell ta' governanza tal-innovazzjoni li jiżgura approċċ koordinat għall-implimentazzjoni tal-fond tal-innovazzjoni kif ukoll il-monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-innovazzjoni. L-investment għandu jwassal għal bidliet fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika tal-innovazzjoni fl-oqsma tal-RIS3 — il-mod li bih hija involuta u tiffunzjona l-amministrazzjoni pubblika. Il-miżura għandha tiżgura t-tranżizzjoni tal-mudell ta' governanza tal-RIS3 għal approċċ ekosistemiku, kif ukoll ittejjeb il-fluss ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati (inklużi l-awtoritajiet pubbliċi responsabbli għall-politika tal-innovazzjoni u l-implimentazzjoni tal-istrumenti ta' appoġġ). Għandhom jitwettqu żewġ rapporti analitiċi biannwali fl-2023 u fl-2025 f'kull qasam tal-RIS3, inkluża l-prestazzjoni tal-programm ta' appoġġ għall-innovazzjoni, kif ukoll rakkomandazzjonijiet għal titjib possibbli fil-programm.

L-investment għandu jiġi implimentat sal-31 ta' Awwissu 2026.

Investiment: 5.1.1.2.i. Appoġġ għar-riċerka u l-internazzjonalizzazzjoni

L-objettiv tal-investment huwa li jżid il-volum tal-investimenti privati fir-R & D permezz ta' investimenti pubbliċi mmirati li għandhom jippromwovu l-iżvilupp ta' prodotti u teknoloġiji ġodda, kif ukoll it-trasferiment tal-għarfien fl-ekonomija.

L-investimenti għandhom jiffinanzjaw erba' programmi bl-ammonti indikattivi li ġejjin: i) programm ta' appoġġ għaċ-ċentri ta' kompetenza għal EUR 25 miljun, ii) programm ta' appoġġ għar-riċerka għal EUR 47 miljun, iii) programm ta' appoġġ għan-networks ta' kooperazzjoni għal EUR 5 miljun, u iv) programm ta' appoġġ għall-parteċipazzjoni fi Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI) għal EUR 31 miljun. Għandha tiġi organizzata sejħa magħluqa għall-appoġġ għal i) programm ta' appoġġ għaċ-ċentri ta' kompetenza. Għandha tiġi organizzata sejħa miftuħa għall-għażla ta' ii) intermedjarji privati għall-implimentazzjoni tal-programm ta' appoġġ għar-R & D, iii) intermedjarji għall-implimentazzjoni tal-programm ta' appoġġ għan-networks ta' kooperazzjoni, u iv) proġetti eliġibbli biex jipparteċipaw fl-IPCEI. Għandha ssir enfasi fuq il-bini ta' ekosistemi tal-innovazzjoni kompluti, li jkopru n-networks ta' kooperazzjoni eżistenti, filwaqt li jiġu żgurati l-ispeċjalizzazzjoni strateġika u l-iżvilupp tal-innovazzjoni fil-katina tal-valur lokali kollha, li għandhom jiżguraw integrazzjoni aktar mill-qrib tal-intrapriżi Latvjani fil-ktajjen tal-valur globali. L-entitajiet magħżula għandhom jingħataw il-kompitu li (i) jimplimentaw il-programm ta' appoġġ għal proġetti privati ta' riċerka u żvilupp, (ii) attivitajiet ta' promozzjoni tal-esportazzjoni, (iii) attivitajiet ta' networking u skambju ta' esperjenza, (iv) l-implimentazzjoni ta' programm ta' appoġġ għall-parteċipazzjoni fi programmi ta' riċerka fil-livell tal-UE u networks ta' kooperazzjoni internazzjonali, (v) l-implimentazzjoni tal-programm ta' appoġġ għall-involvement tal-intrapriżi Latvjani f'alleanzi industrijali fil-livell tal-UE u l-IPCEIs ippjanati u (vi) il-għbir ta' data mingħand il-benefiċjarji biex jiġu infurmati l-attivitajiet ta' valutazzjoni u monitoraġġ.

L-investment huwa mistenni li jiżgura l-iżvilupp ta' prodotti innovattivi ġodda u għandu jkopri spejjeż bħar-riċerka industrijali, l-iżvilupp sperimentali, l-istudji ta' fattibbiltà, il-kofinanzjament għall-parteċipazzjoni fi proġetti Ewropej u internazzjonali tar-R &D. Il-finanzjament għandu jiġi żgurat għall-parteċipazzjoni fl-IPCEI ppjanat, inkluż fl-oqsma tal-cloud u l-edge computing tal-ġenerazzjoni li jmiss. Aġenzija tal-gvern għandha tiddetermina l-aktar proġett (i) xieraq (i) għall-parteċipazzjoni fl-IPCEI u għandha tinkludi dispożizzjonijiet xierqa fil-pjan ta' azzjoni meħmuż mal-implimentazzjoni ta' din il-miżura.

L-investment għandu jiġi implimentat sal-31 ta' Awwissu 2026.

Riforma 5.2.1.r.: Ir-riforma tal-Edukazzjoni Għolja u l-Eċċellenza Xjentifika u l-Governanza

L-oġġettivi tar-riforma huma li tiżdied il-kompetittività internazzjonali tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja.

Ir-riforma tikkonċerna bidliet strutturali fi tliet pilastri: (I) il-governanza permezz tal-istabbiliment ta' teħid ta' deċiżjonijiet akkademiċi u strateġiċi separati, bl-involvement ta' membri esterni; (II) finanzjament li għandu jiġi allokat skont ir-riżultati miksuba skont il-prijoritajiet nazzjonali u l-oġġettivi tat-tipoloġija tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja; u (iii) ir-riżorsi umani bl-iżvilupp ta' mudell ta' karriera ġdid u unifikat għall-persunal akkademiku u xjentifiku f'konformità mal-aħjar prattika globali, il-promozzjoni tal-attrazzjoni u ż-żamma tal-persunal globali, speċjalment id-dijaspora fil-Latvja.

Sal-31 ta' Diċembru 2022, il-miżura għandha tiżgura d-dħul fis-seħħ tal-qafas regolatorju għall-implimentazzjoni tar-riforma tal-governanza tas-sistema ta' edukazzjoni għolja li tkopri (i) tipoloġiji ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u kriterji biex wieħed jikkwalifika għal tip partikolari; (ii) il-proċedura għall-istabbiliment u l-approvazzjoni tal-kunsilli tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, il-kompetenza tal-kunsilli, filwaqt li jiġu ċċarati l-kompetenzi tas-Senat, tar-Rettur u tal-Assemblea Kostituzzjonali; (iii) il-proċedura għall-għażla u l-approvazzjoni ta' reatturi universitarji ġodda; (iv) id-definizzjoni tal-ispeċjalizzazzjoni strateġika tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja.

Sat-30 ta' Settembru 2023 mill-inqas erba' pjanijiet ta' konsolidazzjoni ta' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja għandhom jiġu approvati u eliġibbli għal għotjiet ta' konsolidazzjoni (investment: 5.2.1.II. Għotjiet għar-riċerka, l-iżvilupp u l-konsolidazzjoni). 5.2.1.II. Għotjiet għar-riċerka, l-iżvilupp u l-konsolidazzjoni

Sal-31 ta' Diċembru 2024, il-miżura għandha tiżgura d-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet legali (i) li jintroduċu mudell ta' dottorat ġdid; (II) l-introduzzjoni ta' akkreditazzjoni istituzzjonali ċiklika ta' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja u kulleġġi; (III) żvilupp ulterjuri tal-mudell ta' finanzjament għall-edukazzjoni għolja u (iv) l-irbit tal-finanzjament pubbliku mar-riżultati tal-evalwazzjoni internazzjonali tal-istituzzjonijiet xjentifiċi.

Sal-31 ta' Awwissu 2026, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja kollha mwaqqfa mill-Istat għandhom jimplimentaw il-mudell il-ġdid ta' governanza, inklużi bidliet fil-korpi ta' governanza interni, stabbilew il-kriterji għall-elezzjoni tar-rettur f'konformità mar-rekwiżiti tal-liġi, u ħatru tim manijerjali.

Investiment: 5.2.1.1.i. Għotjiet għar-riċerka, l-iżvilupp u l-konsolidazzjoni

L-oġġettivi tal-investment huma li jitnaqqas l-għadd ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u istituti xjentifiċi permezz tal-konsolidazzjoni. Il-pjan għandu jiffinanzja għotjiet li għandhom jinċentivaw fużjonijiet fl-edukazzjoni għolja, li għandhom jgħinu biex jikkonċentraw ir-riżorsi skarsi kemm fl-edukazzjoni għolja kif ukoll fir-riċerka akkademika.

Il-pjanijiet ta' konsolidazzjoni approvati tal-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja għandhom jinkludu pjan ta' investment. Dan jista' jkopri għotjiet għal bidla strutturali; għotjiet ta' ħruġ għat-tmiem tal-

impjeg ma' persunal akkademiku li għandu aktar minn 65 sena; id-diġitalizzazzjoni, l-iżvilupp teknoloġiku, it-titjib tal-infrastruttura tar-riċerka u l-edukazzjoni (minbarra l-kostruzzjoni) u l-ħolqien ta' programmi ġodda ta' eċċellenza.

L-investment jista' jkopri ftehimiet ta' għotja konklużi mill-universitajiet jew l-istituti ta' riċerka għal għotjiet għal dottorati, għotjiet postdottorali jew għotjiet xjentifiċi (professuri) kif ukoll għotjiet interni għar-riċerka.

L-investment għandu jiġi implimentat sal-31 ta' Awwissu 2026.

E.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Nru	Miżura relatata (riforma jew investiment)	Stadju importanti/ mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
154	5.1.r. Il-governanza tas-sistema tal-innovazzjoni u l-motivazzjoni tal-investiment privat fir-riċerka u l-iżvilupp	Stadju importanti	L-iżvilupp ta' strateġija nazzjonali fit-tul għal kull wieħed mill-oqsma tal-RIS3 u l-istabiliment ta' Bord Strateġiku ta' Tmexxija għal kull wieħed mill-oqsma tal-RIS3	L-istrateġija ġiet miftiehma mal-partijiet ikkonċernati kollha u approvata. Il-bordijiet Strateġiċi ta' Tmexxija għall-RIS3 ġew stabbiliti u r-rappreżentanti tagħhom ġew eletti.	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Q4	2022	<p>Għandhom jidħlu fis-seħħ emendi għal-leġiżlazzjoni rilevanti li jagħtu l-funzjonijiet li ġejjin lill-istituzzjonijiet rilevanti:</p> <p>L-Aġenzija tal-Investiment u l-Iżvilupp tal-Latvja (LIDA) għandha tkun responsabbli għal:</p> <ul style="list-style-type: none"> — L-iżvilupp ta' strateġiji fit-tul fil-livell nazzjonali f'kull wieħed mill-oqsma tal-RIS3 — L-iżvilupp ta' pjanijiet ta' azzjoni annwali għal kull wieħed mill-oqsma tal-RIS3 — L-istabiliment ta' Bord Strateġiku ta' Tmexxija għal kull waħda miż-żoni tal-RIS3 Tmexxija u koordinazzjoni tal-kunsilli stabbiliti — L-iżvilupp ta' metodoloġija għall-għażla tal-ktajjen tal-valur tal-assi, inkluż l-istabiliment ta' kriterji kwantitattivi għall-eliminazzjoni tal-ktajjen tal-valur <p>Bord ta' Tmexxija Strateġiku għal kull qasam tal-RIS3:</p> <ul style="list-style-type: none"> — L-iżgurar tal-kompatibbiltà tal-investimenti pjanati mal-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni tal-RIS3, il-vantaġġi kompetittivi nazzjonali — għandha tkun maġmula minn atturi privati, pubbliċi u ta' riċerka ewlenin.

Nru	Miżura relatata (riforma jew investiment)	Stadju importanti/ mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
										<p>— jiġi elett mil-LIDA bi qbil mal-ministeri involuti. Il-Bord ta' Tmexxija Strateġika jiġi elett mill-ġdid darba fis-sena.</p> <p>— Il-Bord ta' Tmexxija Strateġika għandu jkun responsabbli għall-approvazzjoni tal-istrategġji għall-oqsma ta' speċjalizzazzjoni tal-RIS3.</p> <p>Il-Ministeru tal-Ekonomija għandu jkun responsabbli biex:</p> <p>— l-iżvilupp ta' sistema analitika u ta' monitoraġġ għas-settur tan-negozju fl-oqsma ta' speċjalizzazzjoni tal-RIS3, l-iżvilupp ta' rapporti ta' monitoraġġ</p>
155	5.1.1.1.i. L-iżvilupp u t-tħaddim kontinwu ta' mudell sħiħ ta' governanza tas-sistema tal-innovazzjoni	Mira	Il-mobilizzazzjoni tar-riżorsi umani meħtieġa	Mhux applikabbli	Numru ta' persuni	0	19	Q4	2023	Il-Ministeru tal-Ekonomija u l-Aġenzija Latvjana tal-Investiment u l-Iżvilupp għandhom jikkuntrattaw mill-inqas 19 persuna biex jiżguraw it-tweqqif tal-funzjonijiet assenjati lil dawn l-istituzzjonijiet fir-rigward tal-governanza tal-innovazzjoni.
156	5.1.1.1.i. L-iżvilupp u t-tħaddim kontinwu ta' mudell sħiħ ta' governanza tas-sistema tal-innovazzjoni	Stadju importanti	Il-pubblikazzjoni ta' rapport ta' monitoraġġ li jipprovdi informazzjoni dwar kull qasam tal-RIS3, l-operat tal-mudell tal-ġestjoni tal-innovazzjoni u l-	Rapport ta' monitoraġġ analitiku ppubblikat approvat mill-Bordijiet Strateġiċi ta' Tmexxija tal-oqsma ta' speċjalizzazzjoni tal-RIS3.	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Q3	2026	Il-Ministeru tal-Ekonomija għandu jippubblika: <p>— rapport ta' monitoraġġ analitiku biannwali (2023 u 2025, total ta' 2) għal kull qasam tal-RIS3, li jinkludi wkoll evalwazzjoni tal-Programm ta' Appoġġ għall-Innovazzjoni u rakkomandazzjonijiet għat-titjib tiegħu.</p> <p>— rapport ta' monitoraġġ wieħed (li jkopri l-perjodu 2023–2025) li</p>

Nru	Miżura relatata (rifirma jew investiment)	Stadju importanti/ mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
			finanzjament fit-tul.							<p>fih valutazzjoni globali u individwali tal-prestazzjoni tal-intermedjarji privati magħżula għall-implimentazzjoni tal-programm ta' appoġġ għar-riċerka u l-programm ta' appoġġ għan-netwerk ta' kooperazzjoni kif ukoll analiżi tal-funzjonament tal-mudell il-ġdid ta' governanza tal-innovazzjoni.</p> <p>Għandu jiġi żgurat il-finanzjament tal-baġit tal-istat fit-tul għas-sistema ta' ġestjoni tal-innovazzjoni. Id-Deċiżjoni ta' finanzjament għandha tispeċifika l-funzjonijiet tal-istituzzjonijiet involuti skont ir-riżultati tar-rapport ta' monitoraġġ imsemmi hawn fuq.</p>
157	5.1.1.2.i. Strument ta' appoġġ għar-riċerka u l-internazzjonalizza zzjoni	Stadju importanti	Adottati Regolamenti tal-Kabinett	Dħul fis-seħħ tar-Regolamenti tal-Kabinett li jirregolaw l-erba' programmi ta' appoġġ				Q1	2024	<p>Ir-regolamenti tal-Kabinett li jirregolaw l-implimentazzjoni ta' i) programm ta' appoġġ għaċ-ċentri ta' kompetenza, ii) programm ta' appoġġ għar-riċerka, iii) programm ta' appoġġ għan-networks ta' kooperazzjoni u iv) programm ta' appoġġ għall-parteċipazzjoni tal-IPCEI għandhom jidħlu fis-seħħ, u għandhom:</p> <p>— tinkludi indikaturi għall-kejl tal-prestazzjoni tal-intermedjarji magħżula, bħal investiment privat fir-R &D, żieda fl-esportazzjonijiet</p>

Nru	Miżura relatata (riforma jew investiment)	Stadju importanti/ mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
										<p>fost il-benefiċjarji, għadd ta' prodotti żviluppati; u għal — tiddefinixxi r-responsabbiltà tal-intermedjarji għall-ġbir tad-data mill-benefiċjarji finali tal-programm.</p> <p>Ir-regolamenti tal-Kabinett għandhom jistabbilixxu li l-għażla tal-intermedjarji għall-implimentazzjoni tal-programm ta' appoġġ għar-riċerka u l-programm ta' appoġġ għan-networks ta' kooperazzjoni għandha tqis il-konformità tagħhom mal-istrateġija ta' speċjalizzazzjoni tal-RIS3, kif ukoll il-kapaċità tagħhom li jorganizzaw sejħiet u l-kompetenza tagħhom biex jevalwaw il-proġetti fil-qasam tematiku rispettiv tagħhom.</p> <p>Barra minn hekk, huma għandhom jistabbilixxu li l-intermedjarji magħżula għall-implimentazzjoni tal-programm ta' appoġġ għaċ-ċentri ta' kompetenza u tal-programm ta' appoġġ għar-riċerka għandhom ikunu responsabbli għat-tweqqif tal-attivitajiet li ġejjin: I. l-implimentazzjoni tal-programm ta' appoġġ għar-R &D; u għal II. il-ġbir tad-data mill-benefiċjarji finali li għandu jintuża għall-</p>

Nru	Miżura relatata (rifirma jew investiment)	Stadju importanti/ mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
										<p>monitoraġġ tal-attivitajiet imwettqa mill-Ministeru tal-Ekonomija.</p> <p>Barra minn hekk, għandu jstabilixxi li l-intermedjarji magħżula għall-implimentazzjoni tal-programm ta' appoġġ għan-netwerks ta' kooperazzjoni għandhom ikunu responsabbli għat-twettiq ta' waħda jew aktar mill-attivitajiet li ġejjin:</p> <p>i. attivitajiet ta' promozzjoni tal-esportazzjoni;</p> <p>ii. attivitajiet ta' netwerking u skambju ta' esperjenza;</p> <p>iii. L-implimentazzjoni tal-parteċipazzjoni tal-operaturi ekonomiċi fi programmi ta' riċerka u żvilupp fil-livell tal-UE u f' networks ta' kooperazzjoni internazzjonali; U għal</p> <p>iv. il-ġbir tad-data mill-benefiċjarji finali li għandu jintuża għall-monitoraġġ tal-attivitajiet imwettqa mill-Ministeru tal-Ekonomija.</p> <p>Barra minn hekk, hija għandha tistabilixxi li r-riċevitur finali tal-appoġġ fil-programm ta' appoġġ għall-parteċipazzjoni tal-IPCEI għandu jkun responsabbli għat-twettiq ta' waħda jew aktar mill-attivitajiet li ġejjin:</p>

Nru	Miżura relatata (riforma jew investiment)	Stadju importanti/mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
										i. l-implimentazzjoni tal-programm ta' appoġġ għar-R&Ż; ii. l-identifikazzjoni u l-motivazzjoni tal-parteeċipanti ppjanati tal-IPCEI biex jissottomettu ideat għal proġetti; u għal iii. il-ġbir tad- <i>data</i> mill-benefiċjarji finali li għandu jintuża għall-monitoraġġ tal-attivitajiet imwettqa mill-Ministeru tal-Ekonomija.
158	5.1.1.2.i. Strument ta' appoġġ għar-riċerka u l-internazzjonalizzazzjoni	Mira	Impenn ta' finanzjament	Mhux applikabbli	F'miljuni ta' EUR	0	98	Q2	2025	Fil-konklużjoni tal-programm, għandu jingħata dan li ġej: — konferma tal-impenn ta' mill-inqas EUR 98 miljun għall-finanzjament ta' proġetti R & D.
159	5.2.1.r. Ir-riforma tal-Edukazzjoni Għolja u l-Eċċellenza Xjentifika u l-Governanza	Stadju importanti	Riforma tal-governanza tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja	L-emendi leġislattivi daħlu fis-seħħ f'konformità mar-riforma tal-governanza tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Q4	2022	Il-qafas regolatorju għall-implimentazzjoni tar-riforma tal-governanza tas-sistema tal-edukazzjoni għolja daħal fis-seħħ, inkluż: - Tipoloġiji universitarji u kriterji biex wieħed jikkwalifika għal tip partikolari; - il-proċedura għall-istabbiliment u l-approvazzjoni tal-kunsilli universitarji, il-kompetenza tal-kunsilli, filwaqt li jiġu ċċarati l-kompetenzi tas-Senat, tar-Rettur u tal-Assemblea Kostituzzjonali; - il-proċedura għall-għażla u l-approvazzjoni ta' reatturi universitarji ġodda;

Nru	Miżura relatata (riforma jew investiment)	Stadju importanti/ mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
										- id-definizzjoni tal-ispeċjalizzazzjoni strateġika tal-universitajiet.
160	5.2.1.r. Ir-riforma tal-Edukazzjoni Għolja u l-Eċċellenza Xjentifika u l-Governanza	Stadju importanti	Riforma tal-edukazzjoni għolja	Daħlu fis-seħħ l-emendi leġiżlattivi	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Q4	2024	Il-Parlament adotta emendi għal-Liġi dwar l-edukazzjoni għolja u l-Liġi dwar l-Attivitajiet Xjentifiċi u l-Kabinett tal-Ministri adotta emendi għar-Regolamenti tal-Kabinett relatati fir-rigward ta': - L-introduzzjoni tal-mudell ta' dottorat ġdid fil-Latvja (skont is-soluzzjoni għall-implimentazzjoni tar-riforma prevista fir-rapport kunċettwali, il-Kabinett tal-Ministri ġie appoġġat fil-25.06.2020); - L-implimentazzjoni tal-mudell il-ġdid tal-karriera akkademika fil-Latvja (f'konformità mas-soluzzjoni għall-implimentazzjoni tar-riforma prevista fir-rapport kunċettwali, huwa ppjanat li l-Kabinett tal-Ministri jiġi eżaminat sat-30.06.2022); - L-implimentazzjoni ta' akkreditazzjoni istituzzjonali ċiklika tal-edukazzjoni għolja u l-kulleġġi fil-Latvja (f'konformità mas-soluzzjoni għall-implimentazzjoni tar-riforma prevista fir-rapport kunċettwali, huwa ppjanat li l-Kabinett tal-Ministri jiġi eżaminat sal-31.12.2022); - 3 pilastru ta' żvilupp ulterjuri tal-mudell ta' finanzjament għall-

Nru	Miżura relatata (riforma jew investiment)	Stadju importanti/ mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
										edukazzjoni għolja (f'konformità mas-soluzzjoni għat-titjib tal-mudell ta' finanzjament previst fir-rapport ta' informazzjoni, il-Kabinett tal-Ministri huwa mistenni li jeżamina sal-31.12.2021); - l-irbit tal-finanzjament pubbliku mar-riżultati tal-evalwazzjoni internazzjonali tal-istituzzjonijiet xjentifiċi (f'konformità mas-soluzzjoni għat-titjib tal-mudell ta' finanzjament previst fir-rapport ta' informazzjoni, il-Kabinett tal-Ministri huwa mistenni li jeżamina sal-31.12.2021).
161	5.2.1.r. Ir-riforma tal-Edukazzjoni Għolja u l-Eċċellenza Xjentifika u l-Governanza	Mira	Konsolidazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja	Mhux applikabbli	Numru	0	4	Q2	2023	<p>Pjanijiet ta' konsolidazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja approvati mill-Ministeru tal-Edukazzjoni, inklużi:</p> <ul style="list-style-type: none"> - pjan ta' investiment u ammont ta' għotja ta' konsolidazzjoni - modalitajiet u skeda ta' żmien għall-kisba ta' konsolidazzjoni interna jew esterna ta' żewġ istituzzjonijiet jew aktar ta' edukazzjoni għolja, inkluż permezz tal-formazzjoni ta' konsorzji, jekk meħtieġ għall-implimentazzjoni ta' konsolidazzjoni esterna. <p>L-investimenti li ġejjin għandhom ikunu eliġibbli għal finanzjament minn għotjiet ta' konsolidazzjoni: 1) għotjiet għal bidla strutturali;</p>

